ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

**Ħarġa Speċjali ***
**16 ta' Ottubru 2006**

Edizzjoni bil-Malti

## Leġiżlazzjoni

Werrej

I *Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

. . . . . .

II *Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

**Kunsill**

2006/682/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2006 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Multilaterali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ir-Repubblika ta' l-Albanija, il-Bosnja u Ħerzegovina, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Kroazja, dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, ir-Repubblika ta' l-Islanda, ir-Repubblika tal-Montenegro, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Serbja, u l-Missjoni ta' Amministrazzjoni Temporanja tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo dwar l-Istabbiliment ta' Żona ta' Avjazzjoni Komuni Ewropea (ECAA)** ..... 1

**Ftehim multilaterali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ir-Repubblika ta' l-Albanija, il-Bosnja u Ħerzegovina, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Kroazja, dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, ir-Repubblika ta' l-Islanda, ir-Repubblika tal-Montenegro, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Serbja, u l-Missjoni ta' Amministrazzjoni Temporanja tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo dwar l-Istabbiliment ta' Żona ta' Avjazzjoni Komuni Ewropea** ..... 3

2006/683/KE, Euratom:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2006 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill** ..... 47

**Prezz: 18 EUR**

MT

* Din il-Ħarġa Speċjali bil-Malti hija ppubblikata bil-lingwi uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea fil-ĠU L 285.

II

*(Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL U TAR-RAPPREŻENTANTI TA’ L-ISTATI MEMBRI TA’ L-UNJONI EWROPEA MLAQQGĦIN FI ĦDAN IL-KUNSILL

**tad-9 ta’ Ġunju 2006**

**dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Multilaterali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ir-Repubblika ta’ l-Albanija, il-Bosnja u Ħerzegovina, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Kroazja, dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, ir-Repubblika ta’ l-Islanda, ir-Repubblika tal-Montenegro, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Serbja, u l-Missjoni ta’ Amministrazzjoni Temporanja tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo dwar l-Istabbiliment ta’ Żona ta’ Avjazzjoni Komuni Ewropea (ECAA)**

(2006/682/KE)

IL-KUNSILL TA’ L-UNJONI E WROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TA’ L-ISTATI MEMBRI TA’ L-UNJONI EWROPEA MLAQQGĦIN FI ĦDAN IL-KUNSILL,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 80(2), flimkien ma’ l-ewwel sentenza ta’ l-ewwel sottoparagrafu ta’ l-Artikolu 300(2) u l-Artikolu 300(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati ma’ ċerti pajjiżi terzi Ewropej biex tiġi stabbilita Żona ta’ Avjazzjoni Komuni Ewropea (ECAA);

(2) F’isem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha l-Kummissjoni nnegozjat Ftehim Multilaterali ma’ l-Albanija, il-Bosnja u Ħerzegovina, il-Bulgarija, il-Kroazja, dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, l-Islanda, l-Montenegro, in-Norveġja, ir-Rumanija, is-Serbja u l-Missjoni ta’ Amministrazzjoni Temporanja tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo dwar l-istabbiliment ta’ Żona ta’ Avjazzjoni Komuni Ewropea skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati;

(3) Soġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f’data aktar tard, il-Ftehim innegozjat mill-Kummissjoni għandu jiġi ffirmat u applikat provviżorjament,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

1. L-iffirmar tal-Ftehim Multilaterali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ir-Repubblika ta’ l-Albanija, il-Bosnja u Ħerzegovina, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Kroazja, dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, ir-Repubblika ta’ l-Islanda, ir-Repubblika tal-Montenegro, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Serbja u l-Missjoni ta’ Amministrazzjoni Temporanja tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo dwar l-Istabbiliment ta’ Żona ta’ Avjazzjoni Komuni Ewropea (ECAA), minn hawn ’il quddiem imsejjaħ “il-Ftehim”, huwa b’ dan approvat f’isem il-Komunità, soġġett għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim.

2. Il-President tal-Kunsill hu hawnhekk awtorizzat biex jaħtar il-persuna(i) awtorizzata/i biex t/jiffirma/w il-Ftehim f’isem il-Komunitá, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

3. Sakemm jidħol fis-seħħ, il-Ftehim għandu jiġi applikat skond l-Artikolu 29(3) tiegħu. Il-President tal-Kunsill huwa b’ dan awtorizzat jagħmel in-notifika msemmija f’dik id-disposizzjoni f’isem il-Komunitá u l-Istati Membri tagħha.

4. It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma’ din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

1. Il-Komunità u l-Istati Membri għandhom ikunu rappreżentati fil-Kumitat Konġunt stabbilit taħt l-Artikolu 18 tal-Ftehim.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità u l-Istati Membri tagħha rigward id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taħt l-Artikolu 17 tal-Ftehim, li sempliċiment jestendi l-atti tal-leġislazzjoni tal-Komunità billi jinkludihom fl-Anness I tal-Ftehim, soġġett għal kwalunkwe modifiki tekniċi meħtieġa.

3. Għal deċiżjonijiet oħra tal-Kumitat Konġunt rigward kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza Komunitarja, il-pożizzjoni tal-Komunità u l-Istati Membri tagħha għandha tiġi adottata mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, fuq proposta mill-Kummissjoni.

4. Għal deċiżjonijiet oħra tal-Kumitat Konġunt rigward kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza ta' l-Istati Membri, il-pożizzjoni li għandha tiġi ppreżentata għandha tiġi adottata mill-Kunsill, li jaġixxi b'unanimità, fuq proposta mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri.

5. Il-pożizzjoni tal-Komunità u l-Istati Membri fil-Kumitat Konġunt għandha tiġi ppreżentata mill-Kummissjoni, ħlief f'oqsma li jaqgħu fil-kompetenza esklussiva ta' l-Istati Membri f'liema każ din għandha tiġi ppreżentata mill-Presidenza tal-Kunsill jew, jekk il-Kunsill jiddeċiedi hekk, mill-Kummissjoni.

Magħmula fil-Lussemburgu nhar id-9 ta' Ġunju 2006.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

H. GORBACH

# FTEHIM MULTILATERALI

**bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ir-Repubblika ta' l-Albanija, il-Bosnja u Ħerzegovina, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Kroazja, dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, ir-Repubblika ta' l-Islanda, ir-Repubblika tal-Montenegro, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Serbja, u l-Missjoni ta' Amministrazzjoni Temporanja tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo ([1]) dwar l-Istabbiliment ta' Żona ta' Avjazzjoni Komuni Ewropea**

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TA' L-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TA' L-IŻVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

minn hawn 'il quddiem imsejħa "Stati Membri tal-KE", u

Il-KOMUNITÀ EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Komunità", jew "il-Komunità Ewropea", u

R-REPUBBLIKA TA' L-ALBANIJA,

([1]) Skond ir-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU ta' l-10 ta' Ġunju 1999.

IL-BOSNJA U ĦERZEGOVINA,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

DIK LI QABEL KIENET IR-REPUBBLIKA JUGOSLAVA TAL-MAĊEDONJA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-ISLANDA,

IR-REPUBBLIKA TAL-MONTENEGRO,

IR-RENJU TAN-NORVEĠJA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SERBJA, u

L-MISSJONI TA' AMMINISTRAZZJONI TEMPORANJA TAN-NAZZJONIJIET UNITI FIL-KOSOVO,

minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Partijiet Kontraenti",

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU n-natura integrata ta' l-avjazzjoni ċivili internazzjonali u filwaqt li jixtiequ joħolqu Żona ta' Avjazzjoni Komuni Ewropea (ECAA) bbażata fuq l-aċċess reċiproku tas-suq għas-swieq tat-trasport bl-ajru tal-Partijiet Kontraenti u l-libertà ta' stabbiliment, b'kondizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni, u l-osservanza ta' l-istess regoli – inkluż fl-oqsma tas-sikurezza, s-sigurtà, il-ġestjoni tat-traffiku ta' l-ajru, l-armonizzazzjoni soċjali u l-ambjent;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li r-regoli li jikkonċernaw l-ECAA għandhom japplikaw fuq bażi multilaterali fi ħdan l-ECAA u li, għalhekk, jeħtieġ li jiġu definiti regoli speċifiċi f'dan ir-rigward;

FILWAQT LI JAQBLU li huwa xieraq li dawn ir-regoli ta' l-ECAA ikunu bbażati fuq il-leġislazzjoni rilevanti li hija fis-seħħ fi ħdan il-Komunità Ewropea, kif stabbilit fl-Anness I għal dan il-Ftehim, mingħajr preġudizzju għal dawk li jinsabu fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita' Ewropea;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li konformità sħiħa mar-regoli ta' l-ECAA tagħti d-dritt lill-Partijiet Kontraenti li jgawdu mill-benefiċċji ta' l-ECAA, inkluż l-aċċess għas-suq;

FILWAQT LI JŻOMMU F'MOĦĦHOM li konformità mar-regoli ta' l-ECAA, inkluż aċċess sħiħ għas-suq, ma tistax tinkiseb fi stadju wieħed, iżda pjuttost permezz ta' transizzjoni li tiġi ffaċilitata b'arranġamenti speċifiċi ta' tul limitat;

FILWAQT LI JISĦQU li, soġġett għal arranġamenti transitorji fejn meħtieġ, ir-regoli li jikkonċernaw l-aċċess għas-suq ta' trasportaturi ta' l-ajru għandhom jeskludu limitazzjonijiet dwar frekwenzi, kapaċità, rotot ta' l-ajru, tip ta' ajruplan jew restrizzjonijiet simili taħt ftehim bilaterali tat-trasport bl-ajru, u li trasportaturi ta' l-ajru m'għandhomx ikunu meħtieġa li jidħlu fi ftehim kummerċjali jew arranġamenti simili bħala kondizzjoni għall-aċċess għas-suq;

FILWAQT LI JISĦQU li t-trasportaturi ta' l-ajru għandhom jiġu ttrattati b'mod li ma jkunx diskriminatorju fir-rigward ta' l-aċċess tagħhom għall-infrastrutturi tat-trasport bl-ajru b'mod partikolari fejn dawn l-infrastrutturi huma limitati;

FILWAQT LI JŻOMMU F'MOĦĦHOM li fil-prinċipju l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom u ċerti Partijiet Kontraenti oħra jipprovdu li, bil-ħsieb li jiġu żgurati żvilupp koordinat u liberalizzazzjoni progressiva tat-trasport bejn il-Partijiet għal dawk il-Ftehim kif adattati għall-ħtiġijiet kummerċjali reċiproċi, il-kondizzjonijiet ta' aċċess reċiproku għas-suq tat-trasport bl-ajru għandhom jiġu ttrattati permezz ta' ftehim speċjali;

FILWAQT LI JŻOMMU F'MOĦĦHOM ix-xewqa ta' kull waħda mill-Partijiet Assoċjati li tagħmel il-liġijiet tagħha dwar it-trasport bl-ajru u dwar kwistjonijiet relatati kompatibbli ma' dawk tal-Komunità Ewropea, inkluż fir-rigward ta' żviluppi leġislattivi tal-futur fi ħdan il-Komunità;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-importanza ta' l-assistenza teknika f'din il-perspettiva;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li r-relazzjonijiet bejn il-Komunità u l-Istati Membri tal-KE u n-Norveġja u l-Islanda għandhom ikomplu jiġu rregolati mill-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea;

FILWAQT LI JIXTIEQU jagħtu lok għal tkabbir sussegwenti taż-Żona ta' Avjazzjoni Komuni Ewropea;

FILWAQT LI JERĠGĦU JIFTAKRU fin-negozjati bejn il-Komunità Ewropea u l-Partijiet Assoċjati bil-ħsieb li jikkonkludu Ftehim dwar Ċerti Aspetti ta' Servizzi bl-Ajru li għandhom iwasslu biex ftehim bilaterali dwar servizz bl-ajru bejn l-Istati Membri tal-KE u l-Partijiet Assoċjati jsiru konformi mad-dritt tal-Komunità Ewropea;

QABLU KIF ĠEJ:

OBJETTIVI U PRINĊIPJI

*Artikolu 1*

1. L-għan ta' dan il-Ftehim huwa l-ħolqien ta' Żona ta' Avjazzjoni Komuni Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-ECAA. L-ECAA għandha tkun ibbażata fuq aċċess ħieles tas-suq, libertà ta' stabbiliment, kondizzjonijiet ugwali tal-kompetizzjoni, u regoli komuni inkluż fl-oqsma tas-sikurezza, s-sigurtà, il-ġestjoni tat-traffiku ta' l-ajru, fl-oqsma soċjali u ambjentali. Għal dan il-fini dan il-Ftehim jistabbilixxi r-regoli applikabbli bejn il-Partijiet Kontraenti taħt il-kondizzjonijiet imsemmija aktar 'il quddiem. Dawn ir-regoli jinkludu d-dispożizzjonijiet stabbiliti mil-leġislazzjoni speċifikata fl-Anness I.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim għandhom japplikaw sal-punt li jikkonċerna t-trasport bl-ajru jew xi kwistjoni relatata msemmija fl-Anness I.

3. Dan il-Ftehim jikkonsisti f'Artikoli, li jittrattaw il-funzjonament ġenerali ta' l-ECAA, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Prinċipali", f' Annessi, li fosthom l-Anness I fih il-leġislazzjoni tal-Komunità Ewropea applikabbli bejn il-Partijiet Kontraenti fil-qafas tal-Ftehim Prinċipali, u fi Protokolli, li fosthom hemm mill-inqas wieħed għal kull Parti Assoċjata li jistabbilixxi l-arranġamenti transitorji li japplikaw għaliha.

*Artikolu 2*

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim:

(a) it-terminu "Ftehim" ifisser il-Ftehim Prinċipali, l-Annessi tiegħu, l-atti msemmija fl-Anness I kif ukoll il-Protokolli tiegħu;

(b) it-terminu "Parti Assoċjata" jfisser ir-Repubblika ta' l-Albanija, il-Bosnja u Ħerzegovina, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Kroazja, dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, ir-Repubblika tal-Montenegro, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Serbja, jew kwalunkwe Stat jew entità oħra li jkunu saru parti minn dan il-Ftehim skond l-Artikolu 32;

(ċ) "Parti Assoċjata addizzjonali" jew "l-UNMIK" li tfisser il-Missjoni ta' Amministrazzjoni Temporanja tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo skond ir-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-10 ta' Ġunju 1999;

(d) it-terminu "Parti Kontraenti" jfisser, fir-rigward tal-Komunità u l-Istati Membri tal-KE, il-Komunità u l-Istati Membri tal-KE, jew il-Komunità, jew l-Istati Membri tal-KE. It-tifsira li għandha tingħata lil din l-espressjoni f'kull każ għandha tiġi mis-sens tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan il-Ftehim u mill-kompetenzi rispettivi tal-Komunità u l-Istati Membri tal-KE kif isegwu mit-Trattat KE;

(e) it-terminu "Imsieħeb ta' l-ECAA" ifisser Parti Assoċjata, in-Norveġja jew l-Islanda;

(f) it-terminu "Trattat tal-KE" jfisser it-Trattat li Jistabbilixxi l-Komunità Ewropea;

(g) it-terminu "Ftehim taż-ŻEE" jfisser il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u l-Protokolli u l-Annessi tiegħu ffirmat fit-2 ta' Mejju 1992 u li tiegħu l-Komunità Ewropea, l-Istati Membri tagħha, l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja huma parti;

(h) it-terminu "Ftehim ta' Assoċjazzjoni" jfisser kull wieħed mill-Ftehim li jistabbilixxu assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, jew bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Parti Assoċjata rispettiva, min-naħa l-oħra;

(i) it-terminu "Trasportatur ta' l-ajru ta' l-ECAA" jfisser trasportatur ta' l-ajru, li huwa liċenzjat kif previst f'dan il-Ftehim skond id-dispożizzjonijiet ta' l-atti rilevanti speċifikati fl-Anness I;

(j) it-terminu "Awtorità Kompetenti ta' l-Avjazzjoni Ċivili" jfisser aġenzija jew entità governattiva li teżerċita dritt legali biex tevalwa l-konformità ta', tiċċertifika u tissorvelja l-użu jew bejgħ ta' prodotti jew servizzi jew liċenzji li jkunu parti mill-ġurisdizzjoni ta' Parti Kontraenti u tista' tieħu azzjoni ta' infurzar tal-liġi biex tiżgura li l-prodotti jew servizzi li jiġu kkummerċjalizzati fil-ġurisdizzjoni tagħha jkunu konformi ma' ħtiġiet legali;

(k) it-terminu "Konvenzjoni" jfisser il-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, miftuħa għall-firma f'Chicago fis-7 ta' Diċembru 1944, u l-emendi u l-Annessi tagħha;

(l) it-terminu "SESAR" ifisser l-implimentazzjoni teknika ta' l-Ajru Uniku Ewropew li jipprovdi riċerka, żvilupp u użu koordinat u sinkronizzat ta' tipi ġodda ta' sistemi ta' l-ATM;

(m) it-terminu "Pjan ta' Tmexxija ta' l-ATM" (Pjan ta' Tmexxija tal-Ġestjoni tat-Traffiku ta' l-Ajru) ifisser il-punt inizjali ta' SESAR;

(n) it-terminu "Stat Membru tal-KE" jfisser Stat Membru tal-Komunità Ewropea.

2. L-użu tat-termini "pajjiż", "ċittadin", "ċittadini" jew "territorju" għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-istatus ta' kull waħda mill-Partijiet Kontraenti taħt id-dritt internazzjonali.

*Artikolu 3*

Id-dispożizzjonijiet applikabbli ta' l-Atti msemmija jew li jinsabu jew fl-Anness I, adattati skond l-Anness II, jew fid-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom jorbtu lill-Partijiet Kontraenti u jkunu, jew isiru, parti mill-ordinament legali intern tagħhom kif ġej:

(a) att li jikkorrispondi għal Regolament tal-Komunita' Ewropea għandu jsir parti mill-ordinament legali intern tal-Partijiet Kontraenti;

(b) att li jikkorrispondi għal Direttiva tal-Komunita' Ewropea għandu jħalli lill-awtoritajiet tal-Partijiet Kontraenti jagħżlu l-forma u l-metodu ta' implimentazzjoni.

*Artikolu 4*

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha, kemm ġenerali kif ukoll partikolari, biex jiżguraw it-twettiq ta' l-obbligi li joħorġu minn dan il-Ftehim u għandhom jastjenu minn kwalunkwe miżura li tista' tipperikola t-twettiq ta' l-objettivi ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 5*

Id-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim m'għandhomx jaffettwaw ir-relazzjonijiet bejn il-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim taż-ŻEE.

NON-DISKRIMINAZZJONI

*Artikolu 6*

Fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, u mingħajr preġudizzju għal xi disposizzjoni speċjali li hemm fih, għandha tkun ipprojbita kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq iċ-ċittadinanza.

DRITT TA' STABBILIMENT

*Artikolu 7*

Fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni u l-kondizzjonijiet ta' dan il-Ftehim u mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-atti rilevanti speċifikati fl-Anness I, m'għandu jkun hemm l-ebda restrizzjoni fuq il-libertà ta' stabbiliment ta' ċittadini ta' Stat Membru tal-KE jew ta' Msieħeb ta' l-ECAA fit-territorju ta' xi wieħed minnhom. Il-libertà ta' stabbiliment għandha tinkludi d-dritt li persuni jibdew u jmexxu attivitajiet bħala persuni li jaħdmu għal rashom u li jistabbilixxu u jamministraw impriżi, b'mod partikolari kumpanniji jew ditti taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti bil-liġi tal-pajjiż għaċ-ċittadini tiegħu stess, fejn ikun effettwat tali stabbiliment. Dan għandu japplika wkoll għall-istabbiliment ta' aġenziji, fergħat jew sussidjarji minn ċittadini ta' kwalunkwe Stat Membru tal-KE jew Imsieħeb ta' l-ECAA stabbiliti fit-territorju ta' xi wieħed minnhom.

*Artikolu 8*

1. Fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim u mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-atti rilevanti speċifikati fl-Anness I, kumpanniji jew ditti kostitwiti jew organizzati skond il-liġi ta' Stat Membru tal-KE jew ta' Msieħeb ta' l-ECAA u li għandhom il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fi ħdan l-ECAA għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod bħal persuni fiżiċi li jkunu ċittadini ta' Stati Membri tal-KE jew Imsieħba ta' l-ECAA.

2. It-termini "kumpanniji jew ditti" jfissru kumpanniji jew ditti kostitwiti taħt liġi ċivili jew kummerċjali, inkluż għaqdiet kooperattivi, u persuni ġuridiċi oħrajn regolati minn dritt pubbliku jew privat, ħlief dawk li ma jagħmlux qligħ.

*Artikolu 9*

1. Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 7 u 8 m'għandhomx japplikaw għal attivitajiet li, fit-territorju ta' kwalunkwe Parti Kontraenti, ikunu marbuta, anki okkażjonalment, mat-tħaddim ta' l-awtorità uffiċjali.

2. Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 7 u 8 u l-miżuri meħudin għat-twettiq tagħhom m'għandhomx jippreġudikaw l-applikabilità tad-disposizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva tal-Partijiet Kontraenti rigward id-dħul, ir-residenza u l-impjieg jew li jipprovdu trattament speċjali għal ċittadini barranin għal raġunijiet ta' politika pubblika, sigurtà pubblika jew saħħa pubblika.

*Artikolu 10*

1. Mingħajr preġudizzju għal disposizzjonijiet aktar favorevoli fi ftehim eżistenti u fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet Kontraenti għandhom jabolixxu restrizzjonijiet kwantitattivi u miżuri li għandhom effett ekwivalenti, fuq it-trasferiment ta' tagħmir, provvisti, partijiet ta' makkinarju, u strumenti oħrajn meta dawn ikunu meħtieġa biex trasportatur ta' l-ajru ta' l-ECAA jkompli jipprovdi servizzi ta' trasport bl-ajru taħt il-kondizzjonijiet previsti f'dan il-Ftehim.

2. L-obbligu msemmi f' Paragrafu 1 m'għandux iżomm lill-Partijiet Kontraenti milli jipprojbixxu jew jimponu restrizzjonijiet fuq dawk it-trasferimenti li jkunu ġustifikati għal raġunijiet ta' politika pubblika jew sigurtà pubblika; i ta'ħarsien tas-saħħa u l-ħajja tal-bnedmin, l-annimali jew il-pjanti; jew tal-ħarsien ta' proprjetà intellettwali, industrijali u kummerċjali. Madankollu tali projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet m'għandhomx jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti.

SIKUREZZA TA' L-AVJAZZJONI

*Artikolu 11*

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom idaħħlu fis-seħħ il-mezzi xierqa biex jiġi żgurat li inġenji ta' l-ajru li jkunu reġistrati f'waħda mill-Partijiet Kontraenti, meta jinżlu f'ajruporti f'Parti Kontraenti oħra jkunu konformi ma' l-istandards ta' sikurezza internazzjonali stabbiliti skond il-Konvenzjoni u jkunu soġġetti għal spezzjonijiet tar-rampa mir-rappreżentanti awtorizzati ta' dik il-Parti Kontraenti l-oħra, li jsiru abbord u madwar l-inġenju ta' l-ajru biex jiġu verifikati kemm il-validità tad-dokumenti ta' l-inġenju ta' l-ajru u dawk ta' l-ekwipaġġ tiegħu kif ukoll il-kondizzjoni evidenti ta' l-inġenju ta' l-ajru u tat-tagħmir tiegħu.

2. Parti Kontraenti tista' titlob għal konsultazzjonijiet f'kull ħin dwar l-istandards ta' sikurezza applikati minn Parti Kontraenti oħra f'oqsma li m'humiex dawk li jaqgħu taħt l-atti msemmija fl-Anness I.

3. M'hemm xejn f'dan il-Ftehim li jista' jiġi interpretat li jillimita l-awtorità ta' xi Awtorità Kompetenti ta' l-Avjazzjoni Ċivili milli tieħu l-miżuri xierqa u immedjati kollha kull meta jidhrilha li prodott jew servizz jista':

(i) jonqos milli jissodisfa l-istandards minimi li jistgħu jkunu stabbiliti skond il-Konvenzjoni, jew

(ii) ikun il-kawża ta' tħassib serju – li jirriżulta minn spezzjoni bħal dik imsemmija fil-paragrafu 1 – li inġenju ta' l-ajru jew it-tħaddim ta' inġenju ta' l-ajru ma jkunx konformi ma' l-istandards minimi stabbiliti skond il-Konvenzjoni, jew

(iii) ikun il-kawża ta' tħassib serju li hemm nuqqas ta' manteniment u amministrazzjoni effettivi ta' l-istandards minimi stabbiliti skond il-Konvenzjoni.

4. Fejn Awtorità Kompetenti ta' l-Avjazzjoni Ċivili tieħu azzjoni skond il-paragrafu 3, hija għandha tinforma minnufih lill-Awtoritajiet Kompetenti ta' l-Avjazzjoni Ċivili tal-Partijiet Kontraenti l-oħra bl-azzjoni li tkun ħadet, u tagħti r-raġunijiet ta' l-azzjoni tagħha.

5. Fejn miżuri meħudin skond paragrafu 3 ma jiġux imwaqqfa anki jekk il-bażi li fuqhom ikunu ttieħdu ma tkunx għadha teżisti, kwalunkwe Parti Kontraenti tista' tirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat Konġunt.

6. Kull emenda li ssir fid-dritt nazzjonali fir-rigward ta' l-istatus ta' l-Awtorità Kompetenti ta' l-Avjazzjoni Ċivili għandha tkun notifikata mill-Parti Kontraenti konċernata lill-Partijiet Kontraenti l-oħra.

SIGURTÀ TA' L-AVJAZZJONI

*Artikolu 12*

1. Sabiex l-avjazzjoni ċivili tiġi mħarsa minn atti ta' indħil illegali, il-Partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw li l-istandards bażiċi komuni u l-mekkaniżmi tal-monitoraġġ tal-konformità fuq is-sigurtà ta' l-avjazzjoni kif imniżżla fl-Anness I ikunu applikati f'kull ajruport li qiegħed fit-territorji tagħhom, skond id-disposizzjonijiet rilevanti msemmija f'dak l-Anness.

2. Il-Partijiet Kontraenti, jekk jiġu mitluba, għandhom jagħtu l-assistenza kollha meħtieġa lil xulxin biex ma jħallux li jseħħu atti ta' ħtif illegali ta' inġenji ta' l-ajru u atti illegali oħrajn kontra s-sikurezza ta' dawn l-inġenji ta' l-ajru, il-passiġġieri u l-ekwipaġġ tagħhom, l-ajruporti u l-faċilitajiet tan-navigazzjoni bl-ajru, u kwalunkwe theddida oħra għas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili.

3. Meta jseħħ inċident jew theddida ta' inċident ta' ħtif illegali ta' inġenju ta' l-ajru ċivili jew atti illegali oħrajn kontra s-sikurezza ta' dawn l-inġenji ta' l-ajru, il-passiġġieri u l-ekwipaġġ tagħhom, l-ajruporti jew il-faċilitajiet ta' navigazzjoni bl-ajru, il-Partijiet Kontraenti għandhom jassistu lil xulxin billi jiffaċilitaw il-komunikazzjoni u miżuri xierqa oħra maħsubin biex itemmu malajr u mingħajr ħsara tali inċident jew it-theddida tiegħu.

4. Parti Assoċjata tista' tkun soġġetta għal spezzjoni mill-Kummissjoni Ewropea skond il-leġislazzjoni rilevanti tal-Komunità Ewropea kif msemmija fl-Anness I, u tista' tiġi mitluba tieħu sehem fi spezzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea f'Partijiet Kontraenti oħrajn.

ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU TA' L-AJRU

*Artikolu 13*

1. Il-partijiet Kontraenti għandhom jikkooperaw fil-qasam tal-ġestjoni tat-traffiku ta' l-ajru bil-ħsieb li jestendu l-Ajru Uniku Ewropew għall-ECAA sabiex jitjiebu l-istandards attwali tas-sikurezza u l-effiċjenza globali ta' l-istandards tat-traffiku ta' l-ajru ġenerali fl-Ewropa, biex isir l-aħjar użu mill-kapaċità u biex jonqos id-dewmien.

2. Bil-ħsieb li jiffaċilitaw l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni ta' l-Ajru Uniku Ewropew fit-territorju tagħhom,

— fi ħdan il-limiti tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, il-Partijiet Assoċjati għandhom ma' l-ewwel opportunità jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jadattaw l-istrutturi istituzzjonali tal-ġestjoni tat-traffiku ta' l-ajru tagħhom għall-Ajru Uniku Ewropew, b'mod partikolari billi jaħtru jew jistabbilixxu korpi nazzjonali rilevanti ta' sorveljanza li għall-inqas ikunu joperaw b'mod indipendenti mill-fornituri tas-servizz tan-navigazzjoni bl-ajru;

— il-Komunità Ewropea għandha ssieħeb lill-Partijiet Assoċjati ma' kull inizjattiva operattiva fl-oqsma tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, ta' l-ispazju ta' l-ajru u ta' l-interoperabilità li toriġina mill-Ajru Uniku Ewropew, b'mod partikolari permezz ta' involviment bikri ta' l-isforzi rilevanti tal-Partijiet Kontraenti biex ikunu stabbiliti taqsimiet funzjonali ta' l-ispazju ta' l-ajru.

3. Il-Komunità Ewropea għandha tara li l-Partijiet Assoċjati jkunu msieħba bis-sħiħ ma' l-iżvilupp ta' Pjan ta' Tmexxija ATM fi ħdan il-programm SESAR tal-Kummissjoni.

KOMPETIZZJONI

*Artikolu 14*

1. Fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-Anness III. Fejn regoli dwar kompetizzjoni u għajnuna mill-istat jkunu inklużi fi ftehim oħrajn bejn żewġ Partijiet Kontraenti jew aktar, bħal Ftehim ta' Assoċjazzjoni, dawn ir-regoli għandhom japplikaw bejn dawk il-Partijiet.

2. L-Artikoli 15, 16 u 17 m'għandhomx japplikaw fir-rigward tad-disposizzjonijiet li hemm fl-Anness III.

INFURZAR

*Artikolu 15*

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 2 u 3, kull Parti Kontraenti għandha tiżgura li d-drittijiet li joriġinaw minn dan il-Ftehim, u b'mod partikolari mill-atti speċifikati fl-Anness I, jistgħu jiġu invokati quddiem qrati nazzjonali.

2. Fil-każi li jistgħu jaffettwaw lis-servizzi ta' l-ajru attwali jew potenzjali, li jridu jiġu awtorizzati taħt dan il-Ftehim, l-istituzzjonijiet tal-Komunità Ewropea għandhom igawdu mis-setgħat mogħtija speċifikament lilhom taħt id-disposizzjonijiet ta' l-atti msemmija jew li jinsabu fl-Anness I.

3. Il-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw il-legalità ta' deċiżjonijiet meħuda mill-istituzzjonijiet tal-Komunità Ewropea taħt dan il-Ftehim, b'mod partikolari taħt l-atti speċifikati fl-Anness I, għandhom jaqgħu taħt il-kompetenza esklussiva tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "Qorti tal-Ġustizzja".

INTERPRETAZZJONI

*Artikolu 16*

1. Sakemm id-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim u d-disposizzjonijiet ta' l-atti speċifikati fl-Anness I huma sostanzjalment identiċi għar-regoli korrispondenti tat-Trattat tal-KE u għal atti adottati skond it-Trattat tal-KE, dawk id-disposizzjonijiet għandhom, fl-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tagħhom, jiġu interpretati b'mod konformi mad-deċiżjonijiet u s-sentenzi rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Kummissjoni Ewropea mogħtija qabel id-data ta' l-iffirmar ta' dan il-Ftehim. Id-deċiżjonijiet u s-sentenzi maħruġa wara d-data ta' l-iffirmar ta' dan il-Ftehim għandhom jiġu kkomunikati lill-Partijiet Kontraenti l-oħra. Fuq talba ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti, l-implikazzjonijiet ta' deċiżjonijiet u sentenzi bħal dawn li joħorġu aktar tard għandhom ikunu stabbiliti mill-Kumitat Konġunt bil-ħsieb li jkun żgurat li dan il-Ftehim jitħaddem kif jixraq. L-interpretazzjonijiet eżistenti għandhom jiġu kkomunikati lill-Imsieħba ta' l-ECAA qabel id-data ta' l-iffirmar tal-Ftehim. Id-deċiżjonijiet meħudin mill-Kumitat Konġunt skond din il-proċedura għandhom ikunu konformi mal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja.

2. Meta tqum kwistjoni ta' interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim, tad-disposizzjonijiet ta' l-atti speċifikati fl-Anness I jew ta' atti adottati skond l-istess Anness li jkunu sostanzjalment identiċi għar-regoli korrispondenti tat-Trattat tal-KE u għal atti adottati fl-applikazzjoni tat-Trattat tal-KE, f'każ li jkun pendenti quddiem qorti jew tribunal ta' Msieħeb ta' l-ECAA, il-qorti jew tribunal, jekk thoss li dan huwa meħtieġ biex jgħinha tagħti sentenza u skond l-Anness IV, għandha titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tieħu deċiżjoni dwar il-kwistjoni. Imsieħeb ta' l-ECAA jista', permezz ta' deċiżjoni u skond l-Anness IV, jistipula sa liema punt u skond liema modalitajiet il-qrati u t-tribunali tiegħu għandhom japplikaw din id-disposizzjoni. Din id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata lid-depożitarju u lill-Qorti tal-Ġustizzja. Id-depożitarju għandu jinforma lill-Partijiet Kontraenti l-oħra.

3. Fejn, skond paragrafu 2, qorti ta' Parti Kontraenti li kontra d-deċiżjonijiet tagħha ma jkunx hemm rimedju ġudizzjarju taħt id-dritt nazzjonali, ma tkunx f'pożizzjoni li tagħmel referenza għall-Qorti tal-Ġustizzja, kull sentenza ta' din il-qorti għandha tkun mibgħuta minn din il-Parti Kontraenti lill-Kumitat Konġunt li għandu jaġixxi biex jippreserva l-interpretazzjoni omoġena ta' dan il-Ftehim. Jekk il-Kumitat Konġunt, fi żmien xahrejn wara li tkun tresqet quddiemu diskrepanza bejn il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja u sentenza ta' qorti ta' din il-Parti Kontraenti, ma jkunx irnexxielu li jippreserva l-interpretazzjoni omoġena tal-Ftehim, jistgħu jiġu applikati l-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 20.

LEĠISLAZZJONI ĠDIDA

*Artikolu 17*

1. Dan il-Ftehim għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kull Parti Kontraenti, soġġett għall-konformità mal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni u mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu u ta' l-Artikolu 18 (4), li tadotta b'mod unilaterali leġislazzjoni ġdida jew temenda l-leġislazzjoni eżistenti tagħha fil-qasam tat-trasport bl-ajru jew f'qasam relatat imsemmi fl-Anness I. Il-Partijiet Assoċjati m'għandhom jadottaw ebda leġislazzjoni bħal din ħlief jekk din tkun skond dan il-Ftehim.

2. Hekk kif Parti Kontraenti tkun adottat leġislazzjoni ġdida jew emenda għal-leġislazzjoni tagħha hija għandha tinforma lill-Partijiet Kontraenti l-oħra permezz tal-Kumitat Konġunt mhux aktar tard minn xahar wara l-adozzjoni tagħha. Fuq talba ta' xi waħda mill-Partijiet Kontraenti, il-Kumitat Konġunt għandu fi żmien xahrejn minn dakinhar jara li jsir skambju ta' fehmiet dwar l-implikazzjonijiet ta' din il-leġislazzjoni ġdida jew emenda biex dan il-Ftehim ikun jista' jaħdem kif xieraq.

3. Il-Kumitat Konġunt għandu:

(a) jew jadotta deċiżjoni li tirrevedi l-Anness I sabiex tiġi integrata fih, jekk ikun meħtieġ abbażi ta' reċiproċità, il-leġislazzjoni l-ġdida jew l-emenda konċernata; jew

(b) jadotta deċiżjoni li biha l-leġislazzjoni l-ġdida jew l-emenda konċernata għandha titqies bħala li hija skond dan il-Ftehim; jew

(ċ) jieħu deċiżjoni dwar kwalunkwe miżura oħra li biha jkun salvagwardat it-tħaddim xieraq ta' dan il-Ftehim.

4. Fir-rigward tal-leġislazzjoni li tkun ġiet adottata bejn l-iffirmar ta' dan il-Ftehim u d-dħul fis-seħħ tiegħu u li biha jkunu ġew informati l-Partijiet Kontraenti l-oħra, id-data tar-referenza għandha tittieħed bħala d-data li fiha tkun waslet l-informazzjoni. Id-data li fiha l-Kumitat Konġunt jasal għal deċiżjoni ma tistax tkun aktar kmieni minn sittin jum wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

KUMITAT KONĠUNT

*Artikolu 18*

1. Hawnhekk qiegħed jiġi stabbilit Kumitat Konġunt li għandu jkun responsabbli mill-ġestjoni ta' dan il-Ftehim u għandu jiżgura l-implimentazzjoni xierqa tiegħu, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15(2) u (3) u l-Artikoli 21 u 22. Għal dan il-fini għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet u jieħu deċiżjonijiet fil-każi previsti f'dan il-Ftehim. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom jiddaħħlu fis-seħħ mill-Partijiet Kontraenti skond ir-regoli tagħhom stess.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet Kontraenti.

3. Il-Kumitat Konġunt għandu jaġixxi b'unanimità. Madankollu, il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi proċedura ta' votazzjoni b'maġġoranza għal ċerti kwistjonijiet speċifiċi.

4. Għall-fini ta' l-infurzar xieraq ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet Kontraenti għandhom jiskambjaw informazzjoni, *inter alia,* dwar leġislazzjoni ġdida jew deċiżjonijiet li jkunu rilevanti għal dan il-Ftehim, u, fuq talba ta' kwalunkwe Parti, għandhom jagħmlu konsultazzjonijiet fi ħdan il-Kumitat Konġunt, inkluż dwar kwistjonijiet soċjali.

5. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

6. Imsieħeb ta' l-ECAA jew il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha għandhom jippresiedu l-Kumitat Konġunt darba kull wieħed skond l-arranġamenti li għandhom jiġu stabbiliti fir-regoli ta' proċedura tiegħu.

7. Il-president tal-Kumitat Konġunt għandu jsejjaħ li-laqgħat tal-Kumitat mill-inqas darba fis-sena sabiex jirrevedi t-tħaddim ġenerali ta' dan il-Ftehim u kull meta ċirkustanzi speċjali jkunu jitolbu dan, fuq talba ta' Parti Kontraenti. Il-Kumitat Konġunt għandu jeżamina kontinwament l-iżvilupp tal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja. Għal dan il-għan il-Komunità Ewropea għandha tibgħat lill-Imsieħba ta' l-ECAA s-sentenzi kollha tal-Qorti tal-Ġustizzja li huma rilevanti għat-tħaddim tal-Ftehim. Il-Kumitat Konġunt għandu jaġixxi fi żmien tliet xhur sabiex jippreserva l-interpretazzjoni omoġena tal-Ftehim.

8. Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi grupp ta' ħidma li jkun jista' jgħinu fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu.

*Artikolu 19*

1. Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt għandha torbot lill-Partijiet Kontraenti. Kull meta deċiżjoni meħuda mill-Kumitat Konġunt ikun fiha ħtieġa ta' azzjoni li trid tittieħed minn Parti Kontraenti, il-Parti msemmija għandha tieħu l-miżuri meħtieġa u tinforma l-Kumitat Konġunt b'dan.

2. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom jiġu ppubblikati fil-Ġurnali Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u ta' l-Imsieħba ta' l-ECAA. Kull deċiżjoni għandha tiddikjara d-data ta' l-implimentazzjoni tagħha mill-Partijiet Kontraenti u kwalunkwe informazzjoni oħra li x'aktarx tista' tikkonċerna lill-operaturi ekonomiċi.

RIŻOLUZZJONI TA' KWISTJONIJIET

*Artikolu 20*

1. Il-Komunità, filwaqt li taġixxi ma' l-Istati Membri tal-KE, jew Imsieħeb ta' l-ECAA tista' ġġib kwistjoni li tkun qed tiġi diskussa u li tkun tikkonċerna l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim quddiem il-Kumitat Konġunt, ħlief f'każi fejn proċeduri speċifiċi huma mniżżla f'dan il-Ftehim.

2. Meta tilwima tkun tressqet quddiem il-Kumitat Konġunt skond il-paragrafu 1, għandhom isiru konsultazzjonijiet immedjati bejn il-partijiet imdaħħla fit-tilwima. Fil-każi fejn il-Komunità Ewropea ma tkunx parti fit-tilwima, fil-konsultazzjonijiet jista' jiġi mistieden rappreżentant tal-Komunità minn waħda mill-partijiet fit-tilwima. Il-partijiet fit-tilwima jistgħu jagħmlu proposta ta' soluzzjoni li għandha tintbagħat minnufih lill-Kumitat Konġunt. Deċiżjonijiet meħudin mill-Kumitat Konġunt skond din il-proċedura għandhom jirrispettaw il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja.

3. Jekk sa erba' xhur mid-data li l-kwistjoni tkun tressqet quddiemu l-Kumitat Konġunt ma jkunx irnexxielu jieħu deċiżjoni biex isolvi t-tilwima, il-partijiet fit-tilwima jistgħu jirreferu t-tilwima lill-Qorti tal-Ġustizzja, li d-deċiżjoni tagħha għandha tkun finali u vinkolanti. Il-modalitajiet, li skond dawn jistgħu jsiru tali referenzi lill-Qorti tal-Ġustizzja, jinsabu mniżżlin fl-Anness IV.

4. Jekk il-Kumitat Konġunt ma jiħux deċiżjoni fuq kwistjoni li tkun ġiet riferuta lilu fi żmien erba' xhur, il-Partijiet Kontraenti jistgħu jieħdu miżuri xierqa ta' salvagwardja skond l-Artikoli 21 u 22 għal perjodu li ma jaqbiżx is-sitt xhur. Wara dan il-perjodu kull Parti Kontraenti tista' tinħall mill-Ftehim b'effett immedjat. Parti Kontraenti m'għandhiex tieħu miżuri ta' salvagwardja dwar kwistjoni li tkun ġiet riferuta lill-Qorti tal-Ġustizzja skond dan il-Ftehim, ħlief fil-każi definiti fl-Artikolu 11(3) jew b'konformità ma' mekkaniżmi previsti f'atti individwali speċifikati fl-Anness I.

MIŻURI TA' SALVAGWARDJA

*Artikolu 21*

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11(3) u l-valutazzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà msemmija fil-Protokolli għal dan il-Ftehim, il-miżuri ta' salvagwardja għandhom ikunu ristretti, fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u t-tul tagħhom, għal dak li huwa strettament meħtieġ sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni. Għandha tingħata prijorità lil tali miżuri b'mod li t-tħaddim ta' dan il-Ftehim ikun imfixkel mill-inqas.

*Artikolu 22*

1. Parti Kontraenti li tkun qed tikkunsidra tieħu miżuri ta' salvagwardja għandha tinnotifika lill-Partijiet Kontraenti l-oħra bl-intenzjoni tiegħu permezz tal-Kumitat Konġunt u għandha tipprovdi l-informazzjoni kollha rilevanti.

2. Il-Partijiet Kontraenti għandhom immedjatament jidħlu f'konsultazzjonijiet fil-Kumitat Konġunt bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni aċċettabbli għal kulħadd.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11(3), il-Parti Kontraenti konċernata ma tistax tieħu miżuri ta' salvagwardja qabel ma jkun għadda xahar mid-data tan-notifika skond il-paragrafu 1, ħlief jekk il-proċedura ta' konsultazzjoni skond il-paragrafu 2 tkun intemmet qabel l-iskadenza tal-limitu taż-żmien imsemmi.

4. Il-Parti Kontraenti konċernata għandha tinnotifika mingħajr dewmien lill-Kumitat Konġunt il-miżuri meħuda u għandha tipprovdi kull informazzjoni rilevanti.

ŻVELAR TA' INFORMAZZJONI

*Artikolu 23*

Ir-rappreżentanti, id-delegati u l-esperti tal-Partijiet Kontraenti, kif ukoll uffiċjali u impjegati oħra li jaġixxu taħt dan il-Ftehim għandhom jiġu mitluba, anki wara li jkunu waqfu mit-twettiq tad-doveri tagħhom, biex ma jiżvelawx informazzjoni koperta bl-obbligu tal-konfidenzjalità professjonali, b'mod partikolari informazzjoni dwar impriżi, ir-relazzjonijiet tagħhom ta' negozju u l-komponenti ta' l-ispejjeż tagħhom.

PAJJIŻI TERZI U ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI

*Artikolu 24*

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jikkonsultaw lil xulxin fil-qafas tal-Kumitat Konġunt fuq talba ta' kwalunkwe Parti Kontraenti, skond il-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 25 u 26,

(a) dwar kwistjonijiet ta' trasport bl-ajru li jkunu ġew ittrattati minn organizzazzjonijiet internazzjonali; u

(b) dwar diversi aspetti ta' żviluppi possibbli fir-relazzjonijiet bejn il-Partijiet Kontraenti u pajjiżi terzi dwar it-trasport bl-ajru, u dwar it-tħaddim ta' l-elementi sinifikanti tal-ftehim bilaterali jew multilaterali li jkunu ġew konklużi f'dan il-qasam.

2. Il-konsultazzjonijiet previsti f' paragrafu 1 għandhom isiru fi żmien xahar mit-talba u malajr kemm jista' jkun f'każijiet urġenti.

*Artikolu 25*

1. Il-għanijiet prinċipali tal-konsultazzjonijiet previsti fl-Artikolu 24(1)(a) għandhom ikunu:

(a) li jiġi stabbilit b'mod konġunt jekk il-kwistjonijiet iġibux magħhom problemi ta' interess komuni; u

(b) skond in-natura ta' dawn il-problemi:

— li jiġi kkunsidrat b'mod konġunt jekk l-azzjoni tal-Partijiet Kontraenti fi ħdan l-organizzazzjonijiet internazzjonali konċernati għandhiex tkun koordinata, jew

— li jiġi kkunsidrat b'mod konġunt kwalunkwe approċċ ieħor li jista' jkun xieraq.

2. Il-Partijiet Kontraenti għandhom malajr kemm jista' jkun jiskambjaw kwalunkwe informazzjoni li tkun rilevanti għall-miri previsti fil-paragrafu 1.

*Artikolu 26*

Il-għanijiet prinċipali tal-konsultazzjonijiet previsti fl-Artikolu 24(1)(b) għandhom ikunu li jiġu eżaminati l-kwistjonijiet rilevanti u li jiġi kkunsidrat kwalunkwe approċċ li jista' jkun xieraq.

ARRANĠAMENTI TRANSITORJI

*Artikolu 27*

1. Il-Protokolli I sa IX jistabbilixxu l-arranġamenti transitorji u l-perjodi korrispondenti li japplikaw bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tal-KE, min-naħa waħda, u l-Parti Assoċjata konċernata, min-naħa l-oħra. Fir-relazzjoni bejn in-Norveġja jew l-Islanda u Parti Assoċjata għandhom japplikaw l-istess kondizzjonijiet bħal dawk bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tal-KE, min-naħa waħda, u l-Parti Assoċjata konċernata, min-naħa l-oħra.

2. Matul il-perjodi transitorji msemmija fil-paragrafu 1 l-elementi rilevanti tar-reġim tat-trasport bl-ajru bejn żewġ Partijiet Assoċjati għandhom jiġu determinati abbażi ta' l-aktar Protokoll restrittiv miż-żewġ Protokolli li jirreferu għall-Partijiet Assoċjati konċernati.

3. It-transizzjoni gradwali ta' kull waħda mill-Partijiet Assoċjati għall-applikazzjoni sħiħa ta' l-ECAA għandha tkun soġġetta għal valutazzjonijiet. Il-valutazzjonijiet għandhom jitwettqu mill-Komunità Ewropea f'kooperazzjoni mal-Parti Assoċjata konċernata. Meta Parti Assoċjata tkun sodisfatta li l-kondizzjonijiet għall-kompletar ta' perjodu transitorju skond kif imniżżel fil-Protokoll rilevanti jkunu ġew imħarsa, hija għandha tinforma lill-Komunità Ewropea biex titwettaq valutazzjoni.

4. Jekk il-Komunità Ewropea tiddetermina li l-kondizzjonijiet ġew imħarsa hija għandha tinforma lill-Kumitat Konġunt u tiddeċiedi minn hemm 'il quddiem li l-Parti Assoċjata konċernata tikkwalfika biex tgħaddi għall-perjodu transitorju li jmiss jew għall-inklużjoni sħiħa fiż-Żona ta' Avjazzjoni Komuni Ewropea skond kif ikun il-każ.

5. Jekk il-Komunità Ewropea tiddetermina li l-kondizzjonijiet ma jkunux ġew imħarsa hija għandha tinforma b'dan lill-Kumitat Konġunt. Il-Komunità għandha tirrakkomanda lill-Parti Assoċjata konċernata titjib speċifiku u tiddetermina perjodu ta' implimentazzjoni li fih dan it-titjib ikun jista' jiġi implimentat b'mod raġonevoli. Qabel it-tmiem tal-perjodu ta' implimentazzjoni għandha ssir it-tieni valutazzjoni u, jekk ikun meħtieġ, aktar valutazzjonijiet biex jinstab jekk it-titjib rakkomandat ġiex implimentat b'mod effettiv u sodisfaċenti.

RELAZZJONI MA' FTEHIM U ARRANĠAMENTI BILATERALI DWAR IT-TRASPORT BL-AJRU

*Artikolu 28*

1. Id-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim għandhom ikunu dominanti fuq id-disposizzjonijiet rilevanti ta' ftehim u/jew arranġamenti bilaterali dwar it-trasport bl-ajru li jkunu fis-seħħ bejn il-Partijiet Assoċjati min-naħa waħda u l-Komunità Ewropea, Stat Membru tal-KE, in-Norveġja jew l-Islanda min-naħa l-oħra, kif ukoll bejn il-Partijiet Assoċjati.

2. Minkejja l-paragrafu 1, matul il-perjodi transitorji msemmija fl-Artikolu 27, id-disposizzjonijiet li jikkonċernaw il-proprjetà, id-drittijiet tat-traffiku, il-kapaċità, il-frekwenzi, it-tip jew il-bdil ta' l-inġenji ta' l-ajru, it-tqassim tal-kodiċi u l-ipprezzar ta' ftehim jew arranġament bilaterali li jkun fis-seħħ bejn Parti Assoċjata u l-Komunità Ewropea, Stat Membru tal-KE, in-Norveġja jew l-Islanda jew bejn żewġ Partijiet Assoċjati, għandhom japplikaw bejn il-Partijiet li jagħmlu parti mill-Ftehim jekk dan il-ftehim u/jew arranġament bilaterali jkun aktar flessibbli, f'termini ta' libertà għat-trasportaturi bl-ajru konċernati, mid-disposizzjonijiet tal-Protokoll applikabbli fir-rigward tal-Parti Assoċjata konċernata.

3. Tilwima bejn Parti Assoċjata u Parti Kontraenti oħra dwar jekk id-disposizzjonijiet tal-Protokoll humiex fir-rigward tal-Parti Assoċjata konċernata jew tal-ftehim u/jew arranġamenti bilaterali aktar flessibbli, bil-ħsieb għall-applikazzjoni sħiħa ta' l-ECAA, għandha tiġi solvuta fil-qafas tal-mekkaniżmu tar-riżoluzzjoni tat-tilwim previst fl-Artikolu 20. It-tilwim dwar kif tkun determinata r-relazzjoni bejn Protokolli konfliġġenti għandu jiġi solvut bl-istess mod.

DĦUL FIS-SEĦĦ, REVIŻJONI, TERMINAZZJONI U DISPOSIZZJONIJIET OĦRA

*Artikolu 29*

**Dħul fis-seħħ**

1. Dan il-Ftehim għandu jkun soġġett għal ratifika jew approvazzjoni mill-firmatarji skond il-proċeduri tagħhom stess. L-istrumenti tar-ratifika jew ta' l-approvazzjoni għandhom jiġu ddepożitati lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (depożitarju), li għandu jinnotifika b' dan lill-firmatarji l-oħra kollha kif ukoll lill-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili.

2. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tat-tieni xahar wara d-data li fiha jkunu ġew depożitati l-istrumenti tar-ratifika jew l-approvazzjoni mill-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tal-KE u mill-inqas minn Parti Assoċjata waħda. Għal kull firmatarju li jirratifika jew japprova dan il-ftehim wara din id-data, il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tat-tieni xahar wara li dan il-firmatarju jkun iddepożita l-istrument tar-ratifika jew l-approvazzjoni tiegħu.

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u mill-inqas Parti Assoċjata waħda, jistgħu jiddeċiedu li japplikaw dan il-Ftehim proviżorjament fosthom mid-data ta' l-iffirmar, skond l-applikazzjoni tad-dritt nazzjonali, billi jinnotifikaw lid-depożitarju li għandu jinnotifika lill-Partijiet Kontraenti l-oħra tiegħu.

*Artikolu 30*

**Reviżjoni**

Dan il-Ftehim għandu jiġi rivedut fuq talba ta' kwalunkwe Parti Kontraenti u, f'kull każ, ħames snin wara li jkun daħal fis-seħħ.

*Artikolu 31*

**Terminazzjoni**

1. Kull Parti Kontraenti tista' tiddenunzja dan il-Ftehim billi tinnotifika lid-depożitarju, li għandu jinnotifika b'din it-terminazzjoni lill-Partijiet Kontraenti l-oħra kif ukoll lill-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili. Jekk dan il-Ftehim jiġi denunzjat mill-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tal-KE dan għandu jieqaf milli jibqa fis-seħħ sena wara d-data tan-notifika. Jekk il-Ftehim jiġi denunzjat minn Parti Kontraenti oħra dan għandu jieqaf milli jibqa fis-seħħ biss fir-rigward ta' din il-Parti Kontraenti sena wara d-data tan-notifika. Madankollu, servizzi ta' l-ajru li jkunu joperaw fid-data ta' l-iskadenza ta' dan il-Ftehim jistgħu jkomplu sa l-aħħar ta' l-iskeda ta' l-istaġun ta' l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru (IATA) li fih taqa' dik id-data ta' skadenza.

2. Ma' l-adeżjoni għall-Unjoni Ewropea ta' Parti Assoċjata, dik il-Parti għandha awtomatikament tieqaf milli tkun Parti Assoċjata taħt dan il-Ftehim u għandha minflok issir Stat Membru tal-KE.

3. Dan il-Ftehim għandu jieqaf milli jibqa fis-seħħ jew għandu jiġi sospiż fir-rigward ta' Parti Assoċjata, jekk il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni korrispondenti ma jibqax fis-seħħ jew jiġi sospiż.

*Artikolu 32*

**Tkabbir ta' l-ECAA**

Il-Komunita' Ewropea tista' ssaqsi kwalunkwe Stat jew entità li jkun lest li jagħmel il-liġijiet tiegħu dwar it-trasport bl-ajru u dwar kwistjonijiet relatati kompatibbli ma' dawk tal-Komunità, u li miegħu il-Komunità tkun stabbiliet jew qiegħda tistabbilixxi qafas ta' kooperazzjoni ekonomika mill-qrib, bħal Ftehim ta' Assoċjazzjoni, biex jieħu sehem fl-ECAA. Għal dan il-għan, il-Partijiet Kontraenti għandhom jemendaw dan il-Ftehim għaldaqstant.

*Artikolu 33*

**L-ajruport ta' Ġibiltà**

1. Huwa mifhum li l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għall-ajruport ta' Ġibiltà hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet legali rispettivi tar-Renju ta' Spanja u tar-Renju Unit fir-rigward tat-tilwima dwar is-sovranità fuq it-territorju li fih jinsab l-ajruport.

2. L-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għall-ajruport ta' Ġibilità għandha tiġi sospiża sakemm jidħlu fis-seħħ l-arranġamenti li hemm fid-Dikjarazzjoni Konġunta magħmula mill-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin tar-Renju ta' Spanja u r-Renju Unit fit-2 ta' Diċembru 1987.

*Artikolu 34*

**Lingwi**

Dan il-Ftehim huwa magħmul f'kopja oriġinali waħda fil-lingwi uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea u tal-Partijiet Kontraenti l-oħra li mhumiex il-Komunita' Ewropea u l-Istati Membri tagħha, b'kull wieħed minn dawn it-testi jkun awtentiku bl-istess mod.

B'XHIEDA TA' DAN il-plenipotenzjarji hawn taħt iffirmati, li huma debitament awtorizzati biex jagħmlu dan, iffirmaw dan il-Ftehim:

Por la Comunidad Europea
Za Evropské společenství
For Det Europæiske Fællesskab
Für die Europäische Gemeinschaft
Euroopa Ühenduse nimel
Για την Ευρωπαϊκή Κοινότητα
For the European Community
Pour la Communauté européenne
Per la Comunità europea
Eiropas Kopienas vārdā
Europos bendrijos vardu
az Európai Közösség részéről
Għall-Komunità Ewropea
Voor de Europese Gemeenschap
W imieniu Wspólnoty Europejskiej
Pela Comunidade Europeia
Za Európske spoločenstvo
za Evropsko skupnost
Euroopan yhteisön puolesta
På Europeiska gemenskapens vägnar





Pour le Royaume de Belgique
Voor het Koninkrijk België
Für das Königreich Belgien



Za Českou republiku



På Kongeriget Danmarks vegne



Für die Bundesrepublik Deutschland



Eesti Vabariigi nimel



Για την Ελληνική Δημοκρατία



Por el Reino de España



Pour la République française



Thar cheann Na hÉireann

For Ireland



Per la Repubblica italiana



Για την Κυπριακή Δημοκρατία



Latvijas Republikas vārdā



22-06-2006

Lietuvos Respublikos vardu



Pour le Grand-Duché de Luxembourg



A Magyar Köztársaság részéről



Għar-Repubblika ta' Malta



Voor het Koninkrijk der Nederlanden



Für die Republik Österreich



W imieniu Rzeczypospolitej Polskiej



Pela República Portuguesa



Za Republiko Slovenijo



Za Slovenskú republiku



1 3 -06- 2006

Suomen tasavallan puolesta

För Republiken Finland

För Konungariket Sverige

For the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland

Për Republikën e Shqipërisë

Za Bosnu i Hercegovinu

За Босну и Херцеговину

Za Bosnu i Hercegovinu

За Република България

Za Republiku Hrvatsku

За Бивша Југословска Република Македонија

Fyrir hönd Lyðveldisins Íslands

Za Republiku Crnu Goru

05-07-2006

For Kongeriket Norge

Pentru România

За Републику Србију

29-06-2006

For the United Nations Interim Administration in Kosovo

with Declaration

**REPUBLIC OF MACEDONIA**
**MINISTRY OF TRANSPORT AND COMMUNICATIONS**

Luxembourg, 9 June 2006

Dear Sirs,

Hereby I declare that the final text from 22 May 2006 of the Multilateral ECAA Agreement is acceptable for the Government of the Republic of Macedonia.

With this letter, the Government of the Republic of Macedonia considers itself as signatory of the Multilateral Agreement between the Republic of Albania, Bosnia and Herzegovina, the Republic of Bulgaria, the Republic of Croatia, the European Community and its Member States, the Republic of Iceland, the Republic of Macedonia, the Kingdom of Norway, Serbia and Montenegro, Romania and United Nations Interim Administration Mission in Kosovo on the Establishment of a European Common Aviation Area.

However, I declare that the Republic of Macedonia does not accept the denomination used for my country in the abovementioned Agreement, having in view that the constitutional name of my country is Republic of Macedonia.

Please accept, Sirs, the assurances of my highest consideration.

*Xhemali MEHAZI*

*Minister of Transport*
*and Communications*

**THE COUNCIL OF THE EUROPEAN UNION
AND THE EUROPEAN COMMISSION**

Luxembourg, 9 June 2006

Mr. Xhemali MEHAZI,
Minister of Transport and Communications
of the former Yugoslav Republic of Macedonia,

Sir,

The European Community and its Member States take note of your letter of today's date and confirms that your letter and this reply shall together take the place of the signature of the Multilateral Agreement between the Republic of Albania, Bosnia and Herzegovina, the Republic of Bulgaria, the Republic of Croatia, the European Community and its Member States, the Republic of Iceland, the former Yugoslav Republic of Macedonia, the Kingdom of Norway, Serbia and Montenegro, Romania and the United Nations Interim Administration Mission in Kosovo on the Establishment of a European Common Aviation Area (ECAA). However, this cannot be construed as acceptance or recognition by the European Community and its Member States, in whatever form or content of a denomination other than the "former Yugoslav Republic of Macedonia".

Please accept, Sir, the assurance of our highest consideration.

*On behalf of the European Community and
its Member States*



*ANNESS I*

**REGOLI APPLIKABBLI GĦALL-AVJAZZJONI ĊIVILI**

Id-"Disposizzjonijiet applikabbli" ta' l-atti tal-Komunità Ewropea li ġejjin għandhom japplikaw skond il-Ftehim Prinċipali u l-Anness II dwar modifiki orizzontali sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan l-Anness jew fil-Protokolli I sa IX ta' wara: Fejn ikun meħtieġ, modifiki speċifiċi għal kull att individwali huma mniżżla hawnekk:

## A. AĊĊESS GĦAS-SUQ U KWISTJONIJIET ANĊILLARI

Nru 2407/92

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2407/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar il-liċenzjar ta' trasportaturi ta' l-ajru

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 18 u l-Anness ħlief għar-referenza fl-Artikolu 13(3) sa l-Artikolu 226 (ex 169) tat-Trattat tal-KE

Nru 2408/92

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar aċċess għat-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità għal rotot ta' l-ajru intra-Komunitarji

kif emendat jew modifikat b'

— l-Artikolu 29 ta' l-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja;

— id-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ŻEE Nru 7/94 tal-21 ta' Marzu 1994 li temenda l-Protokoll 47 u ċerti Annessi tal-Ftehim taż-ŻEE;

— l-Artikolu 20 ta' l-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka u l-modifiki għat-Trattati li fuqhom hija mibnija l-Unjoni Ewropea min hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003".

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 15 u l-Annessi I, II u III

Nru 2409/92

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2409/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar nolijiet u rati għal servizzi ta' l-ajru.

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 10

Nru 95/93

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 tat-18 ta' Jannar 1993 dwar regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità

kif emendat bi

— ir-Regolament (KE) Nru 894/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Mejju 2002 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93

— ir-Regolament (KE) Nru 1554/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93

— ir-Regolament (KE) Nru 793/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 12, u 14a(2)

Fir-rigward ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 12(2), it-terminu "il-Kummissjoni" għandu jaqra "il-Kumitat Konġunt".

Nru 96/67

Id-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE tal-15 ta' Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-*ground handling* fl-ajruporti tal-Komunità

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 25 u l-Anness

Fir-rigward ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 10, it-terminu "Stati Membri" għandu jaqra "Stati Membri tal-KE".

Fir-rigward ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 20(2), it-terminu "il-Kummissjoni" għandu jaqra "il-Kumitat Konġunt".

Nru 785/2004

Ir-Regolament (KE) Nru 785/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-rekwiżiti ta' l-assigurazzjoni tat-trasportaturi ta' l-ajru u l-operaturi ta' l-ajruplani

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 8, u 10(2)

## B. ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU TA' L-AJRU

Nru 549/2004

Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien ta' l-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas)

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 4, 6, u 9 sa 14

Nru 550/2004

Ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-forniment ta' servizz)

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 19, l-Annessi I u II

Nru 551/2004

Ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu ta' l-ispazju ta' l-arja fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament ta' l-ispazju ta' l-arja)

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 11

Nru 552/2004

Ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni tat-Traffiku ta' l-Ajru (ir-Regolament ta' l-interoperabilità)

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 12, l-Annessi I sa V

Nru 2096/2005

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2096/2005 ta' l-20 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi ħtiġiet komuni għall-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 9, l-Annessi I sa V

Nru 2150/2005

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2150/2005 tat-23 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi regoli komuni għall-użu flessibbli ta' l-ispazju ta' l-arja

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 9, l-Anness

## Ċ. SIKUREZZA TA' L-AVJAZZJONI

Nru 3922/91

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni ta' ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili

kif emendat b':

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2176/96 tat-13 ta' Novembru 1996 li jemenda għall-progress xjentifiku u tekniku r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1069/1999 tal-25 ta' Mejju 1999 li jadatta għall-progress xjentifiku u tekniku r-Regolament tal-Kunsill 3922/91

— ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2871/2000 tat-28 ta' Diċembru 2000 li jadatta għall-progress xjentifiku u tekniku r-Regolament tal-Kunsill (KEE) 3922/91 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili

— ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 10, 12 sa 13 bl-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 8 (2), it-tieni sentenza, l-Annessi I sa III

Fir-rigward l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 12, "Stati Membri" għandha taqra "Stati Membri tal-KE".

Nru 94/56

Id-Direttiva tal-Kunsill 94/56/KE tal-21 ta' Novembru 1994 li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjonijiet ta' aċċidenti u inċidenti ta' l-avjazzjoni ċivili

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 12

Fir-rigward ta' l-applikazzjonijiet ta' l-Artikoli 9 u 12, it-terminu "il-Kummissjoni" għandu jaqra "il-Partijiet Kontraenti l-oħrajn kollha ta' l-ECAA".

Nru 1592/2002

Ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea

kif emendat b':

— ir-Regolament (KE) Nru 1643/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1592/2002

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1701/2003 ta' l-24 ta' Settembru 2003 li jadatta l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 57, l-Annessi I u II

Nru 2003/42

Id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2003 dwar rapporti ta' okkorenza fl-avjazzjoni ċivili

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 11, l-Annessi I u II

Nru 1702/2003

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 ta' l-24 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom

kif emendat b':

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 381/2005 tas-7 ta' Marzu 2005 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 4, l-Anness. Il-perjodi transitorji msemmija f'dan ir-Regolament għandhom jiġu ddeterminati mill-Kumitat Konġunt.

Nru 2042/2003

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 ta' l-20 ta' Novembru 2003 dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji ta' l-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 6, l-Annessi I sa IV

Nru 104/2004

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 104/2004 tat-22 ta' Jannar 2004 li jniżżel ir-regoli dwar l-organizzazzjoni u l-komposizzjoni tal-Bord ta' l-Appell ta' l-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 7 u l-Anness

Nru 488/2005

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 488/2005 tal-21 ta' Marzu 2005 dwar ħlasijiet u piżijiet imposti mill-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni

Nru 2111/2005

Ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpanniji ta' l-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpannija ta' l-ajru li topera, u li tħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 13, l-Anness

## D. SIGURTÀ TA' L-AVJAZZJONI

Nru 2320/2002

Ir-Regolament (KE) Nru. 2320/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili

kif emendat b':

— ir-Regolament (KE) Nru 849/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2320/2002

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 12 u l-Anness

Nru 622/2003

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 622/2003 ta' l-4 ta' April 2003 li jistabbilixxi l-miżuri sabiex jiġu implimentati l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni

kif emendat b':

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 68/2004 tal-15 ta' Jannar 2004 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 622/2003

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 781/2005 ta' l-24 ta' Mejju 2005 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 622/2003

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 857/2005 tas-6 ta' Ġunju 2005 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 622/2003

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 5 u l-Anness

Nru 1217/2003

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1217/2003 ta' l-4 ta' Lulju 2003 li jistabbilixxi speċifikazzjonijiet komuni għal programmi ta' kontroll ta' kwalità għas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili nazzjonali

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 11, l-Annessi I u II

Nru 1486/2003

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1486/2003 tat-22 ta' Awissu 2003 li jistabbilixxi proċeduri sabiex jitmexxew spezzjonijiet mill-Kummissjoni fil-qasam tas-sigurta' ta' l-avjazzjoni ċivili

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 16

Nru 1138/2004

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1138/2004 tal-21 ta' Ġunju 2004 li jistabbilixxi definizzjoni komuni tal-partijiet kritiċi taż-żoni ta' sigurtà ristretti fl-ajruporti

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 8

## E. AMBJENT

Nru 89/629

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/629/KEE ta' l-4 ta' Diċembru 1989 dwar il-limitazzjoni ta' l-emissjoni ta' ħsejjes minn ajruplani ċivili jet subsoniċi

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 8

Nru 92/14

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/14/KEE tat-2 ta' Marzu 1992 fuq il-limitazzjoni ta' l-operazzjoni ta' l-ajruplani koperta mill-Parti II, il-Kapitolu 2, il-Volum 1 ta' l-Anness 16 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, it-tieni edizzjoni (1988)

kif emendata b':

— id-Direttiva tal-Kunsill 98/20/KE tat-30 ta' Marzu 1998 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/14/KEE

— id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/28/KE tal-21 ta' April 1999 li temenda l-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 92/14/KEE

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 991/2001 tal-21 ta' Mejju 2001 li jemenda l-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 92/14/KEE

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 11 u l-Anness

Nru 2002/30

Id-Direttiva 2002/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Marzu 2002 dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet tal-ħoss fl-ajruporti tal-Komunità

Kif emendata jew modifikata bl-Artikolu 20 ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 15, l-Annessi I u II

Nru 2002/49

Id-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwarda l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 16, l-Annessi I sa VI

## F. ASPETTI SOĊJALI

Nru 1989/391

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 16, u 18-19

Nru 2003/88

Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti ta' l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 19, 21 sa 24 u 26 sa 29

Nru 2000/79

Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/79/KE tas-27 ta' Novembru 2000 dwar il-Ftehim Ewropew fuq l-Organizzazzjoni tal-Ħinijiet tax-Xogħol ta' Ħaddiema Mobbli fl-Avjazzjoni Ċivili konkluż mill-Assoċjazzjoni tal-Linji ta' l-Ajru Ewropej (AEA), il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF), l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kabini tal-Piloti (ECA), l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Linji ta' l-Ajru Reġjonali (ERA) u l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasportazzjoni bl-Ajru (IACA)

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 5

## G. ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR

Nru 90/314

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE tat-13 ta' Ġunju 1990 dwar il-vjaġġi kollox kompriż (*package travel*), il-vaganzi kollox kompriż u t-*tours* kollox kompriż

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 10

Nru 92/59

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/59/KEE tad-29 ta' Ġunju 1992 dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodott

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 19

Nru 93/13

Id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 10 u l-Anness

Fir-rigward ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 10, it-terminu "il-Kummissjoni" għandu jaqra "il-Partijiet Kontraenti l-oħrajn kollha ta' l-ECAA".

Nru 95/46

Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 34

Nru 2027/97

Ir-Regolament tal-Kunsill 2027/97/KE tad-9 ta' Ottubru 1997 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru fl-eventwalità ta' inċidenti

kif emendat b':

— ir-Regolament (KE) Nru 889/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2002 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/97

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 8

Nru 261/2004

Ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu abbord u fil-każ ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 17

## H. LEĠISLAZZJONI OĦRA

Nru 2299/1989

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2299/1989 ta' l-24 ta' Lulju 1989 dwar kodiċi ta' kondotta għal sistemi ta' riservazzjoni kompjuterizzata

kif emendat b':

— ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3089/93 tad-29 ta' Ottubru 1993 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2299/89

— ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 323/1999 tat-8 ta' Frar 1999 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2299/89

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 22 u l-Anness

Nru 91/670

Id-Direttiva tal-Kunsill Nru 91/670/KEE tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-aċċettazzjoni reċiproka ta' liċenzji tal-persunal għall-eżerċizzju ta' funzjonijiet fl-avjazzjoni ċivili

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 8 u l-Anness

Nru 3925/91

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3925/91 tad-19 ta' Diċembru 1991 dwar l-eliminazzjoni ta' kontrolli u formalitajiet applikabbli għall-bagalji ta' l-istiva u tal-kabina ta' persuni li jkunu qed jivvjaġġaw bl-ajru ġewwa l-Komunità u l-bagalji ta' persuni li jkunu qed jivvjaġġaw bil-baħar ġewwa l-Komunità

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 5

Nru 437/2003

Ir-Regolament (KE) Nru 437/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2003 dwar il-prospetti ta' l-istatistika rigward it-trasport tal-passiġġieri, il-merkanzija u l-posta bl-ajru.

kif emendat b':

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1358/2003 tal-31 ta' Lulju 2003 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 437/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 11, l-Annessi I u II

Nru 1358/2003

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1358/2003 tal-31 ta' Lulju 2003 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru. 437/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prospetti ta' l-istatistika rigward it-trasport tal-passiġġieri, il-merkanzija u l-posta bl-ajru u li jemenda l-Annessi I u II tiegħu

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 4, l-Annessi I sa III

Nru 2003/96

Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku

Disposizzjonijiet applikabbli: l-Artikolu 14(1)(b) u (2)

*ANNESS II*

# ADATTAZZJONIJIET ORIZZONTALI U ĊERTI REGOLI TA' PROĊEDURA

Id-disposizzjonijiet ta' l-atti speċifikati fl-Anness I għandhom japplikaw skond il-Ftehim u punti l-1 sa 4 ta' dan l-Anness, sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-Anness I. L-adattazzjonijiet speċifiċi meħtieġa għall-atti individwali huma stabbiliti fl-Anness I.

Dan il-Ftehim għandu jkun applikabbli skond ir-regoli ta' proċedura stabbiliti fil-punti 5 u 6 ta' dan l-Anness.

## 1. PARTIJIET INTRODUTTORJI TA' L-ATTI

Il-preamboli ta' l-atti speċifikati m'humiex adattati għall-finijiet tal-Ftehim. Huma rilevanti sal-punt meħtieġ sabiex id-disposizzjonijiet li jinsabu f'dawn l-atti jiġu interpretati u applikati kif jixraq fi ħdan il-qafas ta' dan il-Ftehim.

## 2. TERMINOLOĠIJA SPEĊIFIKA TA' L-ATTI

It-termini li ġejjin użati mill-atti speċifikati fl-Anness I għandhom jaqraw kif ġej:

(a) it-terminu "Komunità" għandu jaqra "Żona ta' Avjazzjoni Komuni Ewropea";

(b) it-termini "Dritt Komunitarju", "Leġislazzjoni Komunitarja", "Strumenti tal-Komunità" u "Trattat tal-KE" għandhom jaqraw "Ftehim ta' l-ECAA";

(ċ) it-terminu "ajruport tal-Komunità" għandu jaqra "ajruport li jinsab fiż-Żona ta' Avjazzjoni Komuni Ewropea";

(d) it-terminu "Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej" jew "Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea" għandu jaqra "Ġurnali Uffiċjali tal-Partijiet Kontraenti";

(e) it-terminu "trasportatur ta' l-ajru tal-Komunità" għandu jaqra "trasportatur ta' l-ajru ta' l-ECAA";

## 3. REFERENZI GĦAL STATI MEMBRI

Mingħajr preġudizzju għal punt 4 ta' dan l-Anness, kull meta l-atti speċifikati fl-Anness I għal dan il-Ftehim ikun fihom referenzi għal "Stat/i Membru/i", għandu jinftiehem li r-referenzi, minbarra l-Istati Membri tal-Komunità tal-KE, jinkludu l-Imsieħba ta' l-ECAA ukoll.

## 4. DISPOSIZZJONIJIET DWAR IL-KUMITATI TAL-KOMUNITA' EWROPEA U KONSULTAZZJONI TAL-PARTIJIET ASSOĊJATI

L-esperti tal-Partijiet Assoċjati għandhom jiġu kkonsultati mill-Kummissjoni Ewropea u għandhom jingħataw l-opportunità li jressqu l-pariri tagħhom kull darba li l-atti speċifikati fl-Anness I jipprovdu għall-konsultazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea tal-Kumitati tal-Komunità Ewropea u għall-opportunità biex iressqu l-parir jew il-fehma tagħhom.

Kull konsultazzjoni għandha tikkonsisti f'laqgħa waħda mmexxija mill-Kummissjoni Ewropea u għandha ssir fi ħdan il-Kumitat Konġunt fuq l-istedina tal-Kummissjoni Ewropea qabel ma ssir il-konsultazzjoni tal-Kumitat tal-Komunità Ewropea rilevanti. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa lil kull Parti Assoċjata mill-inqas ġimgħatejn qabel il-laqgħa, sakemm ċirkustanzi speċifiċi ma jeħtiġux avviż ta' żmien iqsar.

Il-Partijiet Assoċjati għandhom jiġu mistiedna jressqu l-opinjonijiet tagħhom lill-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tieħu kont sew tal-parir mogħti mill-Partijiet Assoċjati.

Id-disposizzjonijiet imsemmija hawn fuq m'għandhomx japplikaw għall-applikazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni stabbiliti f'dan il-Ftehim li għandhom jiġu regolati mill-proċeduri speċifiċi ta' konsultazzjoni stabbiliti fl-Anness III.

## 5. KOOPERAZZJONI U SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI

Sabiex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tas-setgħat rilevanti ta' l-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet Kontraenti, tali awtoritajiet għandhom, jekk jiġu mitluba, jiskambjaw bejniethom l-informazzjoni kollha meħtieġa għat-tħaddim xieraq ta' dan il-Ftehim.

## 6. REFERENZA GĦAL-LINGWI

Il-Partijiet Kontraenti għandu jkollhom id-dritt li jużaw, fil-proċeduri stabbiliti fl-ambitu ta' dan il-Ftehim u mingħajr preġudizzju għall-Anness IV, kwalunkwe lingwa uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea jew ta' xi Parti Kontraenti oħra. Madankollu, il-Partijiet Kontraenti huma konxji li l-użu ta' l-Ingliż jiffaċilita dawk il-proċeduri. Jekk tintuża lingwa, li ma tkunx lingwa uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea, f'dokument uffiċjali, għandha tiġi preżentata simultanjament traduzzjoni f'lingwa uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea, filwaqt li jittieħed kont ta' dak li hemm previst fis-sentenza ta' qabel. Jekk Parti Kontraenti tkun bi ħsiebha tuża, fi proċedura orali, lingwa li mhix lingwa uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea, dik il-Parti Kontraenti għandha tiżgura li jsir interpretar simultanju bl-Ingliż.

*ANNESS III*

**REGOLI DWAR IL-KOMPETIZZJONI U L-GĦAJNUNA TA' L-ISTAT IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 14**

*Artikolu 1*

**Monopolji ta' l-Istat**

Parti Assoċjata għandha taġġusta b'mod progressiv kwalunkwe monopolju ta' l-Istat ta' tip kummerċjali sabiex tiżgura li, sa l-aħħar tat-tieni perjodu msemmi fil-Protokoll għal dan il-Ftehim li fih il-miżuri transitorji fir-rigward ta' din il-Parti Assoċjata, ma tkun teżisti l-ebda diskriminazzjoni bejn iċ-ċittadini tal-Partijiet Kontraenti fir-rigward tal-kondizzjonijiet li bihom merkanzija tinkiseb u titqiegħed fis-suq. Il-Kumitat Konġunt għandu jiġi infurmat dwar il-miżuri adottati biex jinkiseb dan l-objettiv.

*Artikolu 2*

**Approssimazzjoni ta' l-għajnuna ta' l-Istat u l-leġislazzjoni dwar il-kompetizzjoni**

1. Il-Partijiet Kontraenti jirrikonoxxu l-importanza ta' l-approssimazzjoni tal-leġislazzjoni eżistenti dwar l-għajnuna ta' l-Istat u l-kompetizzjoni tal-Partijiet Assoċjati ma' dik tal-Komunità Ewropea. Il-Partijiet Assoċjati għandhom jipprovaw jiżguraw li l-liġijiet eżistenti u futuri tagħha dwar l-għajnuna ta' l-Istat u l-kompetizzjoni jsiru kompatibbli b'mod gradwali ma' l-*acquis* tal-Komunità Ewropea.

2. Din l-approssimazzjoni għandha tibda mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u għandha testendi b'mod gradwali għall-elementi kollha ta' l-għajnuna ta' l-Istat u d-disposizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni tal-Komunità Ewropea msemmija f'dan l-Anness sa l-aħħar tat-tieni perjodu msemmi fil-Protokoll għal dan il-Ftehim li jinkludi l-miżuri transitorji fir-rigward ta' din il-Parti Assoċjata. Il-Parti Assoċjata għandha tiddefinixxi wkoll, bi ftehim mal-Kummissjoni Ewropea, il-modalitajiet għall-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni ta' l-approssimazzjoni tal-leġislazzjoni u l-azzjonijiet ta' l-infurzar tal-liġi li għandhom jittieħdu.

*Artikolu 3*

**– Regoli ta' kompetizzjoni u disposizzjonijiet ekonomiċi oħrajn**

1. Il-prattiċi li ġejjin huma inkompatibbli mat-tħaddim xieraq ta' dan il-Ftehim, peress li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn tnejn mill-Partijiet Kontraenti jew aktar:

(i) kull ftehim bejn impriżi, deċiżjonijiet minn għaqdiet ta' impriżi u prattika bejn impriżi flimkien li l-objettiv jew l-effett tagħhom huwa l-prevenzjoni, r-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni;

(ii) l-abbuż minn impriża waħda jew aktar ta' pożizzjoni dominanti fit-territorji tal-Partijiet Kontraenti kollha kemm huma jew f'parti sostanzjali minnhom;

(iii) kwalunkwe għajnuna ta' l-Istat li tkun ta' distorsjoni jew thedded li tkun ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi lil ċerti impriżi jew ċerti prodotti.

2. Kwalunkwe prattika li tmur kontra dan l-Artikolu għandha tiġi vvalutata fuq il-bażi tal-kriterji li joħorġu mill-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni applikabbli fil-Komunità Ewropea, b'mod partikolari mill-Artikoli 81, 82, 86 u 87 tat-Trattat KE u l-istrumenti interpretattivi adottati mill-istituzzjonijiet tal-Komunità Ewropea.

3. Kull Parti Assoċjata għandha tiżgura li korp pubbliku li jopera b'mod indipendenti jiġi mogħti s-setgħat meħtieġa għall-applikazzjoni sħiħa tal-paragrafu 1 (i) u (ii), fir-rigward ta' impriżi privati u pubbliċi u impriżi li jkunu ġew mogħtija drittijiet speċjali.

4. Kull Parti Assoċjata għandha tinnomina jew tistabbilixxi awtorità li topera b'mod indipendenti, li tkun mogħtija s-setgħat meħtieġa għall-applikazzjoni sħiħa tal-paragrafu 1 (iii). Din l-awtorità għandha jkollha, *inter alia*, is-setgħat li tawtorizza skemi ta' għajnuna ta' l-Istat u għotjiet ta' għajnuna individwali skond il-paragrafu 2, kif ukoll is-setgħat biex tordna r-radd lura ta' għajnuna ta' l-Istat mogħtija bi ksur tal-liġi.

5. Kull Parti Kontraenti għandha tiżgura t-trasparenza fil-qasam ta' l-għajnuna ta' l-Istat billi, *inter alia*, tipprovdi rapport annwali regolari, jew ekwivalenti tiegħu, lill-Partijiet Kontraenti l-oħra, billi timxi fuq il-metodoloġija u l-preżentazzjoni ta' l-istħarriġ tal-Komunità Ewropea dwar l-għajnuna ta' l-Istat. Fuq talba ta' xi waħda mill-Partijiet Kontraenti, Parti Kontraenti oħra għandha tipprovdi informazzjoni fuq każi individwali partikolari ta' għajnuna pubblika.

6. Kull Parti Assoċjata għandha tistabbilixxi inventarju komprensiv ta' skemi ta' għajnuna istitwiti qabel l-istabbiliment ta' l-awtorità msemmija fil-paragrafu 4 u għandha ġġib dawn l-iskemi ta' għajnuna konformi mal-kriterji msemmija fil-paragrafu 2.

7. (a) Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1(iii), il-Partijiet Kontraenti jirrikonoxxu li matul il-perjodi msemmija fil-Protokoll għal dan il-Ftehim li fih il-miżuri transitorji fir-rigward ta' Parti Assoċjata, kwalunkwe għajnuna pubblika mogħtija minn din il-Parti Assoċjata għandha tiġi vvalutata billi jiġi kkunsidrat li dik il-Parti Assoċjata għandha tkun meqjusa bħala żona identika għal dawk iż-żoni tal-Komunità Ewropea deskritti fl-Artikolu 87(3)(a) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

(b) Sa l-aħħar ta' l-ewwel perjodu msemmi fil-Protokoll għal dan il-Ftehim li fih il-miżuri transitorji fir-rigward ta' Parti Assoċjata, din il-Parti għandha tissottometti lill-Kummissjoni Ewropea il-figuri 'per capita' tal-Prodott Gross Domestiku tagħha armonizzati fuq il-livell ta' NUTS II (Nomenklatura ta' l-Unitajiet Statistiċi Territorjali). L-awtorità msemmija fil-paragrafu 4 u l-Kummissjoni Ewropea għandhom imbagħad jeżaminaw flimkien l-eliġibilità tar-reġjuni tal-Parti Assoċjata kif ukoll l-intensitajiet massimi ta' l-għajnuna fir-rigward tagħhom bl-għan li ssir mappa ta' l-għajnuna reġjonali fuq il-bażi tal-linji ta' gwida rilevanti tal-Komunità Ewropea.

8. Jekk waħda mill-Partijiet Kontraenti jidhrilha li prattika partikolari hija inkompatibbli mat-termini tal-paragrafu 1, hija tista' tieħu l-miżuri xierqa wara konsultazzjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt jew wara tletin jum ta' xogħol minn meta tkun saret it-talba għal tali konsultazzjoni.

9. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jiskambjaw l-informazzjoni filwaqt li jieħdu kont tal-limitazzjonijiet imposti mill-ħtiġiet tal-kunfidenzjalità professjonali u tan-negozju.

*ANNESS IV*

## REFERENZI GĦALL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

### 1. **Prinċipji ġenerali li jirrigwardaw l-Artikolu 16 tal-Ftehim**

1. Safejn ikun xieraq għandhom japplikaw il-proċeduri stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja min hawn 'il quddiem "il-Qorti tal-Gustizzja", għar-referenzi għad-deċiżjonijiet preliminari fi ħdan il-Komunità Ewropea. Minbarra d-deċiżjoni preliminari, il-qorti jew tribunal tal-Parti Kontraenti għandu japplika l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja.

2. Fl-ambitu ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet Kontraenti għandu jkollhom l-istess drittijiet biex iressqu l-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja bħall-Istati Membri tal-KE.

### 2. **Limitu u modalitajiet tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 16(2) tal-Ftehim**

1. Meta, skond it-tieni sentenza ta' l-Artikolu 16(2), Parti Kontraenti tadotta deċiżjoni dwar il-limitu u l-modalitajiet ta' referenzi lill-Qorti tal-Ġustizzja, dik id-deċiżjoni għandha tispeċifika li jew:

   (a) kwalunkwe qorti jew tribunal ta' dik il-Parti Kontraenti li kontra d-deċiżjonijiet tagħha m'hemmx rimedju ġudizzjarju taħt il-liġi nazzjonali għandha titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tagħti deċiżjoni preliminari fuq kwistjoni mqajma f'każ pendenti quddiemha u li tikkonċerna l-validità jew l-interpretazzjoni ta' att imsemmi fl-Artikolu 16(2) jekk dik il-qorti jew tribunal tqis li deċiżjoni dwar il-kwistjoni hija meħtieġa biex hi tkun tista' tiddeċiedi, jew

   (b) kwalunkwe qorti jew tribunal ta' dik il-Parti Kontraenti tista' titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tagħti deċiżjoni preliminari fuq kwistjoni mqajma quddiema u li tikkonċerna l-validità jew l-interpretazzjoni ta' att imsemmi fl-Artikolu 16(2) jekk dik il-qorti jew tribunal tqis li deċiżjoni dwar il-kwistjoni hija meħtieġa biex hi tkun tista' tiddeċiedi, jew

2. Il-modalitajiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 16(2) għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji stabbiliti fid-disposizzjonijiet legali li jirregolaw il-funzjonament tal-Qorti tal-Ġustizzja, inkluż id-disposizzjonijiet rilevanti tat-Trattat tal-KE, l-Istatut u r-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll il-każistika ta' din ta' l-aħħar. Fil-każ li tieħu deċiżjoni dwar il-modalitajiet ta' l-applikazzjoni ta' din id-disposizzjoni, il-Parti Kontraenti għandha wkoll tikkunsidra l-gwida prattika maħruġa mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-Avviż ta' Informazzjoni dwar referenzi minn qrati nazzjonali għal deċiżjonijiet preliminari.

### 3. **Referenzi skond l-Artikolu 20(3) tal-Ftehim**

Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha titratta tilwim imressaq quddiema skond l-Artikolu 20(3) bl-istess mod bħal dak imressaq lilha skond l-Artikolu 239 tat-Trattat tal-KE.

### 4. **Referenzi għall-Qorti tal-Ġustizzja u lingwi**

Il-Partijiet Kontraenti għandu jkollhom id-dritt li jużaw, fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliti fl-ambitu tal-Ftehim, kwalunkwe lingwa uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea jew ta' Parti Kontraenti oħra. Jekk lingwa li ma tkunx lingwa uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea tintuża f'dokument uffiċjali, għandha tiġi sottomessa simultanjament traduzzjoni fil-lingwa Franċiża. Jekk Parti Kontraenti jkollha l-ħsieb li, fi proċedura orali, tuża lingwa li mhix lingwa uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunità Ewropea, il-Parti Kontraenti għandha tiżgura li jkun hemm interpretar simultanju bil-Franċiż.

*ANNESS V*

**PROTOKOLL I**

**Arranġamenti Transitorji bejn il-Komunità Ewropea u l-istati membri tal-KE, min-naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Albanija, min-naħa l-oħra**

*Artikolu 1*

**Perjodi transitorji**

1. L-ewwel perjodu transitorju għandu jestendi mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim sakemm il-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 2(1) ta' dan il-protokoll ikunu ġew sodisfatti mir-Repubblika ta' l-Albanija, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Albanija", kif ivverifikat b'valutazzjoni mwettqa mill-Unjoni Ewropea.

2. It-tieni perjodu transitorju għandu jestendi mill-aħħar ta' l-ewwel perjodu transitorju sakemm jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 2(2) ta' dan il-Protokoll mir-Repubblika ta' l-Albanija, kif ivverifikat b'valutazzjoni mwettqa mill-Komunità Ewropea.

*Artikolu 2*

**Kondizzjonijiet dwar it-transizzjoni**

1. Sa l-aħħar ta' l-ewwel perjodu transitorju ir-Repubblika ta' l-Albanija għandha

(i) tkun membru sħiħ ta' l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni Konġunti u għandha tipprova timplimenta l-leġislazzjoni kollha dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni prevista fl-Anness I;

(ii) tapplika d-Dokument 30 ta' l-ECAC u għandha tipprova timplimenta l-leġislazzjoni kollha dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni prevista fl-Anness I;

(iii) tapplika r-Regolament (KEE) Nru 3925/91 (dwar l-eliminazzjoni tal-kontrolli applikabbli għall-bagalji tal-kabina u ta' l-istiva), ir-Regolament (KEE) Nru 2409/92 (dwar nolijiet u rati għas-servizzi ta' l-ajru), id-Direttiva 94/56/KE (dwar investigazzjonijiet ta' aċċidenti), ir-Regolament (KE) Nru 2027/97 (dwar ir-responsabbiltà tat-trasportaturi ta' l-ajru fl-eventwalità ta' aċċidenti), id-Direttiva 2003/42/KE (dwar rapporti ta' okkorrenza), ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 (dwar meta ma jitħallewx jitilgħu abbord), id-Direttiva 2000/79/KE (dwar il-ħinijiet tax-xogħol fl-avjazzjoni ċivili) u d-Direttiva 2003/88/KE (dwar il-ħinijiet tax-xogħol) kif previst fl-Anness;

(iv) tifred lill-fornitur tas-servizz tat-traffiku ta' l-ajru mill-korp regolatorju nazzjonali, tistabbilixxi korp nazzjonali ta' sorveljanza għas-servizzi tat-traffiku ta' l-ajru, tibda l-organizzazzjoni mill-ġdid ta' l-ispazju ta' l-ajru fi blokk jew blokok funzjonali, u tapplika użu flessibbli ta' l-ispazju ta' l-ajru;

(v) tirratifika l-Konvenzjoni għall-Unifikazzjoni ta' Ċerti Regoli għat-Trasport Internazzjonali bl-Ajru (il-Konvenzjoni ta' Montreal);

(vi) tkun għamlet progress biżżejjed fl-implimentazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna ta' l-istat u l-kompetizzjoni inklużi fi ftehim imsemmi fl-Artikolu 14(1) tal-Ftehim Prinċipali jew fl-Anness III, skond liema minnhom ikun japplika.

2. Sa l-aħħar tat-tieni perjodu transitorju r-Repubblika ta' l-Albanijagħandha tapplika dan il-Ftehim inkluża l-leġislazzjoni kollha mniżżla fl-Anness I.

*Artikolu 3*

**Arranġamenti transitorji**

1. Minkejja l-Artikolu 1(1) tal-Ftehim Prinċipali,

(a) Matul l-ewwel perjodu transitorju:

(i) it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità u t-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati mill-Albanija għandhom jitħallew jeżerċitaw drittijiet tat-traffiku bla limitu bejn kwalunkwe punt fl-Albanija u kwalunkwe punt fi Stat Membru tal-KE;

(ii) it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità m'għandhomx ikunu fil-maġġoranza proprjetà ta', jew effettivament ikkontrollati mll-Albanija jew miċ-ċittadini tagħha u t-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati mill-Albanija m'għandhomx ikunu fil-maġġoranza proprjetà ta', jew effettivament ikkontrollati minn Stati Membri tal-KE jew miċ-ċittadini tagħhom.

(b) Matul it-tieni perjodu transitorju:

(i) it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità u t-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati mll-Albanija għandhom jitħallew jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku msemmija fil-paragrafu (1) (a) i.;

(ii) it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità għandhom jitħallew jeżerċitaw drittijiet tat-traffiku bla limitu bejn punti fll-Albanija u Partijiet Assoċjati oħrajn u għandhom jitħallew jaqilbu, fi kwalunkwe punt, minn inġenju ta' l-ajru għal ieħor bil-kondizzjoni li t-titjira tkun parti minn servizz li jservi xi punt fi Stat Membru tal-KE;

(iii) it-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati mll-Albanija għandhom jitħallew jeżerċitaw drittijiet tat-traffiku bla limitu bejn punti fi Stati Membri tal-KE differenti u għandhom jitħallew jaqilbu, fi kwalunkwe punt, minn inġenju ta' l-ajru għal ieħor bil-kondizzjoni li t-titjira tkun parti minn servizz li jservi xi punt fl-Albanija.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "trasportatur ta' l-ajru tal-Komunità" għandha tfisser trasportatur ta' l-ajru liċenzjat minn Stat Membru tal-KE, min-Norveġja jew mill-Islanda.

3. L-Artikoli 7 u 8 tal-Ftehim Prinċipali m'għandhomx japplikaw sa l-aħħar tat-tieni perjodu transitorju, mingħajr preġudizzju għall-obbligu tar-Repubblika tas-Serbja u tal-Komunità li joħorġu liċenzji operattivi skond l-atti msemmija fl-Anness I, rispettivament, għal trasportaturi li huma fil-maġġoranza proprjetà ta' jew effettivament ikkontrollati mill-Istati Membri tal-KE jew miċ-ċittadini tagħhom u għal trasportaturi li huma fil-maġġoranza proprjetà ta' jew effettivament ikkontrollati mll-Albanija jew miċ-ċittadini tagħha mill-aħħar ta' l-ewwel perjodu transitorju.

*Artikolu 4*

**Sikurezza ta' l-avjazzjoni**

1. Fil-bidu ta' l-ewwel perjodu transitorju r-Repubblika tas-Serbja għandha tagħmilha ta' osservatur fix-xogħol ta' l-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea.

2. Fl-aħħar tat-tieni perjodu transitorju l-Kumitat Konġunt stabbilit skond l-Artikolu 18 tal-Ftehim Prinċipali għandu jiddetermina l-istatus u l-kondizzjonijiet preċiżi għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tas-Serbja fl-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea.

3. Sa l-aħħar tat-tieni perjodu transitorju, jekk jiġu identifikati nuqqasijiet ta' sikurezza l-Komunità Ewropea tista' titlob li l-permess għal trasportatur ta' l-ajru liċenzjat mill-Albanija biex jopera fuq rotot ta' l-ajru lejn, minn, jew fi ħdan il-Komunità Ewropea jkun soġġett għal valutazzjoni speċifika ta' sikurezza. Tali valutazzjoni għandha ssir bil-ħeffa mill-Komunità Ewropea sabiex jiġi evitat kull dewmien bla bżonn fl-eżerċizzju tad-drittijiet tat-traffiku.

*Artikolu 5*

**Sigurtà ta' l-avjazzjoni**

1. Fil-bidu tat-tieni perjodu transitorju l-parti kunfidenzjali tal-leġislazzjoni tas-sigurtà kif prevista fl-Anness I għandha titpoġġa għad-disposizzjoni ta' l-awtorità xierqa tal-Albanija.

2. Sa l-aħħar tat-tieni perjodu transitorju, jekk jiġu identifikati nuqqasijiet fis-sigurtà, l-Komunità Ewropea tista' titlob li l-permess għal trasportatur ta' l-ajru liċenzjat mill-Albanija biex jopera fuq rotot ta' l-ajru lejn, minn, jew fi ħdan il-Komunità Ewropea jkun soġġett għal valutazzjoni speċifika ta' sigurtà. Tali valutazzjoni għandha ssir bil-ħeffa mill-Komunità Ewropea sabiex jiġi evitat kull dewmien bla bżonn fl-eżerċizzju tad-drittijiet tat-traffiku.

## PROTOKOLL II

**Arranġamenti transitorji bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tal-KE, min-naħa waħda, u l-Bosnja u Ħerzegovina, min-naħa l-oħra**

*Artikolu 1*

**Perjodi transitorji**

1. L-ewwel perjodu transitorju għandu jestendi mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim sakemm ikunu ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 2(1) ta' dan il-Protokoll mill-Bosnja u Ħerzegovina kif ivverifikat minn valutazzjoni mwettqa mill-Komunità Ewropea.

(2) It-tieni perjodu transitorju għandu jestendi mill-aħħar ta' l-ewwel perjodu transitorju sakemm ikunu ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 2(2) ta' dan il-Protokoll mill-Bosnja u Ħerzegovina kif ivverifikat minn valutazzjoni mwettqa mill-Komunità Ewropea.

*Artikolu 2*

**Kondizzjonijiet dwar it-transizzjoni**

1. Sa l-aħħar ta' l-ewwel perjodu transitorju l-Bosnja u Ħerzegovina għandha

(i) tkun membru sħiħ ta' l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni Konġunti u għandha tipprova timplimenta l-leġislazzjoni kollha dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni prevista fl-Anness I;

(ii) tapplika d-Dokument 30 ta' l-ECAC u għandha tipprova timplimenta l-leġislazzjoni kollha dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni prevista fl-Anness I;

(iii) tapplika r-Regolament (KEE) Nru 3925/91 (dwar l-eliminazzjoni tal-kontrolli applikabbli għall-bagalji tal-kabina u ta' l-istiva), ir-Regolament (KEE) Nru 2409/92 (dwar nolijiet u rati għas-servizzi ta' l-ajru), id-Direttiva 94/56/KE (dwar investigazzjonijiet ta' aċċidenti), id-Direttiva 96/67/KE (dwar il-*groundhandling*), ir-Regolament (KE) Nru 2027/97 (dwar ir-responsabbiltà tat-trasportaturi ta' l-ajru fl-eventwalità ta' aċċidenti), id-Direttiva 2003/42/KE (dwar rapporti ta' okkorrenza), ir-Regolament 261/2004 (dwar meta ma jitħallewx jitilgħu abbord), id-Direttiva 2000/79/KE (dwar il-ħinijiet tax-xogħol fl-avjazzjoni ċivili) u d-Direttiva 2003/88/KE (dwar il-ħinijiet tax-xogħol) kif previst fl-Anness I;

(iv) tirratifika l-Konvenzjoni għall-Unifikazzjoni ta' Ċerti Regoli għat-Trasport Internazzjonali bl-Ajru (il-Konvenzjoni ta' Montreal);

(v) tkun għamlet progress biżżejjed fl-implimentazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna ta' l-istat u l-kompetizzjoni inklużi fi ftehim imsemmi fl-Artikolu 14(1) tal-Ftehim Prinċipali jew fl-Anness III għal dan il-Ftehim, skond liema minnhom ikun japplika.

2. Sa l-aħħar tat-tieni perjodu transitorju l-Bosnja u Ħerzegovina għandha

(i) tifred lill-fornitur tas-servizz tat-traffiku ta' l-ajru mill-korp regolatorju nazzjonali, tistabbilixxi korp nazzjonali ta' sorveljanza għas-servizzi tat-traffiku ta' l-ajru, tibda l-organizzazzjoni mill-ġdid ta' l-ispazju ta' l-ajru tagħha fi blokk jew blokok funzjonali, u tapplika użu flessibbli ta' l-ispazju ta' l-ajru;

(ii) tapplika dan il-Ftehim inkluża l-leġislazzjoni kollha mniżżla fl-Anness I.

*Artikolu 3*

**Arranġamenti transitorji**

1. Minkejja l-Artikolu 1(1) tal-Ftehim Prinċipali,

(a) Matul l-ewwel perjodu transitorju:

(i) it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità u t-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati mill-Bosnja u Ħerzegovina għandhom jitħallew jeżerċitaw drittijiet tat-traffiku bla limitu bejn kwalunkwe punt fil-Bosnja u Ħerzegovina u kwalunkwe punt fi Stat Membru tal-KE;

(ii) it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità m'għandhomx ikunu fil-maġġoranza proprjetà ta', jew effettivament ikkontrollati mill-Bosnja u Ħerzegovina jew miċ-ċittadini tagħha u t-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati mill-Bosnja u Ħerzegovina m'għandhomx ikunu fil-maġġoranza proprjetà ta', jew effettivament ikkontrollati minn Stati Membri tal-KE jew miċ-ċittadini tagħhom.

(b) Matul it-tieni perjodu transitorju:

(i) it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità u t-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati mill-Bosnja u Ħerzegovina għandhom jitħallew jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku msemmija fil-paragrafu (1) (a) i.;

(ii) it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità għandhom jitħallew jeżerċitaw drittijiet tat-traffiku bla limitu bejn punti fil-Bosnja u Ħerzegovina u Partijiet Assoċjati oħrajn u għandhom jitħallew jaqilbu, fi kwalunkwe punt, minn inġenju ta' l-ajru għal ieħor bil-kondizzjoni li t-titjira tkun parti minn servizz li jservi xi punt fi Stat Membru tal-KE;

(iii) it-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati mill-Bosnja u Ħerzegovina għandhom jitħallew jeżerċitaw drittijiet tat-traffiku bla limitu bejn punti fi Stati Membri tal-KE differenti u għandhom jitħallew jaqilbu, fi kwalunkwe punt, minn inġenju ta' l-ajru għal ieħor bil-kondizzjoni li t-titjira tkun parti minn servizz li jservi xi punt fil-Bosnja u Ħerzegovina.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "trasportatur ta' l-ajru tal-Komunità" għandha tfisser trasportatur ta' l-ajru liċenzjat minn Stat Membru tal-KE, min-Norveġja jew mill-Islanda.

3. L-Artikoli 7 u 8 tal-Ftehim Prinċipali m'għandhomx japplikaw sa l-aħħar tat-tieni perjodu transitorju, mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Bosnja u Ħerzegovina u tal-Komunità li joħorġu liċenzji operattivi skond l-atti msemmija fl-Anness I, rispettivament, għal trasportaturi li huma fil-maġġoranza proprjetà ta' jew effettivament ikkontrollati mill-Istati Membri tal-KE jew miċ-ċittadini tagħhom u għal trasportaturi li huma fil-maġġoranza proprjetà ta' jew effettivament ikkontrollati mill-Bosnja u Ħerzegovina jew miċ-ċittadini tagħha mill-aħħar ta' l-ewwel perjodu transitorju.

*Artikolu 4*

**Sikurezza ta' l-avjazzjoni**

1. Fil-bidu ta' l-ewwel perjodu transitorju l-Bosnja u Ħerzegovina għandha tagħmilha ta' osservatur fix-xogħol ta' l-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea.

2. Fl-aħħar tat-tieni perjodu transitorju l-Kumitat Konġunt stabbilit skond l-Artikolu 18 tal-Ftehim Prinċipali għandu jiddetermina l-istatus u l-kondizzjonijiet preċiżi għall-parteċipazzjoni tal-Bosnja u Ħerzegovina fl-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea.

3. Sa l-aħħar tat-tieni perjodu transitorju, jekk jiġu identifikati nuqqasijiet ta' sikurezza l-Komunità Ewropea tista' tit-lob li l-permess għal trasportatur ta' l-ajru liċenzjat mill-Bosnja u Ħerzegovina biex jopera fuq rotot ta' l-ajru lejn, minn jew fi ħdan il-Komunità Ewropea jkun soġġett għal valutazzjoni speċifika ta' sikurezza. Tali valutazzjoni għandha ssir bil-ħeffa mill-Komunità Ewropea sabiex jiġi evitat kull dewmien bla bżonn fl-eżerċizzju tad-drittijiet tat-traffiku.

*Artikolu 5*

**Sigurtà ta' l-avjazzjoni**

1. Fil-bidu tat-tieni perjodu transitorju l-parti kunfidenzjali tal-leġislazzjoni tas-sigurtà kif prevista fl-Anness I għandha titpoġġa għad-disposizzjoni ta' l-awtorità xierqa tal-Bosnja u Ħerzegovina.

2. Sa l-aħħar tat-tieni perjodu transitorju, jekk jiġu identifikati nuqqasijiet fis-sigurtà l-Komunità Ewropea tista' titlob li l-permess għal trasportatur ta' l-ajru liċenzjat mill-Bosnja u Ħerzegovina biex jopera fuq rotot ta' l-ajru lejn, minn jew fi ħdan il-Komunità Ewropea jkun soġġett għal valutazzjoni speċifika ta' sikurezza. Tali valutazzjoni għandha ssir bil-ħeffa mill-Komunità Ewropea sabiex jiġi evitat kull dewmien bla bżonn fl-eżerċizzju tad-drittijiet tat-traffiku.

## PROTOKOLL III

### Arranġamenti Transitorji bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tal-KE, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Bulgarija, min-naħa l-oħra

*Artikolu 1*

**Perjodu transitorju**

1. Il-perjodu transitorju għandu jestendi mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim sakemm ikunu ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' dan il-Protokoll mir-Repubblika tal-Bulgarija, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Bulgarija", kif ivverifikat b'valutazzjoni mwettqa mill-Komunità Ewropea, u mhux aktar tard mid-dħul tal-Bulgarija fil-Komunitajiet Ewropej.

2. Fil-każ tal-Bulgarija, ir-referenzi għat-"tieni perjodu transitorju" f'dan il-Ftehim jew fl-Annessi tiegħu għandhom ifissru l-perjodu transitorju msemmi f 'paragrafu 1.

*Artikolu 2*

**Kondizzjonijiet dwar it-transizzjoni**

Sa l-aħħar tal-perjodu transitorju l-Bulgarija għandha tapplika dan il-Ftehim inkluża l-leġislazzjoni kollha mniżżla fl-Anness I kif previst fl-Artikolu 3 tal-Ftehim Prinċipali.

*Artikolu 3*

**Arranġamenti transitorji**

1. Minkejja l-Artikolu 1(1) tal-Ftehim Prinċipali,

matul il-perjodu tansitorju:

(i) it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità u t-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati mill-Bulgarija għandhom jitħallew jeżerċitaw drittijiet tat-traffiku bla limitu bejn kwalunkwe punt fil-Bulgarija u kwalunkwe punt fi Stat Membru tal-KE;

(ii) it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità għandhom jitħallew jeżerċitaw drittijiet tat-traffiku bla limitu bejn punti fil-Bulgarija u Partijiet Assoċjati oħrajn u għandhom jitħallew jaqilbu, fi kwalunkwe punt, minn inġenju ta' l-ajru għal ieħor bil-kondizzjoni li t-titjira tkun parti minn servizz li jservi xi punt fi Stat Membru tal-KE;

(iii) it-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati mill-Bulgarija għandhom jitħallew jeżerċitaw drittijiet tat-traffiku bla limitu bejn punti fi Stati Membri tal-KE differenti u għandhom jitħallew jaqilbu, fi kwalunkwe punt, minn inġenju ta' l-ajru għal ieħor bil-kondizzjoni li t-titjira tkun parti minn servizz li jservi xi punt fil-Bulgarija.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "trasportatur ta' l-ajru tal-Komunità" għandha tfisser trasportatur ta' l-ajru liċenzjat minn Stat Membru tal-KE, min-Norveġja jew mill-Islanda.

3. L-Artikoli 7 u 8 tal-Ftehim Prinċipali m'għandhomx japplikaw sa l-aħħar tal-perjodu transitorju, mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Bulgarija u tal-Komunità li joħorġu liċenzji operattivi skond l-atti msemmija fl-Anness I, rispettivament, għal trasportaturi li huma fil-maġġoranza proprjetà ta' jew effettivament ikkontrollati mill-Istati Membri tal-KE jew miċ-ċittadini tagħhom u għal trasportaturi li huma fil-maġġoranza proprjetà ta' jew effettivament ikkontrollati mill-Bulgarija jew miċ-ċittadini tagħha mill-bidu tal-perjodu transitorju.

*Artikolu 4*

**Sikurezza ta' l-avjazzjoni**

1. Fl-aħħar tal-perjodu transitorju l-Kumitat Konġunt stabbilit taħt l-Artikolu 18 tal-Ftehim Prinċipali għandu jiddetermina l-istatus u l-kondizzjonijiet preċiżi għall-parteċipazzjoni tal-Bulgarija fl-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea.

2. Sa l-aħħar tat-tieni perjodu transitorju, jekk jiġu identifikati nuqqasijiet fis-sikurezza l-Komunità Ewropea tista' titlob li l-permess għal trasportatur ta' l-ajru liċenzjat mill-Bulgarija biex jopera fuq rotot ta' l-ajru lejn, minn jew fi ħdan il-Komunità Ewropea jkun soġġett għal valutazzjoni speċifika ta' sikurezza. Tali valutazzjoni għandha ssir bil-ħeffa mill-Komunità Ewropea sabiex jiġi evitat kull dewmien bla bżonn fl-eżerċizzju tad-drittijiet tat-traffiku.

*Artikolu 5*

**Sigurtà ta' l-avjazzjoni**

Sa l-aħħar tal-perjodu transitorju, jekk jiġu identifikati nuqqasijiet fis-sigurtà l-Komunità Ewropea tista' titlob li l-permess għal trasportatur ta' l-ajru liċenzjat mill-Bulgarija biex jopera fuq rotot ta' l-ajru lejn, minn jew fi ħdan il-Komunità Ewropea jkun soġġett għal valutazzjoni speċifika ta' sigurtà. Tali valutazzjoni għandha ssir bil-ħeffa mill-Komunità Ewropea sabiex jiġi evitat kull dewmien bla bżonn fl-eżerċizzju tad-drittijiet tat-traffiku.

## PROTOKOLL IV

### Arranġamenti Transitorji bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tal-KE, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, min-naħa l-oħra

*Artikolu 1*

**Perjodi transitorji**

1. L-ewwel perjodu transitorju għandu jestendi mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim sakemm ikunu ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 2(1) ta' dan il-Protokoll mir-Repubblika tal-Kroazja, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Kroazja", kif ivverifikat minn valutazzjoni mwettqa mill-Komunità Ewropea.

2. It-tieni perjodu transitorju għandu jestendi mill-aħħar ta' l-ewwel perjodu transitorju sakemm ikunu ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 2(2) ta' dan il-Protokoll mill-Kroazja kif ivverifikat minn valutazzjoni mwettqa mill-Komunità Ewropea.

*Artikolu 2*

**Kondizzjonijiet dwar it-transizzjoni**

1. Sa l-aħħar ta' l-ewwel perjodu transitorju l-Kroazja għandha

(i) tkun membru sħiħ ta' l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni Konġunti u għandha tipprova timplimenta l-leġislazzjoni kollha dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni prevista fl-Anness I;

(ii) tapplika d-Dokument 30 ta' l-ECAC u għandha tipprova timplimenta l-leġislazzjoni kollha dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni prevista fl-Anness I;

(iii) tapplika r-Regolament (KEE) Nru 3925/91 (dwar l-eliminazzjoni tal-kontrolli applikabbli għall-bagalji tal-kabina u ta' l-istiva), ir-Regolament (KEE) Nru 2409/92 (dwar nolijiet u rati għas-servizzi ta' l-ajru), id-Direttiva 94/56/KE (dwar investigazzjonijiet ta' aċċidenti), id-Direttiva 96/67/KE (dwar il-*groundhandling*), ir-Regolament (KEE) Nru 2027/97 (dwar ir-responsabbiltà tat-trasportaturi fl-eventwalità ta' aċċidenti), id-Direttiva 2003/42/KE (dwar rapporti ta' okkorrenza), ir-Regolament (KEE) Nru 261/2004 (dwar meta ma jitħallewx jitilgħu abbord), id-Direttiva 2000/79/KE (dwar il-ħinijiet tax-xogħol fl-avjazzjoni ċivili) u d-Direttiva 2003/88/KE (dwar il-ħinijiet tax-xogħol) kif previst fl-Anness I għal dan il-Ftehim;

(iv) tifred lill-fornitur tas-servizz tat-traffiku ta' l-ajru mill-korp regolatorju nazzjonali, tistabbilixxi korp nazzjonali ta' sorveljanza għas-servizzi tat-traffiku ta' l-ajru, tibda l-organizzazzjoni mill-ġdid ta' l-ispazju ta' l-ajru tagħha fi blokk jew blokok funzjonali, u tapplika użu flessibbli ta' l-ispazju ta' l-ajru;

(v) tirratifika l-Konvenzjoni għall-Unifikazzjoni ta' Ċerti Regoli għat-Trasport Internazzjonali bl-Ajru (il-Konvenzjoni ta' Montreal);

(vi) tkun għamlet progress biżżejjed fl-implimentazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna ta' l-istat u l-kompetizzjoni inklużi fi ftehim imsemmi fl-Artikolu 14(1) tal-Ftehim Prinċipali jew fl-Anness III ta' dan il-Ftehim, skond liema minnhom ikun japplika.

2. Sa l-aħħar tat-tieni perjodu transitorju l-Kroazja għandha tapplika dan il-Ftehim inkluża l-leġislazzjoni kollha mniżżla fl-Anness I.

*Artikolu 3*

**Arranġamenti transitorji**

1. Minkejja l-Artikolu 1(1) tal-Ftehim Prinċipali,

(a) Matul l-ewwel u t-tieni perjodi transitorji trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità u trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati mill-Kroazja għandhom jitħallew jeżerċitaw drittijiet tat-traffiku bla limitu bejn kwalunkwe punt fil-Kroazja u kwalunkwe punt fi Stat Membru tal-KE.

(b) Matul it-tieni perjodu transitorju:

(i) it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità u t-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati mill-Kroazja għandhom jitħallew jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku kif previst fil-paragrafu (1) (a);

(ii) it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità għandhom jitħallew jeżerċitaw drittijiet tat-traffiku bla limitu bejn punti fil-Kroazja u Partijiet Assoċjati oħrajn u għandhom jitħallew jaqilbu, fi kwalunkwe punt, minn inġenju ta' l-ajru għal ieħor bil-kondizzjoni li t-titjira tkun parti minn servizz li jservi xi punt fi Stat Membru tal-KE;

(iii) it-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati mill-Kroazja għandhom jitħallew jeżerċitaw drittijiet tat-traffiku bla limitu bejn punti fi Stati Membri tal-KE differenti u għandhom jitħallew jaqilbu, fi kwalunkwe punt, minn inġenju ta' l-ajru għal ieħor bil-kondizzjoni li t-titjira tkun parti minn servizz li jservi xi punt fil-Kroazja.

(ċ) Sa l-aħħar tat-tieni perjodu transitorju, it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità m'għandhomx ikunu fil-maġġoranza proprjetà ta', jew effettivament ikkontrollati mill-Kroazja jew miċ-ċittadini tagħha u t-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati mill-Kroazja m'għandhomx ikunu fil-maġġoranza proprjetà ta', jew effettivament ikkontrollati minn Stati Membri tal-KE jew miċ-ċittadini tagħhom.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "trasportatur ta' l-ajru tal-Komunità" għandha tfisser trasportatur ta' l-ajru liċenzjat minn Stat Membru tal-KE, min-Norveġja jew mill-Islanda.

3. L-Artikoli 7 u 8 tal-Ftehim Prinċipali m'għandhomx japplikaw sa l-aħħar tat-tieni perjodu transitorju, mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Kroazja u tal-Komunità li joħorġu liċenzji operattivi skond l-atti msemmija fl-Anness I, rispettivament, għal trasportaturi li huma fil-maġġoranza proprjetà ta' jew effettivament ikkontrollati mill-Istati Membri tal-KE jew miċ-ċittadini tagħhom u għal trasportaturi li huma fil-maġġoranza proprjetà ta' jew effettivament ikkontrollati mill-Kroazja jew miċ-ċittadini tagħha mill-aħħar ta' l-ewwel perjodu transitorju.

*Artikolu 4*

**Sikurezza ta' l-avjazzjoni**

1. Fil-bidu ta' l-ewwel perjodu transitorju, il-Kroazja għandha tagħmilha ta' osservatur fix-xogħol ta' l-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea.

2. Fl-aħħar tat-tieni perjodu transitorju l-Kumitat Konġunt stabbilit skond l-Artikolu 18 tal-Ftehim Prinċipali għandu jiddetermina l-istatus u l-kondizzjonijiet preċiżi għall-parteċipazzjoni tal-Kroazja fl-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea.

3. Sa l-aħħar tat-tieni perjodu transitorju, jekk jiġu identifikati nuqqasijiet ta' sigurtà, l-Komunità Ewropea tista' titlob li l-permess għal trasportatur ta' l-ajru liċenzjat mill-Kroazja biex jopera fuq rotot ta' l-ajru lejn, minn jew fi ħdan il-Komunità Ewropea jkun soġġett għal valutazzjoni speċifika ta' sikurezza. Tali valutazzjoni għandha ssir bil-ħeffa mill-Komunità Ewropea sabiex jiġi evitat kull dewmien bla bżonn fl-eżerċizzju tad-drittijiet tat-traffiku.

*Artikolu 5*

**Sigurtà ta' l-avjazzjoni**

1. Fil-bidu tat-tieni perjodu transitorju l-parti kunfidenzjali tal-leġislazzjoni tas-sigurtà kif prevista fl-Anness I għandha titpoġġa għad-disposizzjoni ta' l-awtorità xierqa tal-Kroazja.

2. Sa l-aħħar tat-tieni perjodu transitorju, jekk jiġu identifikati nuqqasijiet fis-sigurtà, l-Komunità Ewropea tista' titlob li l-permess għal trasportatur ta' l-ajru liċenzjat mill-Kroazja biex jopera fuq rotot ta' l-ajru lejn, minn jew fi ħdan il-Komunità Ewropea jkun soġġett għal valutazzjoni speċifika ta' sigurtà. Tali valutazzjoni għandha ssir bil-ħeffa mill-Komunità Ewropea sabiex jiġi evitat kull dewmien bla bżonn fl-eżerċizzju tad-drittijiet tat-traffiku.

# PROTOKOLL V

## Arranġamenti Transitorji bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tal-KE, min-naħa waħda, u dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra

*Artikolu 1*

### Perjodi transitorji

1. L-ewwel perjodu transitorju għandu jestendi mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim sakemm ikunu ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 2(1) ta' dan il-Protokoll minn dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja kif ivverifikat minn valutazzjoni mwettqa mill-Komunità Ewropea.

2. It-tieni perjodu transitorju għandu jestendi mill-aħħar ta' l-ewwel perjodu transitorju sakemm ikunu ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 2(2) ta' dan il-Protokoll minn dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja kif ivverifikat minn valutazzjoni mwettqa mill-Komunità Ewropea.

*Artikolu 2*

### Kondizzjonijiet dwar it-transizzjoni

1. Sa l-aħħar ta' l-ewwel perjodu transitorju dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għandha

(i) tkun membru sħiħ ta' l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni Konġunti u għandha taħdem biex timplimenta l-leġislazzjoni kollha dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni prevista fl-Anness I;

(ii) tapplika d-Dokument 30 ta' l-ECAC u għandha tipprova timplimenta l-leġislazzjoni kollha dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni prevista fl-Anness I;

(iii) tapplika r-Regolament (KEE) Nru 3925/91 (dwar l-eliminazzjoni tal-kontrolli applikabbli għall-bagalji tal-kabina u ta' l-istiva), ir-Regolament (KEE) Nru 2409/92 (dwar nolijiet u rati għas-servizzi ta' l-ajru), id-Direttiva 94/56/KE (dwar investigazzjonijiet ta' aċċidenti), id-Direttiva 96/67/KE (dwar il-*groundhandling*), id-Direttiva 2003/42/KE (dwar rapporti ta' okkorrenza), id-Direttiva 2000/79/KE (dwar il-ħinijiet tax-xogħol fl-avjazzjoni ċivili) u d-Direttiva 2003/88/KE (dwar il-ħinijiet tax-xogħol) kif previst fl-Anness I;

(iv) tifred lill-fornitur tas-servizz tat-traffiku ta' l-ajru mill-korp regolatorju nazzjonali, tistabbilixxi korp nazzjonali ta' sorveljanza għas-servizzi tat-traffiku ta' l-ajru, tibda l-organizzazzjoni mill-ġdid ta' l-ispazju ta' l-ajru tagħha fi blokk jew blokok funzjonali, u tapplika użu flessibbli ta' l-ispazju ta' l-ajru;

(v) tirratifika l-Konvenzjoni għall-Unifikazzjoni ta' Ċerti Regoli għat-Trasport Internazzjonali bl-Ajru (il-Konvenzjoni ta' Montreal);

(vi) tkun għamlet progress biżżejjed fl-implimentazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna ta' l-istat u l-kompetizzjoni inklużi fi ftehim imsemmi fl-Artikolu 14(1) tal-Ftehim Prinċipali jew fl-Anness III ta' dan il-Ftehim, skond liema minnhom ikun japplika.

2. Sa l-aħħar tat-tieni perjodu transitorju dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għandha tapplika dan il-Ftehim inkluża l-leġislazzjoni kollha mniżżla fl-Anness I.

*Artikolu 3*

### Arranġamenti transitorji

1. Minkejja l-Artikolu 1(1) tal-Ftehim Prinċipali,

(a) Matul l-ewwel perjodu transitorju:

(i) it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità u t-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati minn dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għandhom jitħallew jeżerċitaw drittijiet tat-traffiku bla limitu bejn kwalunkwe punt f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u kwalunkwe punt fi Stat Membru tal-KE;

(ii) it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità m'għandhomx ikunu fil-maġġoranza proprjetà ta', jew effettivament ikkontrollati minn dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja jew miċ-ċittadini tagħha u t-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati minn dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja m'għandhomx ikunu fil-maġġoranza proprjetà ta', jew effettivament ikkontrollati minn Stati Membri tal-KE jew miċ-ċittadini tagħhom.

(b) Matul it-tieni perjodu transitorju:

(i) it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità u t-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati minn dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għandhom jitħallew jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku kif previst fil-paragrafu (1) (a) i.;

(ii) it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità għandhom jitħallew jeżerċitaw drittijiet tat-traffiku bla limitu bejn punti f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u Partijiet Assoċjati oħrajn u għandhom jitħallew jaqilbu, fi kwalunkwe punt, minn inġenju ta' l-ajru għal ieħor bil-kondizzjoni li t-titjira tkun parti minn servizz li jservi xi punt fi Stat Membru tal-KE;

(iii) it-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati minn dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għandhom jitħallew jeżerċitaw drittijiet tat-traffiku bla limitu bejn punti fi Stati Membri tal-KE differenti u għandhom jitħallew jaqilbu, fi kwalunkwe punt, minn inġenju ta' l-ajru għal ieħor bil-kondizzjoni li t-titjira tkun parti minn servizz li jservi xi punt f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "trasportatur ta' l-ajru tal-Komunità" għandha tfisser trasportatur ta' l-ajru liċenzjat minn Stat Membru tal-KE, min-Norveġja jew mill-Islanda.

3. L-Artikoli 7 u 8 tal-Ftehim Prinċipali m'għandhomx japplikaw sa l-aħħar tat-tieni perjodu transitorju, mingħajr preġudizzju għall-obbligu ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u tal-Komunità li joħorġu liċenzji operattivi skond l-atti msemmija fl-Anness I, rispettivament, għal trasportaturi li huma fil-maġġoranza proprjetà ta' jew effettivament ikkontrollati mill-Istati Membri tal-KE jew miċ-ċittadini tagħhom u għal trasportaturi li huma fil-maġġoranza proprjetà ta' jew effettivament ikkontrollati minn dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja jew miċ-ċittadini tagħha mill-aħħar ta' l-ewwel perjodu transitorju.

*Artikolu 4*

**L-applikazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni minn dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja**

Minkejja l-Artikolu 2 ta' dan il-Protokoll, mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għandha

(i) tapplika fil-prattika l-Konvenzjoni għall-Unifikazzjoni ta' Ċerti Regoli għat-Trasport Internazzjonali bl-Ajru (il-Konvenzjoni ta' Montreal);

(ii) timponi li t-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati minn dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fil-prattika jkunu konformi mar-Regolament (KE) Nru 261/2004;

(iii) ittemm il-kuntratt bejn il-Gvern ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika tal-Maċedonja u l-Linji ta' l-Ajru tal-Maċedonja (MAT) jew iġġibu konformi mad-dritt Komunitarju.

*Artikolu 5*

**Sikurezza ta' l-avjazzjoni**

1. Fil-bidu ta' l-ewwel perjodu transitorju dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għandha tagħmilha ta' osservatur fix-xogħol ta' l-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea.

2. Fl-aħħar tat-tieni perjodu transitorju l-Kumitat Konġunt stabbilit skond l-Artikolu 18 tal-Ftehim Prinċipali għandu jiddetermina l-istatus u l-kondizzjonijiet preċiżi għall-parteċipazzjoni ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fl-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea.

3. Sa l-aħħar tat-tieni perjodu transitorju, jekk jiġu identifikati nuqqasijiet ta' sikurezza, il-Komunità Ewropea tista' titlob li l-permess għal trasportatur ta' l-ajru liċenzjat minn dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja biex jopera fuq rotot ta' l-ajru lejn, minn jew fi ħdan il-Komunità Ewropea jkun soġġett għal valutazzjoni speċifika ta' sikurezza. Tali valutazzjoni għandha ssir bil-ħeffa mill-Komunità Ewropea sabiex jiġi evitat kull dewmien bla bżonn fl-eżerċizzju tad-drittijiet tat-traffiku.

*Artikolu 6*

**Sigurtà ta' l-avjazzjoni**

1. Fil-bidu tat-tieni perjodu transitorju l-parti kunfidenzjali tal-leġislazzjoni tas-sigurtà kif prevista fl-Anness I tal-Ftehim Prinċipali għandha titpoġġa għad-disposizzjoni ta' l-awtorità xierqa ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

2. Sa l-aħħar tat-tieni perjodu transitorju, jekk jiġu identifikati nuqqasijiet fis-sigurtà, il-Komunità Ewropea tista' titlob li l-permess għal trasportatur ta' l-ajru liċenzjat minn dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja biex jopera fuq rotot ta' l-ajru lejn, minn, jew fi ħdan il-Komunità Ewropea jkun soġġett għal valutazzjoni speċifika ta' sigurtà. Tali valutazzjoni għandha ssir bil-ħeffa mill-Komunità Ewropea sabiex jiġi evitat kull dewmien bla bżonn fl-eżerċizzju tad-drittijiet tat-traffiku.

## PROTOKOLL VI

### Arranġamenti Transitorji bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tal-KE, min-naħa waħda, u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra

*Artikolu 1*

**Perjodi transitorji**

1. L-ewwel perjodu transitorju għandu jestendi mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim sakemm ikunu ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 2(1) ta' dan il-Protokoll mir-Repubblika tas-Serbja kif ivverifikat minn valutazzjoni mwettqa mill-Komunità Ewropea.

2. It-tieni perjodu transitorju għandu jestendi mill-aħħar ta' l-ewwel perjodu transitorju sakemm ikunu ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 2(2) ta' dan il-Protokoll mir-Repubblika tas-Serbja kif ivverifikat minn valutazzjoni mwettqa mill-Komunità Ewropea.

*Artikolu 2*

**Kondizzjonijiet dwar it-transizzjoni**

1. Sa l-aħħar ta' l-ewwel perjodu transitorju r-Repubblika tas-Serbja għandha

(i) tkun membru sħiħ ta' l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni Konġunti u għandha tipprova timplimenta l-leġislazzjoni kollha dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni prevista fl-Anness I;

(ii) tapplika d-Dokument 30 ta' l-ECAC u għandha tipprova timplimenta l-leġislazzjoni kollha dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni prevista fl-Anness I;

(iii) tapplika r-Regolament (KEE) Nru 3925/91 (dwar l-eliminazzjoni tal-kontrolli applikabbli għall-bagalji tal-kabina u ta' l-istiva), ir-Regolament (KEE) Nru 2409/92 (dwar nolijiet u rati għas-servizzi ta' l-ajru), id-Direttiva 94/56/KE (dwar investigazzjonijiet ta' aċċidenti), id-Direttiva 96/67/KE (dwar il-*groundhandling*), ir-Regolament (KEE) Nru 2027/97 (dwar ir-responsabbiltà tat-trasportaturi ta' l-ajru fl-eventwalità ta' aċċidenti), id-Direttiva 2003/42/KE (dwar rapporti ta' okkorrenza), ir-Regolament 261/2004 (dwar meta ma jitħallewx jitilgħu abbord), id-Direttiva 2000/79/KE (dwar il-ħinijiet tax-xogħol fl-avjazzjoni ċivili) u d-Direttiva 2003/88/KE (dwar il-ħinijiet tax-xogħol) kif previst fl-Anness I;

(iv) tifred lill-fornitur tas-servizz tat-traffiku ta' l-ajru mill-korp regolatorju għar-Repubblika tas-Serbja, tistabbilixxi korp ta' sorveljanza għar-Repubblika tas-Serbja għas-servizzi tat-traffiku ta' l-ajru, tibda l-organizzazzjoni mill-ġdid ta' l-ispazju ta' l-ajru tar-Repubblika tas-Serbja fi blokk jew blokok funzjonali, u tapplika użu flessibbli ta' l-ispazju ta' l-ajru;

(v) tirratifika l-Konvenzjoni għall-Unifikazzjoni ta' Ċerti Regoli għat-Trasport Internazzjonali bl-Ajru (il-Konvenzjoni ta' Montreal);

(vi) tkun għamlet progress biżżejjed fl-implimentazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna ta' l-istat u l-kompetizzjoni inklużi fi ftehim imsemmi fl-Artikolu 14(1) tal-Ftehim Prinċipali jew fl-Anness III ta' dan il-Ftehim, skond liema minnhom ikun japplika.

2. Sa l-aħħar tat-tieni perjodu transitorju r-Repubblika tas-Serbja għandha tapplika dan il-Ftehim inkluża l-leġislazzjoni kollha mniżżla fl-Anness I.

*Artikolu 3*

**Arranġamenti transitorji**

1. Minkejja l-Artikolu 1(1) tal-Ftehim Prinċipali,

(a) Matul l-ewwel perjodu transitorju:

(i) it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità u t-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati mir-Repubblika tas-Serbja għandhom jitħallew jeżerċitaw drittijiet tat-traffiku bla limitu bejn kwalunkwe punt fir-Repubblika tas-Serbja u kwalunkwe punt fi Stat Membru tal-KE;

(ii) it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità m'għandhomx ikunu fil-maġġoranza proprjetà ta' jew effettivament ikkontrollati mir-Repubblika tas-Serbja jew miċ-ċittadini tagħha u t-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati mir-Repubblika tas-Serbja m'għandhomx ikunu fil-maġġoranza proprjetà ta' jew effettivament ikkontrollati mill-Istati Membri tal-KE jew miċ-ċittadini tagħhom.

(b) Matul it-tieni perjodu transitorju:

(i) it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità u t-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati mir-Repubblika tas-Serbja għandhom jitħallew jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku kif previst fil-paragrafu (1) (a) i.;

(ii) it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità għandhom jitħallew jeżerċitaw drittijiet tat-traffiku bla limitu bejn punti fir-Repubblika tas-Serbja u Partijiet Assoċjati oħrajn u għandhom jitħallew jaqilbu, fi kwalunkwe punt, minn inġenju ta' l-ajru għal ieħor bil-kondizzjoni li t-titjira tkun parti minn servizz li jservi xi punt fi Stat Membru tal-KE;

(iii) it-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati mir-Repubblika tas-Serbja għandhom jitħallew jeżerċitaw drittijiet tat-traffiku bla limitu bejn punti fi Stati Membri tal-KE differenti u għandhom jitħallew jaqilbu, fi kwalunkwe punt, minn inġenju ta' l-ajru għal ieħor bil-kondizzjoni li t-titjira tkun parti minn servizz li jservi xi punt fir-Repubblika tas-Serbja.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "trasportatur ta' l-ajru tal-Komunità" għandha tfisser trasportatur ta' l-ajru liċenzjat minn Stat Membru tal-KE, min-Norveġja jew mill-Islanda.

3. L-Artikoli 7 u 8 tal-Ftehim Prinċipali m'għandhomx japplikaw sa l-aħħar tat-tieni perjodu transitorju, mingħajr preġudizzju għall-obbligu tar-Repubblika tas-Serbja u tal-Komunità li joħorġu liċenzji operattivi skond l-atti msemmija fl-Anness I, rispettivament, għal trasportaturi li huma fil-maġġoranza proprjetà ta' jew effettivament ikkontrollati mill-Istati Membri tal-KE jew miċ-ċittadini tagħhom u għal trasportaturi li huma fil-maġġoranza proprjetà ta' jew effettivament ikkontrollati mir-Repubblika tas-Serbja jew miċ-ċittadini tagħha mill-aħħar ta' l-ewwel perjodu transitorju

*Artikolu 4*

**Sikurezza ta' l-avjazzjoni**

1. Fil-bidu ta' l-ewwel perjodu transitorju r-Repubblika tas-Serbja għandha tagħmilha ta' osservatur fix-xogħol ta' l-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea.

2. Fl-aħħar tat-tieni perjodu transitorju l-Kumitat Konġunt stabbilit skond l-Artikolu 18 tal-Ftehim Prinċipali għandu jiddetermina l-istatus u l-kondizzjonijiet preċiżi għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tas-Serbja fl-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea.

3. Sa l-aħħar tat-tieni perjodu transitorju, jekk jiġu identifikati nuqqasijiet ta' sikurezza, l-Komunità Ewropea tista' titlob li l-permess għal trasportatur ta' l-ajru liċenzjat mir-Repubblika tas-Serbja biex jopera fuq rotot ta' l-ajru lejn, minn jew fi ħdan il-Komunità Ewropea jkun soġġett għal valutazzjoni speċifika ta' sikurezza. Tali valutazzjoni għandha ssir bil-ħeffa mill-Komunità Ewropea sabiex jiġi evitat kull dewmien bla bżonn fl-eżerċizzju tad-drittijiet tat-traffiku.

*Artikolu 5*

**Sigurtà ta' l-avjazzjoni**

1. Fil-bidu tat-tieni perjodu transitorju l-parti kunfidenzjali tal-leġislazzjoni tas-sigurtà kif prevista fl-Anness I għandha titpoġġa għad-disposizzjoni ta' l-awtorità xierqa tar-Repubblika tas-Serbja.

2. Sa l-aħħar tat-tieni perjodu transitorju, jekk jiġu identifikati nuqqasijiet fis-sigurtà, l-Komunità Ewropea tista' titlob li l-permess għal trasportatur ta' l-ajru liċenzjat mir-Repubblika tas-Serbja biex jopera fuq rotot ta' l-ajru lejn, minn jew fi ħdan il-Komunità Ewropea jkun soġġett għal valutazzjoni speċifika ta' sigurtà. Tali valutazzjoni għandha ssir bil-ħeffa mill-Komunità Ewropea sabiex jiġi evitat kull dewmien bla bżonn fl-eżerċizzju tad-drittijiet tat-traffiku.

**PROTOKOLL VII**

**Arranġamenti Transitorji bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tal-KE, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, min-naħa l-oħra**

*Artikolu 1*

**Perjodi transitorji**

1. L-ewwel perjodu transitorju għandu jestendi mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim sakemm ikunu ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 2(1) ta' dan il-Protokoll mir-Repubblika tal-Montenegro kif ivverifikat minn valutazzjoni mwettqa mill-Komunità Ewropea.

2. It-tieni perjodu transitorju għandu jestendi mill-aħħar ta' l-ewwel perjodu transitorju sakemm ikunu ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 2(2) ta' dan il-Protokoll mir-Repubblika tal-Montenegro kif ivverifikat minn valutazzjoni mwettqa mill-Komunità Ewropea.

*Artikolu 2*

**Kondizzjonijiet dwar it-transizzjoni**

1. Sa l-aħħar ta' l-ewwel perjodu transitorju r-Repubblika tal-Montenegro għandha

(i) tkun membru sħiħ ta' l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni Konġunti u għandha tipprova timplimenta l-leġislazzjoni kollha dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni prevista fl-Anness I;

(ii) tapplika d-Dokument 30 ta' l-ECAC u għandha tipprova timplimenta l-leġislazzjoni kollha dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni prevista fl-Anness I;

(iii) tapplika r-Regolament (KEE) Nru 3925/91 (dwar l-eliminazzjoni tal-kontrolli applikabbli għall-bagalji tal-kabina u ta' l-istiva), ir-Regolament (KEE) Nru 2409/92 (dwar nolijiet u rati għas-servizzi ta' l-ajru), id-Direttiva 94/56/KE (dwar investigazzjonijiet ta' aċċidenti), id-Direttiva 96/67/KE (dwar il-*groundhandling*), ir-Regolament (KEE) Nru 2027/97 (dwar ir-responsabbiltà tat-trasportaturi ta' l-ajru fl-eventwalità ta' aċċidenti), id-Direttiva 2003/42/KE (dwar rapporti ta' okkorrenza), ir-Regolament 261/2004 (dwar meta ma jitħallewx jitilgħu abbord), id-Direttiva 2000/79/KE (dwar il-ħinijiet tax-xogħol fl-avjazzjoni ċivili) u d-Direttiva 2003/88/KE (dwar il-ħinijiet tax-xogħol) kif previst fl-Anness I;

(iv) tifred lill-fornitur tas-servizz tat-traffiku ta' l-ajru mill-korp regolatorju għar-Repubblika tal-Montenegro, tistabbilixxi korp ta' sorveljanza għar-Repubblika tal-Montenegro għas-servizzi tat-traffiku ta' l-ajru, tibda l-organizzazzjoni mill-ġdid ta' l-ispazju ta' l-ajru tar-Repubblika tal-Montenegro fi blokk jew blokok funzjonali, u tapplika użu flessibbli ta' l-ispazju ta' l-ajru;

(v) tirratifika l-Konvenzjoni għall-Unifikazzjoni ta' Ċerti Regoli għat-Trasport Internazzjonali bl-Ajru (il-Konvenzjoni ta' Montreal);

(vi) tkun għamlet progress biżżejjed fl-implimentazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna ta' l-istat u l-kompetizzjoni inklużi fi ftehim imsemmi fl-Artikolu 14(1) tal-Ftehim Prinċipali jew fl-Anness III ta' dan il-Ftehim, skond liema minnhom ikun japplika.

2. Sa l-aħħar tat-tieni perjodu transitorju r-Repubblika tal-Montenegro għandha tapplika dan il-Ftehim inkluża l-leġislazzjoni kollha mniżżla fl-Anness I.

*Artikolu 3*

**Arranġamenti transitorji**

1. Minkejja l-Artikolu 1(1) tal-Ftehim Prinċipali,

(a) Matul l-ewwel perjodu transitorju:

(i) it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità u t-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati mir-Repubblika tal-Montenegro għandhom jitħallew jeżerċitaw drittijiet tat-traffiku bla limitu bejn kwalunkwe punt fir-Repubblika tal-Montenegro u kwalunkwe punt fi Stat Membru tal-KE;

(ii) it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità m'għandhomx ikunu fil-maġġoranza proprjetà ta' jew effettivament ikkontrollati mir-Repubblika tal-Montenegro jew miċ-ċittadini tagħha u t-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati mir-Repubblika tal-Montenegro m'għandhomx ikunu fil-maġġoranza proprjetà ta' jew effettivament ikkontrollati mill-Istati Membri tal-KE jew miċ-ċittadini tagħhom.

(b) Matul it-tieni perjodu transitorju:

(i) it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità u t-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati mir-Repubblika tal-Montenegro għandhom jitħallew jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku kif previst fil-paragrafu (1) (a) i.;

(ii) it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità għandhom jitħallew jeżerċitaw drittijiet tat-traffiku bla limitu bejn punti fir-Repubblika tal-Montenegro u Partijiet Assoċjati oħrajn u għandhom jitħallew jaqilbu, fi kwalunkwe punt, minn inġenju ta' l-ajru għal ieħor bil-kondizzjoni li t-titjira tkun parti minn servizz li jservi xi punt fi Stat Membru tal-KE;

(iii) it-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati mir-Repubblika tal-Montenegro għandhom jitħallew jeżerċitaw drittijiet tat-traffiku bla limitu bejn punti fi Stati Membri tal-KE differenti u għandhom jitħallew jaqilbu, fi kwalunkwe punt, minn inġenju ta' l-ajru għal ieħor bil-kondizzjoni li t-titjira tkun parti minn servizz li jservi xi punt fir-Repubblika tal-Montenegro.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "trasportatur ta' l-ajru tal-Komunità" għandha tfisser trasportatur ta' l-ajru liċenzjat minn Stat Membru tal-KE, min-Norveġja jew mill-Islanda.

3. L-Artikoli 7 u 8 tal-Ftehim Prinċipali m'għandhomx japplikaw sa l-aħħar tat-tieni perjodu transitorju, mingħajr preġudizzju għall-obbligu tar-Repubblika tal-Montenegro u tal-Komunità li joħorġu liċenzji operattivi skond l-atti msemmija fl-Anness I, rispettivament, għal trasportaturi li huma fil-maġġoranza proprjetà ta' jew effettivament ikkontrollati mill-Istati Membri tal-KE jew miċ-ċittadini tagħhom u għal trasportaturi li huma fil-maġġoranza proprjetà ta' jew effettivament ikkontrollati mir-Repubblika tal-Montenegro jew miċ-ċittadini tagħha mill-aħħar ta' l-ewwel perjodu transitorju

*Artikolu 4*

**Sikurezza ta' l-avjazzjoni**

1. Fil-bidu ta' l-ewwel perjodu transitorju r-Repubblika tal-Montenegro għandha tagħmilha ta' osservatur fix-xogħol ta' l-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea.

2. Fl-aħħar tat-tieni perjodu transitorju l-Kumitat Konġunt stabbilit skond l-Artikolu 18 tal-Ftehim Prinċipali għandu jiddetermina l-istatus u l-kondizzjonijiet preċiżi għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Montenegro fl-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea.

(3) Sa l-aħħar tat-tieni perjodu transitorju, jekk jiġu identifikati nuqqasijiet ta' sikurezza, l-Komunità Ewropea tista' titlob li l-permess għal trasportatur ta' l-ajru liċenzjat mir-Repubblika tal-Montenegro biex jopera fuq rotot ta' l-ajru lejn, minn jew fi ħdan il-Komunità Ewropea jkun soġġett għal valutazzjoni speċifika ta' sikurezza. Tali valutazzjoni għandha ssir bil-ħeffa mill-Komunità Ewropea sabiex jiġi evitat kull dewmien bla bżonn fl-eżerċizzju tad-drittijiet tat-traffiku.

*Artikolu 5*

**Sigurtà ta' l-avjazzjoni**

1. Fil-bidu tat-tieni perjodu transitorju l-parti kunfidenzjali tal-leġislazzjoni tas-sigurtà kif prevista fl-Anness I għandha titpoġġa għad-disposizzjoni ta' l-awtorità xierqa tar-Repubblika tal-Montenegro.

2. Sa l-aħħar tat-tieni perjodu transitorju, jekk jiġu identifikati nuqqasijiet fis-sigurtà, l-Komunità Ewropea tista' titlob li l-permess għal trasportatur ta' l-ajru liċenzjat mir-Repubblika tal-Montenegro biex jopera fuq rotot ta' l-ajru lejn, minn jew fi ħdan il-Komunità Ewropea jkun soġġett għal valutazzjoni speċifika ta' sigurtà. Tali valutazzjoni għandha ssir bil-ħeffa mill-Komunità Ewropea sabiex jiġi evitat kull dewmien bla bżonn fl-eżerċizzju tad-drittijiet tat-traffiku.

## PROTOKOLL VIII

### Arranġamenti Transitorji bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tal-KE, min-naħa waħda, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra

*Artikolu 1*

**Perjodu transitorju**

1. Il-perjodu transitorju għandu jestendi mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim sakemm ikunu ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' dan il-Protokoll mir-Rumanija, kif ivverifikat b'valutazzjoni mwettqa mill-Komunità Ewropea.

2. Fil-każ tar-Rumanija, ir-referenzi għat-"tieni perjodu transitorju" f'dan il-Ftehim jew fl-Annessi tiegħu għandhom ifissru l-perjodu transitorju msemmi taħt il-paragrafu 1.

*Artikolu 2*

**Kondizzjonijiet dwar it-transizzjoni**

Sa l-aħħar tal-perjodu transitorju r-Rumanija għandha tapplika dan il-Ftehim inkluża l-leġislazzjoni kollha mniżżla fl-Anness I.

*Artikolu 3*

**Arranġamenti transitorji**

1. Minkejja l-Artikolu 1(1) tal-Ftehim Prinċipali ,

matul il-perjodu tansitorju:

(i) it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità u t-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati mir-Rumanija għandhom jitħallew jeżerċitaw drittijiet tat-traffiku bla limitu bejn kwalunkwe punt fir-Rumanija u kwalunkwe punt fi Stat Membru tal-KE;

(ii) it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità għandhom jitħallew jeżerċitaw drittijiet tat-traffiku bla limitu bejn punti fir-Rumanija u Partijiet Assoċjati oħrajn u għandhom jitħallew jaqilbu, fi kwalunkwe punt, minn inġenju ta' l-ajru għal ieħor bil-kondizzjoni li t-titjira tkun parti minn servizz li jservi xi punt fi Stat Membru tal-KE;

(iii) it-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati mir-Rumanija għandhom jitħallew jeżerċitaw drittijiet tat-traffiku bla limitu bejn punti fi Stati Membri tal-KE differenti u għandhom jitħallew jaqilbu, fi kwalunkwe punt, minn inġenju ta' l-ajru għal ieħor bil-kondizzjoni li t-titjira tkun parti minn servizz li jservi xi punt fir-Rumanija.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "trasportatur ta' l-ajru tal-Komunità" għandha tfisser trasportatur ta' l-ajru liċenzjat minn Stat Membru tal-KE, min-Norveġja jew mill-Islanda.

3. L-Artikoli 7 u 8 tal-Ftehim Prinċipali m'għandhomx japplikaw sa l-aħħar tal-perjodu transitorju, mingħajr preġudizzju għall-obbligu tar-Rumanija u tal-Komunità li joħorġu liċenzji operattivi skond l-atti msemmija fl-Anness I, rispettivament, għal trasportaturi li huma fil-maġġoranza proprjetà ta' jew effettivament ikkontrollati mill-Istati Membri tal-KE jew miċ-ċittadini tagħhom u għal trasportaturi li huma fil-maġġoranza proprjetà ta' jew effettivament ikkontrollati mir-Rumanija jew miċ-ċittadini tagħha mill-bidu tal-perjodu transitorju.

*Artikolu 4*

**Sikurezza ta' l-avjazzjoni**

1. Fl-aħħar tal-perjodu transitorju l-Kumitat Konġunt stabbilit taħt l-Artikolu 18 tal-Ftehim Prinċipali għandu jiddetermina l-istatus u l-kondizzjonijiet preċiżi għall-parteċipazzjoni tar-Rumanija fl-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea.

2. Sa l-aħħar tat-tieni perjodu transitorju, jekk jiġu identifikati nuqqasijiet fis-sikurezza, il-Komunità Ewropea tista' titlob li l-permess għal trasportatur ta' l-ajru liċenzjat mir-Rumanija biex jopera fuq rotot ta' l-ajru lejn, minn jew fi ħdan il-Komunità Ewropea jkun soġġett għal valutazzjoni speċifika ta' sikurezza. Tali valutazzjoni għandha ssir bil-ħeffa mill-Komunità Ewropea sabiex jiġi evitat kull dewmien bla bżonn fl-eżerċizzju tad-drittijiet tat-traffiku.

*Artikolu 5*

**Sigurtà ta' l-avjazzjoni**

Sa l-aħħar tal-perjodu transitorju, jekk jiġu identifikati nuqqasijiet fis-sigurtà, il-Komunità Ewropea tista' titlob li l-permess għal trasportatur ta' l-ajru liċenzjat mir-Rumanija biex jopera fuq rotot ta' l-ajru lejn, minn jew fi ħdan il-Komunità Ewropea jkun soġġett għal valutazzjoni speċifika ta' sigurtà. Tali valutazzjoni għandha ssir bil-ħeffa mill-Komunità Ewropea sabiex jiġi evitat kull dewmien bla bżonn fl-eżerċizzju tad-drittijiet tat-traffiku.

## PROTOKOLL IX

### Arranġamenti Transitorji bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tal-KE, min-naħa waħda, u l-Amministrazzjoni Temporanja tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo, min-naħa l-oħra

*Artikolu 1*

**Kompetenzi ta' l-UNMIK**

Id-disposizzjonijiet ta' dan il-Protokoll huma mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Missjoni ta' Amministrazzjoni Temporanja tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"UNMIK", kif joħorġu mir-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-10 ta' Ġunju 1999.

*Artikolu 2*

**Perjodi transitorji**

1. L-ewwel perjodu transitorju għandu jestendi mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim sakemm ikunu ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 3(1) ta' dan il-Protokoll mill-UNMIK kif ivverifikat minn valutazzjoni mwettqa mill-Komunità Ewropea.

2. It-tieni perjodu transitorju għandu jestendi mill-aħħar ta' l-ewwel perjodu transitorju sakemm ikunu ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 3(2) ta' dan il-Protokoll mill-UNMIK kif ivverifikat minn valutazzjoni mwettqa mill-Komunità Ewropea.

*Artikolu 3*

**Kondizzjonijiet dwar it-transizzjoni**

1. Sa l-aħħar ta' l-ewwel perjodu transitorju l-UNMIK għandha

(i) timplimenta, mingħajr preġudizzju għall-istatus tagħha taħt id-dritt internazzjonali, il-Ħtiġiet ta' l-Avjazzjoni Konġunti (JARs) adottati mill-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni Konġunti u għandha tipprova timplimenta l-leġislazzjoni kollha dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni kif prevista fl-Anness I;

(ii) tapplika d-Dokument 30 ta' l-ECAC u għandha tipprova timplimenta l-leġislazzjoni kollha dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni prevista fl-Anness I;

(iii) tapplika r-Regolament (KEE) Nru 3925/91 (dwar l-eliminazzjoni tal-kontrolli applikabbli għall-bagalji tal-kabina u ta' l-istiva), ir-Regolament (KEE) Nru 2409/92 (dwar nolijiet u rati għas-servizzi ta' l-ajru), id-Direttiva 94/56 (dwar investigazzjonijiet ta' aċċidenti), ir-Regolament (KE) Nru 2027/97 (dwar ir-responsabbiltà tat-trasportaturi ta' l-ajru fl-eventwalità ta' aċċidenti), id-Direttiva 2003/42/KE (dwar rapporti ta' okkorrenza), ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 (dwar meta ma jitħallewx jitilgħu abbord), id-Direttiva 2000/79/KE (dwar il-ħinijiet tax-xogħol fl-avjazzjoni ċivili) u d-Direttiva 2003/88/KE (dwar il-ħinijiet tax-xogħol) kif previst fl-Anness għal dan il-Ftehim;

(iv) tifred lill-fornitur tas-servizz tat-traffiku ta' l-ajru mill-korp regolatorju, tistabbilixxi jew tinnomina korp ta' sorveljanza għas-servizzi tat-traffiku ta' l-ajru;

(v) tapplika fil-prattika l-Konvenzjoni għall-Unifikazzjoni ta' Ċerti Regoli għat-Trasport Internazzjonali bl-Ajru (il-Konvenzjoni ta' Montreal);

(vi) tkun għamlet progress biżżejjed fl-implimentazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna ta' l-istat u l-kompetizzjoni inklużi fi ftehim imsemmi fl-Artikolu 14(1) tal-Ftehim Prinċipali jew fl-Anness III, skond liema minnhom ikun japplika.

2. Sa l-aħħar tat-tieni perjodu transitorju l-UNMIK għandha tapplika dan il-Ftehim inkluża l-leġislazzjoni kollha mniżżla fl-Anness I.

*Artikolu 4*

**Arranġamenti transitorji**

1. Minkejja l-Artikolu 1(1) tal-Ftehim Prinċipali,

(a) Matul l-ewwel perjodu transitorju:

(i) it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità u t-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati mill-UNMIK għandhom jitħallew jeżerċitaw drittijiet tat-traffiku bla limitu bejn kwalunkwe punt f'Kosovo u kwalunkwe punt fi Stat Membru tal-KE;

(ii) it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità m'għandhomx ikunu fil-maġġoranza proprjetà ta', jew effettivament ikkontrollati mill-UNMIK jew miċ-ċittadini tal-Kosovo u t-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati mill-UNMIK m'għandhomx ikunu fil-maġġoranza proprjetà ta', jew effettivament ikkontrollati minn Stati Membri tal-KE jew miċ-ċittadini tagħhom.

(b) Matul it-tieni perjodu transitorju:

(i) it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità u t-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati mill-UNMIK għandhom jitħallew jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku kif previst fil-paragrafu (1) (a) i.;

(ii) it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità għandhom jitħallew jeżerċitaw drittijiet tat-traffiku bla limitu bejn punti fil-Kosovo u Partijiet Assoċjati oħrajn u għandhom jitħallew jaqilbu, fi kwalunkwe punt, minn inġenju ta' l-ajru għal ieħor bil-kondizzjoni li t-titjira tkun parti minn servizz li jservi xi punt fi Stat Membru tal-KE;

(iii) it-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati mill-UNMIK għandhom jitħallew jeżerċitaw drittijiet tat-traffiku bla limitu bejn punti fi Stati Membri tal-KE differenti u għandhom jitħallew jaqilbu, fi kwalunkwe punt, minn inġenju ta' l-ajru għal ieħor bil-kondizzjoni li t-titjira tkun parti minn servizz li jservi xi punt fil-Kosovo.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "trasportatur ta' l-ajru tal-Komunità" għandha tfisser trasportatur ta' l-ajru liċenzjat minn Stat Membru tal-KE, min-Norveġja jew mill-Islanda.

3. L-Artikoli 7 u 8 tal-Ftehim Prinċipali m'għandhomx japplikaw sa l-aħħar tat-tieni perjodu transitorju, mingħajr preġudizzju għall-obbligu ta' l-UNMIK u tal-Komunità li joħorġu liċenzji operattivi skond l-atti msemmija fl-Anness I tal-Ftehim Prinċipali, rispettivament, għal trasportaturi li huma fil-maġġoranza proprjetà ta' jew effettivament ikkontrollati mill-Istati Membri tal-KE jew miċ-ċittadini tagħhom u għal trasportaturi li huma fil-maġġoranza proprjetà ta' jew effettivament ikkontrollati mill-UNMIK jew miċ-ċittadini tal-Kosovo mill-aħħar ta' l-ewwel perjodu transitorju.

*Artikolu 5*

**Konvenzjonijiet u ftehim internazzjonali**

Fejn il-leġislazzjoni mniżżla fl-Anness I tal-Ftehim Prinċipali tipprovdi għall-obbligu li ssir parti minn konvenzjonijiet jew ftehim internazzjonali, għandu jitqies l-istatus speċjali ta' l-UNMIK taħt id-dritt internazzjonali.

*Artikolu 6*

**Sikurezza ta' l-avjazzjoni**

1. Fil-bidu ta' l-ewwel perjodu transitorju l-UNMIK għandha tagħmilha ta' osservatur fix-xogħol ta' l-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea.

2. Fl-aħħar tat-tieni perjodu transitorju l-Kumitat Konġunt stabbilit skond l-Artikolu 18 tal-Ftehim Prinċipali għandu jiddetermina l-istatus u l-kondizzjonijiet preċiżi għall-parteċipazzjoni ta' l-UNMIK fl-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea.

3. Sa l-aħħar tat-tieni perjodu transitorju, jekk jiġu identifikati nuqqasijiet ta' sikurezza, l-Komunità Ewropea tista' titlob li l-permess għal trasportatur ta' l-ajru liċenzjat mill-UNMIK biex jopera fuq rotot ta' l-ajru lejn, minn jew fi ħdan il-Komunità Ewropea jkun soġġett għal valutazzjoni speċifika ta' sikurezza. Tali valutazzjoni għandha ssir bil-ħeffa mill-Komunità Ewropea sabiex jiġi evitat kull dewmien bla bżonn fl-eżerċizzju tad-drittijiet tat-traffiku.

*Artikolu 7*

**Sigurtà ta' l-avjazzjoni**

1. Fil-bidu tat-tieni perjodu transitorju l-parti kunfidenzjali tal-leġislazzjoni tas-sigurtà kif prevista fl-Anness I tal-Ftehim Prinċipali għandha titpoġġa għad-disposizzjoni ta' l-awtorità xierqa ta' l-UNMIK.

2. Sa l-aħħar tat-tieni perjodu transitorju, jekk jiġu identifikati nuqqasijiet fis-sigurtà, l-Komunità Ewropea tista' titlob li l-permess għal trasportatur ta' l-ajru liċenzjat mill-UNMIK biex jopera fuq rotot ta' l-ajru lejn, minn jew fi ħdan il-Komunità Ewropea jkun soġġett għal valutazzjoni speċifika ta' sigurtà. Tali valutazzjoni għandha ssir bil-ħeffa mill-Komunità Ewropea sabiex jiġi evitat kull dewmien bla bżonn fl-eżerċizzju tad-drittijiet tat-traffiku.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-15 ta' Settembru 2006

## li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill

(2006/683/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(3), l-ewwel subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 41(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kunsill Ewropew, li ltaqa' fil-15 u s-16 ta' Ġunju 2006, issottlinja li bil-ħsieb li tiżdied il-kunfidenza taċ-ċittadini fl-Unjoni Ewropea, huwa importanti li dawn ikunu jistgħu jiksbu għarfien dirett ta' l-attivitajiet tiegħu, b' mod partikulari permezz ta' aktar ftuħ u trasparenza. Għalhekk, kif miftiehem fil-Kunsill Ewropew, u b'rispett sħiħ tal-ħtieġa li tkun żgurata l-effettività ta' ħidmet il-Kunsill, din ta' l-aħħar għandha tkun miftuħa aktar, partikolarment meta l-Kunsill jiddelibera dwar atti leġiżlattivi taħt il-proċedura ta' kodeċiżjoni. Għandhom jittieħdu wkoll miżuri sabiex itejbu sostanzjalment il-mezzi tekniċi użati biex jixxandru, fil-lingwi uffiċjali kollha ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea, id-deliberazzjonijiet u d-dibattiti pubbliċi tal-Kunsill, b' mod partikulari permezz ta' l-użu ta' l-Internet.

F'Diċembru ta' l-2006 il-Kunsill se jirrevedi l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' ftuħ hawn imsemmija bil-ħsieb li jivvaluta l-impatt tagħhom fuq l-effettività ta' ħidmet il-Kunsill.

(2) Huwa xieraq ukoll li l-ipprogrammar ta' l-attivitajiet tal-Kunsill ikun ikkonsolidat. Għalhekk, se tkun introdotta sistema ġdida, li tieħu post is-sistema preċedenti, ibbażata fuq programm ta' 18-il xahar li se tkun preżentata għall-endorsjar lill-Kunsill mit-tliet Presidenzi li se jkollhom il-mandat waqt dak il-perjodu partikolari.

(3) Finalment, fi sforz biex jitjieb il-funzjonament tal-proċedura bil-miktub u biex tkun aċċellerata l-adozzjoni mill-Kunsill ta' risposti għal mistoqsijiet minn Membri tal-Parlament Ewropew, ta' deċiżjonijiet biex ikunu maħturin Membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u Membri tal-Kumitat tar-Reġjuni u ta' deċiżjonijiet biex ikunu kkonsultati istituzzjonijiet u korpi oħrajn, huwa xieraq li jkunu emendati u ċċarati d-dispożizzjonijiet dwar il-proċedura bil-miktub.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill tat-22 ta' Marzu 2004 ([1]) għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej.

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill (2004/338/KE, Euratom) tat-22 ta' Marzu 2004 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (ĠU L 106, 15.04.2004, p. 22). Regoli ta' Proċedura kif emendati l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/34/KE, Euratom tat-23 ta' Jannar 2006 (ĠU L 22, 26.1.2006, p. 32).

**"REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-KUNSILL**

*Artikolu 1*

## Avviż u post tal-laqgħat

1. Il-Kunsill għandu jiltaqa' meta jiġi msejjaħ mill-President tiegħu fuq inizjattiva tiegħu jew wara talba ta' xi wieħed mill-membri tiegħu jew tal-Kummissjoni (1).

2. Seba' xhur qabel il-bidu tal-mandat tiegħu, wara konsultazzjoni mal-Presidenzi li jippreċedu u li jsegwu l-mandat fejn xieraq, il-Presidenza għandha tgħarraf bid-dati li hija tipprevedi għal laqgħat li l-Kunsill se jkollu jagħmel sabiex iwettaq il-ħidma leġiżlattiva tiegħu jew jieħu deċiżjonijiet operattivi.

3. Il-Kunsill għandu jkollu s-sede tiegħu fi Brussel. Matul ix-xhur ta' April, Ġunju u Ottubru, il-Kunsill għandu jkollu l-laqgħat tiegħu fil-Lussemburgu (2).

F'ċirkostanzi eċċezzjonali u għal raġunijiet debitament issostanzjati, il-Kunsill jew il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (minn hawn 'il quddiem 'Coreper'), filwaqt li jaġixxi unanimament, jista' jiddeċiedi li laqgħa tal-Kunsill tinżamm x'imkien ieħor.

*Artikolu 2*

## Konfigurazzjonijiet tal-Kunsill, rwol tal-Kunsill dwar l-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni u programmar

1. Il-Kunsill jista' jiltaqa' f'konfigurazzjonijiet differenti skond is-suġġett ittrattat. Il-Kunsill fil-konfigurazzjoni tiegħu ta' l-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni (minn hawn 'il quddiem 'il-Kunsill dwar l-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni'), imlaqqa' f'laqgħa kif imsemmi fil-paragrafu 2(a), għandu jiddetermina l-lista ta' dawn il-konfigurazzjonijiet, li tidher fl-Anness I.

2. Il-Kunsill dwar l-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni għandu jkopri dawn iż-żewġ oqsma prinċipali ta' attivitajiet li ġejjin, li għalihom għandu jkollu laqgħat separati, b'aġendi separati u possibbilment f'dati differenti, li jittrattaw rispettivament:

(a) il-preparazzjoni għal u s-segwitu tal-laqgħat tal-Kunsill Ewropew, inklużi l-koordinazzjoni meħtieġa tal-ħidma preparatorja kollha, il-koordinazzjoni ġenerali tal-linji politiċi, kwistjonijiet istituzzjonali u amministrattivi, id-dokumenti orizzontali li jaffetwaw ħafna mil-linji politiċi ta' l-Unjoni u kwalunkwe dokument afdat lilu mill-Kunsill Ewropew, rigward regoli operattivi għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja;

(b) l-azzjoni esterna kollha ta' l-Unjoni Ewropea, jiġifieri l-politika estera u ta' sigurtà komuni, il-politika Ewropea ta' sigurtà u difiża, il-kummerċ estern, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-għajnuna umanitarja.

3. Għall-għan tal-preparazzjoni tal-laqgħat tal-Kunsill Ewropew, il-Kunsill dwar l-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni mlaqqa' f'laqgħa kif imsemmi fil-paragrafu 2(a) għandu:

(a) ifassal abbozz ta' aġenda annotata fuq proposta mill-Presidenza ta' l-inqas erba' ġimgħat qabel il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew;

(b) ikollu laqgħa preparatorja finali awl il-lejl tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew u japprova l-aġenda.

Il-kontributi għall-proċedimenti tal-Kunsill Ewropew minn konfigurazzjonijiet oħrajn tal-Kunsill għandhom jingħaddew lill-Kunsill dwar l-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni, imlaqqa' f'laqgħa kif imsemmi fil-punt (2)(a), ta' l-inqas ġimagħtejn qabel il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew.

Ħlief għal raġunijiet urġenti u imprevedibbli marbutin, bħala eżempju, ma' ġrajjiet kurrenti internazzjonali, l-ebda konfigurazzjoni oħra tal-Kunsill jew kumitat preparatorju tal-Kunsill ma jista' jiltaqa' bejn il-laqgħa preparatorja finali msemmija fil-punt (b) ta' l-ewwel subparagrafu u l-laqgħa tal-Kunsill Ewropew.

Il-miżuri meħtieġa għall-organizzazzjoni prattika tal-proċedimenti tal-Kunsill Ewropew għandhom jittieħdu mill-Presidenza flimkien mas-Segretarjat Ġenerali, skond ir-regoli li dwarhom qabel il-Kunsill Ewropew innifsu.

(1) Dan il-paragrafu jirriproduċi l-Artikolu 204 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.
(2) Dan il-paragrafu jirriproduċi l-punt (b) ta' l-Artikolu waħdieni tal-Protokoll dwar il-lokazzjoni tas-sedi ta' l-istituzzjonijiet u ta' ċerti korpi u dipartimenti tal-Komunitajiet Ewropej u ta' l-Europol anness mat-Trattati.

4. Kull 18-il xahar, it-tliet Presidenzi li se jkollhom il-mandat għandhom jippreparaw, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, u wara konsultazzjonijiet xierqa, abbozz ta' programm ta' attivitajiet tal-Kunsill għal dak il-perjodu. Il-tliet Presidenzi għandhom jippreżentaw flimkien l-abbozz ta' programm mhux aktar tard minn xahar qabel il-perjodu rilevanti, bil-ħsieb li jkun endorsjat mill-Kunsill dwar l-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet esterni, imlaqqa' f'laqgħa kif imsemmi fil-paragrafu 2(a) ([1]).

5. Il-Presidenza li jmiss għandha tistabbilixxi aġendi provviżorji indikattivi għal-laqgħat tal-Kunsill skedati għall-perjodu ta' sitt xhur li ġejjin, li juru l-ħidma leġiżlattiva u d-diskussjonijiet operattivi previsti. Dawn l-aġendi provviżorji indikattivi għandhom ikunu stabbiliti ta' l-inqas ġimgħa qabel il-bidu tal-mandat tagħha, abbażi tal-programm ta' 18-il xahar tal-Kunsill u wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni. Fejn meħtieġ, jistgħu jkunu previsti laqgħat oħrajn tal-Kunsill, barra dawk li kienu diġà ppjanati.

Aġendi provviżorji indikattivi simili għal-laqgħat tal-Kunsill skedati għall-perjodu ta' sitt xhur li jsegwi dak imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu stabbiliti mill-Presidenza involuta, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni u l-Presidenza li jmiss, ta' l-inqas ġimgħa qabel il-bidu tal-mandat tagħha.

Jekk waqt perjodu ta' sitt xhur kwalunkwe mil-laqgħat ippjanati waqt dak il-perjodu turi li ma tkunx aktar iġġustifikata, il-Presidenza m'għandhiex tlaqqagħha.

*Artikolu 3* ([2])

**Aġenda**

1. Billi jieħu kont tal-programm ta' 18-il xahar tal-Kunsill, il-President għandu jfassal l-aġenda provviżorja għal kull laqgħa. L-aġenda għandha tintbagħat lill-membri l-oħrajn tal-Kunsill u lill-Kummissjoni ta' l-inqas erbatax-il ġurnata qabel il-bidu tal-laqgħa.

2. L-aġenda provviżorja għandha tinkludi l-punti li dwarhom saret talba għal inklużjoni fl-aġenda, flimkien ma' kwalunkwe dokumenti marbutin magħhom, u tkun ġiet riċevuta mis-Segretarjat Ġenerali minn membru tal-Kunsill jew mill-Kummissjoni ta' l-inqas sittax-il ġurnata qabel il-bidu tal-laqgħa. L-aġenda provviżorja għandha tindika wkoll permezz ta' asterisk il-punti li dwarhom il-Presidenza, membru tal-Kunsill jew il-Kummissjoni jistgħu jitolbu vot. Tali indikazzjoni għandha ssir ladarba jkun hemm konformità mal-ħtiġiet proċedurali kollha previsti mit-Trattati.

3. Punti relatati ma' l-adozzjoni ta' att jew pożizzjoni komuni dwar proposta leġiżlattiva jew proposta għal miżura li se tkun adottata taħt it-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (hawn aktar 'il quddiem 'it-Trattat UE')għandhom jitpoġġew fuq l-aġenda provviżorja għal deċiżjoni sakemm il-perjodu ta' sitt ġimgħat previst fil-punt 3 tal-Protokoll dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali ta' l-Unjoni Ewropea jkun skada.

Il-Kunsill jista' unanimament jidderoga mill-perjodu ta' sitt ġimgħat fejn id-dħul ta' punt huwa soġġett għall-eċċezzjoni għal raġunijiet ta' urġenza previsti fil-punt 3 ta' dak il-Protokoll.

---

([1]) Ara d-dikjarazzjoni (a) imniżżla hawn taħt:
(a) Rigward l-Artikolu 2(4):
'Il-programm ta' 18-il xahar se jinkludi sezzjoni introduttorja ġenerali li tistabbilixxi l-programm fil-kuntest ta' l-orjentazzjonijiet strateġiċi għall-perjodu fit-tul ta' l-Unjoni Ewropea. Dwar din is-sezzjoni, it-tliet Presidenzi responsabbli għall-preparazzjoni ta' l-abbozz tal-programm ta' 18-il xahar se jikkonsultaw mat-tliet Presidenzi susseġwenti, bħala parti mill-"konsultazzjonijiet xierqa" imsemmija fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 4.
L-abbozz ta' programm ta' 18-il xahar għandu jqis ukoll, fost l-oħrajn, il-punti rilevanti li joħorġu mid-djalogu dwar il-prijoritajiet politiċi għas-sena, immexxi mill-inizjattiva tal-Kummissjoni.'
([2]) Ara d-dikjarazzjonijiet (b) u (ċ) imniżżlin hawn taħt:
(b) Rigward l-Artikolu 3(1) u (2)
'Il-President se jipprova jiżgura li, fil-prinċipju, l-aġenda provviżorja għal kull laqgħa tal-Kunsill li tittratta l-implimentazzjoni tat-Titolu IV ta' Parti Tlieta tat-Trattat tal-KE u t-Titolu VI tat-Trattat UE u kwalunkwe dokumenti marbutin mal-punti involuti jaslu għand il-membri tal-Kunsill ta' l-inqas wieħed u għoxrin ġurnata qabel il-bidu tal-laqgħa.'
(ċ) Rigward l-Artikolu 1 u 3
'Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 22(2) tat-Trattat UE, li jispeċifika li laqgħa straordinarja tal-Kunsill tista' titlaqqa' fi żmien qasir f'każijiet li jeħtieġu deċiżjoni rapida, il-Kunsill huwa konxju tal-ħtieġa li materji relatati mal-politika barranija u ta' sigurtà komuni jkunu trattati b'heffa u b' effiċjenza. L-arranġamenti fl-Artikolu 3 m'għandhomx iżommu milli tintlaqa' din il-ħtieġa.'

4. Punti oħrajn li dwarhom intbagħtu d-dokumenti lill-membri tal-Kunsill u lill-Kummissjoni l-aktar tard sad-data li fiha l-aġenda provviżorja ntbagħtet jistgħu jitpoġġew fuq dik l-aġenda.

5. Is-Segretarjat Ġenerali għandu jittrasmetti lill-membri tal-Kunsill u lill-Kummissjoni rikjesti għall-inklużjoni ta' punti fl-aġenda u dokumenti li dwarhom il-limiti ta' ħin speċifikati hawn fuq ma kinux irrispettati.

Jekk, sa tmiem il-ġimgħa li tippreċedi l-ġimgħa qabel il-laqgħa tal-Kunsill, il-Coreper ma kompliex l-eżami tiegħu tal-punti leġiżlattivi skond it-tifsira ta' l-Artikolu 7, il-Presidenza għandha, sakemm konsiderazzjonijiet ta' urġenza ma jitolbux mod ieħor u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, tneħħihom mill-aġenda provviżorja.

6. L-aġenda provviżorja għandha tinqasam f'Parti A u Parti B. Punti li hija possibbli għalihom approvazzjoni mingħajr diskussjoni mill-Kunsill għandhom ikunu inklużi fil-Parti A, iżda dan ma jeskludix il-possibbiltà li kwalunkwe membru tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni jesprimi opinjoni fil-waqt ta' l-approvazzjoni ta' dawn il-punti u li jkun hemm stqarrijiet inklużi fil-minuti.

7. L-aġenda għandha tiġi adottata mill-Kunsill fil-bidu ta' kull laqgħa. L-inklużjoni fl-aġenda ta' punt barra minn dawk li jidhru fuq l-aġenda provviżorja għandha teħtieġ unanimità fil-Kunsill. Punti mdaħħlin b'dan il-mod jistgħu jitpoġġew għall-vot jekk ikun hemm konformità mal-ħtiġiet proċedurali kollha previsti fit-Trattati.

8. Madankollu, punt 'A' għandu jitneħħa mill-aġenda, sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix mod ieħor, jekk pożizzjoni dwar punt 'A' tista' twassal għal diskussjoni ulterjuri tiegħu jew jekk membru tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni jitlob dan.

9. Kwalunkwe talba għall-inklużjoni ta' punt ta' 'affarijiet oħrajn' għandha tkun akkumpanjata minn dokument ta' spjega.

*Artikolu 4*

**Rappreżentanza ta' membru tal-Kunsill li ma jistax jattendi**

Soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 11 dwar id-delega ta' drittijiet tal-vot, membru tal-Kunsill li huwa miżmum milli jattendi laqgħa jista' jirranġa biex ikun rappreżentat.

*Artikolu 5*

**Laqgħat**

1. Il-laqgħat tal-Kunsill m'għandhomx ikunu pubbliċi ħlief fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 8.

2. Il-Kummissjoni għandha tkun mistiedna tieħu sehem fil-laqgħat tal-Kunsill. L-istess jgħodd għall-Bank Ċentrali Ewropew f'każijiet fejn huwa jeżerċita d-dritt tiegħu ta' inizjattiva. Il-Kunsill jista', madankollu, jiddeċiedi li jiddelibera mingħajr il-preżenza tal-Kummissjoni jew tal-Bank Ċentrali Ewropew.

3. Il-membri tal-Kunsill u tal-Kummissjoni jistgħu jkunu akkumpanjati minn uffiċjali li jassistuhom. L-ismijiet u l-funzjonijiet ta' dawk l-uffiċjali għandhom ikunu notifikati bil-quddiem lis-Segretarjat Ġenerali. In-numru massimu ta' persuni għal kull delegazzjoni fil-kamra tal-laqgħat tal-Kunsill fl-istess ħin, inklużi membri tal-Kunsill, jista' jkun stabbilit mill-Kunsill.

4. Dħul għal laqgħat tal-Kunsill għandu jkun soġġett għall-produzzjoni ta' permess mogħti mis-Segretarjat Ġenerali.

*Artikolu 6*

**Segretezza professjonali u produzzjoni ta' dokumenti fi proċedimenti legali**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 8 u 9 u għad-dispożizzjonijiet dwar aċċess pubbliku għal dokumenti, id-deliberazzjonijiet tal-Kunsill għandhom ikunu koperti mill-obbligu tas-segretezza professjonali, ħlief sal-punt fejn il-Kunsill jiddeċiedi mod ieħor.

2. Il-Kunsill jew il-Coreper jista' jawtorizza l-produzzjoni għal użu ta' proċedimenti legali ta' kopja ta' jew estratt minn dokumenti tal-Kunsill li kienu għadhom ma nħarġux għall-pubbliku skond id-dispożizzjonijiet dwar aċċess pubbliku ta' dokumenti.

*Artikolu 7*

**Każijiet fejn il-Kunsill jaġixxi fil-kapaċità leġiżlattiva tiegħu**

Il-Kunsill jaġixxi fil-kapaċità leġiżlattiva tiegħu skond it-tifsira tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 207(3) tat-Trattat tal-KE meta jadotta regoli li jorbtu legalment fi jew għall-Istati Membri, permezz ta' regolamenti, direttivi, deċiżjonijiet kwadru jew deċiżjonijiet, abbażi tad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattati, bl-eċċezzjoni ta' diskussjonijiet li jwasslu għall-adozzjoni ta' miżuri interni, atti amministrattivi jew baġitarji, atti dwar relazzjonijiet interistituzzjonali jew internazzjonali jew atti li ma jorbtux (bħal konklużjonijiet, rakkomandazzjonijiet jew riżoluzzjonijiet).

Fejn proposti jew inizjattivi legali jkunu preżentati lilu, il-Kunsill għandu joqgħod lura milli jadotta atti li mhumiex previsti mit-Trattati, bħal riżoluzzjonijiet, konklużjonijiet jew dikjarazzjonijiet barra minn dawk imsemmija fl-Artikolu 9.

*Artikolu 8*

**Deliberazzjonijiet tal-Kunsill miftuħin għall-pubbliku u dibattiti pubbliċi**

1. Id-deliberazzjonijiet tal-Kunsill dwar atti leġiżlattivi li għandhom jiġu adottati skond il-proċedura ta' kodeċiżjoni taħt l-Artikolu 251 tat-Trattat tal-KE għandhom ikunu miftuħin għall-pubbliku kif ġej:

(a) il-preżentazzjoni, jekk ikun hemm, mill-Kummissjoni tal-proposti leġiżlattivi tagħha u d-deliberazzjoni li ssegwi fil-Kunsill għandhom ikunu miftuħin għall-pubbliku;

(b) il-vot dwar atti leġiżlattivi għandu jkun miftuħ għall-pubbliku, kif ukoll id-deliberazzjonijiet finali tal-Kunsill li jwasslu għal dak il-vot u l-ispjegazzjonijiet dwar l-ivvotar li jakkumpanjawh;

(ċ) id-deliberazzjonijiet l-oħrajn kollha tal-Kunsill dwar tali atti leġiżlattivi għandhom ikunu miftuħin għall-pubbliku, sakemm, fuq bażi ta' każ b'każ, il-Kunsill jew il-Coreper ma jiddeċiedix mod ieħor rigward deliberazzjoni partikolari.

2. L-ewwel deliberazzjoni tal-Kunsill dwar proposti leġiżlattivi ġodda importanti barra minn dawk li għandhom jiġu adottati skond il-proċedura ta' kodeċiżjoni għandhom ikunu miftuħin għall-pubbliku. Il-Presidenza għandha tidentifika liema proposti leġiżlattivi ġodda huma importanti u l-Kunsill jew il-Coreper jista' jiddeċiedi mod ieħor, fejn xieraq. Il-Presidenza tista' tiddeċiedi, fuq bażi ta' każ b'każ, li d-deliberazzjonijiet sussegwenti tal-Kunsill dwar att leġiżlattiv partikolari għandhom ikunu miftuħin għall-pubbliku, sakemm il-Kunsill jew il-Coreper ma jiddeċiedix mod ieħor.

3. Fuq deċiżjoni meħuda mill-Kunsill jew mill-Coreper, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, il-Kunsill għandu jwettaq dibattiti pubbliċi dwar kwistjonijiet importanti li jaffettwaw l-interessi ta' l-Unjoni Ewropea u ċ-ċittadini tagħha.

Għandu jkun f'idejn il-Presidenza, kwalunkwe membru tal-Kunsill, jew il-Kummissjoni li jipproponu kwistjonijiet jew suġġetti speċifiċi għal tali dibattiti, billi jikkunsidraw l-importanza tal-kwistjoni u l-interess tagħha għaċ-ċittadini.

4. Il-Kunsill dwar l-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni mlaqqa' f'laqgħa kif imsemmi fl-Artikolu 2(2)(a) għandu jwettaq dibattitu pubbliku dwar politika dwar il-programm ta' 18-il xahar tal-Kunsill. Id-dibattiti dwar politika f'konfigurazzjonijiet oħrajn tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tagħhom għandhom ukoll isiru fil-pubbliku. Il-preżentazzjoni tal-Kummissjoni tal-programm ta' ħames snin tagħha, tal-programm ta' ħidma annwali tagħha u ta' l-istrateġija ta' politika annwali tagħha, kif ukoll id-dibattitu li jirriżulta, għandhom ikunu pubbliċi.

5. Sa minn meta tintbagħat l-aġenda provviżorja skond l-Artikolu 3:

(a) dawk il-punti fuq l-aġenda tal-Kunsill li huma miftuħin għall-pubbliku skond il-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu mmarkati bil-kliem 'deliberazzjoni pubblika';

(b) dawk il-punti fuq l-aġenda tal-Kunsill li huma miftuħin għall-pubbliku skond il-paragrafi 3 u 4 għandhom ikunu mmarkati bil-kliem 'dibattitu pubbliku';

Il-ftuħ għall-pubbliku tad-deliberazzjonijiet tal-Kunsill u tad-dibattiti pubbliċi skond dan l-Artikolu għandu jsir permezz ta' trasmissjoni pubblika b'mezzi awdjoviżivi, b' mod partikolari f'kamra overflow u permezz ta' xandir fil-lingwi uffiċjali kollha ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea permezz ta' vidjo-streaming. Verżjoni rrekordjata għandha tibqa' disponibbli ta' l-inqas għal xahar fuq is-sit ta' l-Internet tal-Kunsill. Ir-riżultat ta' l-ivvotar għandu jkun indikat b'mezzi viżwali.

Is-Segretarjat Ġenerali għandu, safejn huwa possibbli, jinforma lill-pubbliku minn qabel bid-dati u l-ħin approssimattiv li fihom se jsiru t-tali trasmissjonijiet awdjoviżivi u għandu jieħu l-miżuri prattiċi kollha biex jiżgura l-implimentazzjoni tajba ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 9*

**Votazzjoni pubblika, spjegazzjonijiet ta' voti u ta' minuti**

1. Barra minn każijiet fejn id-deliberazzjonijiet tal-Kunsill huma miftuħin għall-pubbliku skond l-Artikolu 8(1), fejn il-Kunsill jaġixxi fil-kapaċità leġiżlattiva tiegħu skond it-tifsira ta' l-Artikolu 7, ir-riżultati ta' voti u spjegazzjonijiet għal voti minn membri tal-Kunsill, kif ukoll id-dikjarazzjonijiet fil-minuti tal-Kunsill u l-punti f'dawk il-minuti marbutin ma' l-adozzjoni ta' l-atti leġiżlattivi, għandhom isiru pubbliċi.

L-istess regola għandha tapplika għal:

(a) riżultati ta' voti u spjegazzjonijiet ta' voti, kif ukoll id-dikjarazzjonijiet fil-minuti tal-Kunsill u l-punti f'dawk il-minuti marbutin ma' l-adozzjoni ta' pożizzjoni komuni skond l-Artikolu 251 jew l-Artikolu 252 tat-Trattat tal-KE;

(b) riżultati ta' voti u spjegazzjonijiet ta' voti minn membri tal-Kunsill jew ir-rappreżentanti tagħhom fuq il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni stabbilit bl-Artikolu 251 tat-Trattat tal-KE, kif ukoll id-dikjarazzjonijiet fil-minuti tal-Kunsill u l-punti f'dawk il-minuti marbutin mal-laqgħa tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni;

(ċ) riżultati ta' voti u spjegazzjonijiet ta' voti, kif ukoll id-dikjarazzjonijiet fil-minuti tal-Kunsill u l-punti f'dawk il-minuti marbutin ma' l-istabbiliment mill-Kunsill ta' konvenzjoni abbażi tat-Titolu VI tat-Trattat UE.

2. Barra minn hekk, ir-riżultati tal-voti għandhom isiru pubbliċi:

(a) meta l-Kunsill jaġixxi skond it-Titolu V tat-Trattat UE, b'deċiżjoni unanima tal-Kunsill jew tal-Coreper meħuda wara talba ta' wieħed mill-membri tagħhom;

(b) meta l-Kunsill jadotta l-pożizzjoni komuni fit-tifsira tat-Titolu VI tat-Trattat UE, b'deċiżjoni unanima tal-Kunsill jew tal-Coreper meħuda wara talba ta' wieħed mill-membri tagħhom;

(ċ) f'każijiet oħrajn, b'deċiżjoni tal-Kunsill jew tal-Coreper meħuda wara talba ta' wieħed mill-membri tagħhom.

Meta r-riżultat ta' vot fil-Kunsill ikun pubblikat skond il-punti (a), (b) u (ċ) ta' l-ewwel subparagrafu, l-ispjegazzjonijiet ta' voti magħmula meta ttieħed il-vot għandha wkoll tkun pubblikata wara t-talba tal-membri kkonċernati tal-Kunsill, bl-attenzjoni dovuta għal dawn ir-Regoli ta' proċedura, ċertezza legali u l-interessi tal-Kunsill.

Id-dikjarazzjonijiet imdaħħlin fil-minuti tal-Kunsill u l-punti f'dawk il-minuti marbutin ma' l-adozzjoni ta' l-atti msemmijin fil-punti (a), (b) u (ċ) ta' l-ewwel subparagrafu għandhom ikunu pubblikati b'deċiżjoni tal-Kunsill jew tal-Coreper meħuda wara talba ta' wieħed mill-membri tagħhom.

3. Ħlief f'każijiet fejn id-deliberazzjonijiet tal-Kunsill huma miftuħin għall-pubbliku skond l-Artikolu 8, il-voti m'għandhomx ikunu pubblikati fil-każ ta' diskussjonijiet li jwasslu għal voti indikattivi jew l-adozzjoni ta' atti preparatorji.

*Artikolu 10*

**Aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Kunsill**

Id-dispożizzjonijiet speċifiċi rigward aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Kunsill huma mniżżlin fl-Anness II.

*Artikolu 11*

**Arranġamenti dwar il-vot u l-quorum**

1. Il-Kunsill għandu jivvota fuq l-inizjattiva tal-President tiegħu.

Il-President għandu, barra minn hekk, ikun rikjest jiftaħ proċedura ta' ivvotar fuq l-inizjattiva ta' membru tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni, jekk tiddeċiedi hekk maġġoranza tal-membri tal-Kunsill.

2. Il-membri tal-Kunsill għandhom jivvotaw fl-ordni ta' l-Istati Membri stabbilita fl-Artikolu 203 tat-Trattat tal-KE u fl-Artikolu 116 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita' Ewropea ta' l-Enerġija Atomika (min hawn 'il quddiem it-Trattat Euratom), billi jibdew mill-membru li, skond dik l-ordni, isegwi l-membru li għandu l-kariga ta' President.

3. Meta jittieħed vot, kull membru tal-Kunsill jista' jaġixxi wkoll f'isem ta' mhux iżjed minn membru wieħed ieħor ([1]).

4. Il-preżenza ta' maġġoranza tal-membri tal-Kunsill li huma, skond it-Trattat, intitolati għal vot hija meħtieġa biex tippermetti lill-Kunsill li jivvota. Meta jittieħed il-vot, il-President, assistit mis-Segretarjat Ġenerali, għandu jiċċekkja li hemm quorum.

5. Meta deċiżjoni għandha tiġi adottata mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata, u jekk membru tal-Kunsill hekk jitlob, għandu jiġi verifikat li l-Istati Membri li jikkostitwixxu l-maġġoranza kwalifikata jirrappreżentaw mill-inqas 62 % tal-popolazzjoni totali ta' l-Unjoni Ewropea kkalkolata skond iċ-ċifri tal-popolazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 1 ta' l-Anness III.

*Artikolu 12*

**Proċedura ordinarja bil-miktub u proċedura ta' silenzju**

1. Atti tal-Kunsill dwar xi kwistjoni urġenti jistgħu jiġu adottati b'vot bil-miktub fejn il-Kunsill jew il-Coreper jiddeċiedu b'mod unanimu li jużaw dik il-proċedura. F'ċirkostanzi speċjali, il-President jista' jipproponi wkoll l-użu ta' dik il-proċedura; f'każ bħal dan, fejn il-membri kollha tal-Kunsill jaqblu ma' dik il-proċedura, jistgħu jintużaw voti bil-miktub.

Fil-każ fejn il-vot bil-miktub huwa dwar kwistjoni li l-Kummissjoni ressqet quddiem il-Kunsill, għandu jkun meħtieġ qbil min-naħa tal-Kummissjoni dwar l-użu tal-proċedura bil-miktub.

Sommarju ta' l-atti adottati bil-proċedura bil-miktub għandu jiġi mfassal kull xahar mis-Segretarjat Ġenerali.

2. Fuq l-inizjattiva tal-Presidenza, il-Kunsill jista' jaġixxi permezz ta' proċedura bil-miktub simplifikata msejħa 'proċedura ta' silenzju':

(a) bil-għan ta' l-adozzjoni tat-test ta' tweġiba għal mistoqsija bil-miktub jew, skond ma jkun il-każ, għal mistoqsija orali preżentata lill-Kunsill minn Membru tal-Parlament Ewropew, wara li l-abbozz tat-tweġiba jkun ġie eżaminat mill-Coreper ([2]);

(b) bil-għan tal-ħatra ta' Membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u Membri, u s-supplenti tagħhom, tal-Kumitat tar-Reġjuni, wara li l-abbozz tad-deċiżjoni jkun ġie eżaminat mill-Coreper;

(ċ) bil-għan tad-deċiżjoni dwar il-konsultazzjoni ta' istituzzjonijiet jew korpi oħra kull meta tali konsultazzjoni tkun meħtieġa mit-Trattati;

---

([1]) Dan il-paragrafu jirriproduċi l-Artikolu 206 tat-Trattat tal-KE.
([2]) Ara d-dikjarazzjoni (d) li tidher hawn taħt:
(d) Rigward l-Artikolu 12(2)(a), (b) u (ċ)
'Skond il-prattika regolari tal-Kunsill, il-limitu ta' żmien stipulat normalment ikun ta' tlett ijiem ta' ħidma'.

(d) bil-għan ta' l-implimentazzjoni ta' politika estera u ta' sigurtà komuni permezz tan-network 'COREU' ('proċedura ta' silenzju COREU') ([1]).

F'dak il-każ, it-test rilevanti għandu jiġi meqjus bħala adottat fi tmiem il-perjodu stabbilit mill-Presidenza skond l-urġenza tal-kwistjoni, ħlief fejn membru tal-Kunsill joġġezzjona.

3. Is-Segretarjat Ġenerali għandu jistabbilixxi li l-proċeduri bil-miktub ġew mitmuma.

*Artikolu 13*

**Minuti**

1. Il-minuti ta' kull laqgħa għandhom jitfasslu u, meta jkunu approvati, għandhom jiġu ffirmati mis-Segretarju-Ġenerali/Rappreżentant Għoli għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'is-Segretarju-Ġenerali') jew id-Deputat Segretarju-Ġenerali. Huma jistgħu jiddelegaw is-setgħa tagħhom li jiffirmaw lid-Diretturi-Ġenerali tas-Segretarjat Ġenerali.

Il-minuti għandhom, bħala regola ġenerali, jindikaw fir-rigward ta' kull punt fuq l-aġenda:

— id-dokumenti preżentati lill-Kunsill,

— id-deċiżjonijiet meħuda jew il-konklużjonijiet milħuqa mill-Kunsill,

— id-dikjarazzjonijiet magħmula mill-Kunsill u dawk li d-dħul tagħhom ġie mitlub minn membru tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni.

2. L-abbozz tal-minuti għandu jitfassal mis-Segretarjat Ġenerali fi żmien ħmistax-il jum u preżentat lill-Kunsill jew lill-Coreper għall-approvazzjoni.

3. Qabel tali approvazzjoni kwalunkwe membru tal-Kunsill, jew tal-Kummissjoni, jista' jitlob li jiddaħħlu aktar dettalji fil-minuti dwar kwalunkwe punt fuq l-aġenda. Dawn it-talbiet jistgħu jsiru lill-Coreper.

*Artikolu 14*

**Deliberazzjonijiet u deċiżjonijiet abbażi ta' dokumenti u abbozzi mfassla fil-lingwi previsti mir-regoli fis-seħħ dwar il-lingwa**

1. Ħlief fejn il-Kunsill, b'mod unanimu u minħabba raġunijiet ta' urġenza, jiddeċiedi mod ieħor, il-Kunsill għandu jiddelibera u jieħu deċiżjonijiet biss abbażi ta' dokumenti u abbozzi mfassla fil-lingwi speċifikati fir-regoli fis-seħħ li jirregolaw il-lingwi.

2. Kwalunkwe membru tal-Kunsill jista' jopponi diskussjoni jekk it-testijiet ta' kwalunkwe emenda proposta ma jkunux imfassla f'waħda mil-lingwi msemmija fil-paragrafu 1 kif hu jew hi jistgħu jispeċifikaw.

*Artikolu 15*

**Iffirmar ta' l-atti**

It-test ta' l-atti adottati mill-Kunsill u dak ta' l-atti adottati konġuntament mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiġu ffirmati mill-President-in-Kariga fil-ħin ta' l-adozzjoni tagħhom u mis-Segretarju-Ġenerali jew id-Deputat Segretarju-Ġenerali. Is-Segretarju-Ġenerali u d-Deputat Segretarju-Ġenerali jistgħu jiddelegaw is-setgħa tagħhom li jiffirmaw lid-Diretturi-Ġenerali tas-Segretarjat Ġenerali.

([1]) Ara d-dikjarazzjoni (e) li tidher hawn taħt:
(e) Rigward l-Artikolu 12(2)(ċ)
'Il-Kunsill kieku jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li n-network COREU għandu jintuża skond il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 1995 (dok. 7896/95) dwar il-metodi ta' ħidma tal-Kunsill.'

*Artikolu 16* ([1])

**Nuqqas tal-possibbiltà ta' parteċipazzjoni fil-vot**

Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura, se jittieħed kont dovut, skond l-Anness IV, ta' każijiet li fihom, taħt it-Trattati, membru wieħed jew aktar tal-Kunsill ma jistgħux jieħdu sehem fil-vot.

*Artikolu 17*

**Pubblikazzjoni ta' atti fil-Ġurnal Uffiċjali**

1. Dawn li ġejjin għandhom jiġu pubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-Ġurnal Uffiċjali') mis-Segretarju-Ġenerali jew mid-Deputat Segretarju-Ġenerali:

(a) l-atti msemmija fl-Artikolu 254(1) u (2) tat-Trattat tal-KE;

(b) l-atti msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 163 tat-Trattat Euratom;

(ċ) il-pożizzjonijiet komuni adottati mill-Kunsill skond il-proċeduri msemmija fl-Artikoli 251 u 252 tat-Trattat tal-KE, u r-raġunijiet sottostanti għal dawn il-pożizzjonijiet komuni;

(d) id-deċiżjonijiet kwadru u d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 34(2) tat-Trattat UE;

(e) il-konvenzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill skond l-Artikolu 34(2) tat-Trattat UE.

Għandha ssir referenza fil-Ġurnal Uffiċjali għad-dħul fis-seħħ ta' tali konvenzjonijiet;

(f) il-konvenzjonijiet iffirmati bejn l-Istati Membri abbażi ta' l-Artikolu 293 tat-Trattat tal-KE.

Għandha ssir referenza fil-Ġurnal Uffiċjali għad-dħul fis-seħħ ta' tali konvenzjonijiet;

(g) ftehim internazzjonali konklużi mill-Komunità.

Għandha ssir referenza fil-Ġurnal Uffiċjali għad-dħul fis-seħħ ta' tali ftehim;

(h) ftehim internazzjonali konklużi skond l-Artikolu 24 tat-Trattat UE, ħlief jekk il-Kunsill jiddeċiedi mod ieħor abbażi ta' l-Artikoli 4 u 9 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ([2]).

Għandha ssir referenza fil-Ġurnal Uffiċjali għad-dħul fis-seħħ ta' tali ftehim.

2. Ħlief jekk il-Kunsill jew il-Coreper jiddeċiedu mod ieħor, dawn li ġejjin għandhom jiġu pubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali mis-Segretarju-Ġenerali jew mid-Deputat Segretarju-Ġenerali:

(a) inizjattivi ppreżentati lill-Kunsill minn Stat Membru skond l-Artikolu 67(1) tat-Trattat tal-KE;

(b) inizjattivi ppreżentati lill-Kunsill minn Stat Membru skond l-Artikolu 34(2) tat-Trattat UE;

(ċ) il-pożizzjonijiet komuni msemmija fl-Artikolu 34(2) tat-Trattat UE;

(d) direttivi minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 254(1) u (2) tat-Trattat tal-KE, deċiżjonijiet minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 254(1) tat-Trattat tal-KE, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet;

3. Il-Kunsill jew il-Coreper għandhom jiddeċiedu b'mod unanimu, fuq bażi ta' każ b'każ, jekk għandux ikun hemm pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali mis-Segretarju-Ġenerali jew id-Deputat Segretarju-Ġenerali ta' l-istrateġiji komuni, l-azzjonijiet konġunti u l-pożizzjonijiet komuni msemmija fl-Artikolu 12 tat-Trattat UE.

---

([1]) Ara d-dikjarazzjoni (f) li tidher hawn taħt:
(f) Rigward l-Artikolu 16 u l-Anness IV
'Il-Kunsill jaqbel li d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 16 u l-Anness IV japplikaw għal atti fir-rigward ta' liema xi membri tal-Kunsill, taħt it-Trattati, ma għandhomx dritt jivvutaw għall-adozzjoni tagħhom. Madankollu, l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tat-Trattat UE mhix koperta minn dawk id-dispożizzjonijiet.
Fl-ewwel applikazzjoni ta' l-Artikoli 43 u 44 tat-Trattat UE, il-Kunsill, fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba f'oqsma oħra, se jikkonsidra kwalunkwe adattament meħtieġ għall-Artikolu 16 ta', u l-Anness IV għal, dawn ir-Regoli ta' Proċedura.'

([2]) ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

4. Il-Kunsill jew il-Coreper għandhom jiddeċiedu, fuq bażi ta' każ b'każ u b'kont meħud ta' pubblikazzjoni possibbli ta' l-att bażiku, jekk dawn li ġejjin għandhomx jiġu pubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali mis-Segretarju-Ġenerali jew mid-Deputat Segretarju-Ġenerali:

(a) il-miżuri li jimplimentaw l-azzjonijiet konġunti msemmija fl-Artikolu 12 tat-Trattat UE;

(b) l-azzjonijiet konġunti, il-pożizzjonijiet komuni jew kwalunkwe deċiżjoni oħra adottati abbażi ta' strateġija komuni, kif previst fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 23(2) tat-Trattat UE;

(ċ) kwalunkwe miżura li timplimenta d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 34(2) tat-Trattat UE u kwalunkwe miżura li timplimenta konvenzjonijiet imfassla mill-Kunsill skond l-Artikolu 34(2) tat-Trattat UE.

(d) atti oħra tal-Kunsill, bħal deċiżjonijiet jew riżoluzzjonijiet *sui generis*.

5. Fil-każ fejn ftehim konkluż bejn il-Komunitajiet u Stat wieħed jew aktar jew organizzazzjonijiet internazzjonali jistabbilixxi korp mogħti setgħat ta' deċiżjoni, il-Kunsill għandu jiddeċiedi, meta tali ftehim ikun konkluż, jekk deċiżjonijiet meħuda minn dak il-korp għandhomx ikunu pubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali.

*Artikolu 18*

**Notifika ta' atti**

1. Direttivi minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 254(1) u (2) tat-Trattat tal-KE u Deċiżjonijiet minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 254(1) tat-Trattat tal-KE għandhom ikunu notifikati lill-indirizzati tagħhom mis-Segretarju-Ġenerali, id-Deputat Segretarju-Ġenerali jew Direttur-Ġenerali li jaġixxi f'isimhom.

2. Meta ma jkunux pubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali, l-atti li ġejjin għandhom ikunu notifikati lill-indirizzati tagħhom mis-Segretarju-Ġenerali, id-Deputat Segretarju-Ġenerali jew Direttur-Ġenerali li jaġixxi f'isimhom:

(a) rakkomandazzjonijiet;

(b) l-istrateġiji komuni, l-azzjonijiet konġunti u l-pożizzjonijiet komuni msemmija fl-Artikolu 12 tat-Trattat UE;

(ċ) il-pożizzjonijiet komuni msemmija fl-Artikolu 34(2) tat-Trattat UE;

(d) miżuri li jimplimentaw l-atti adottati abbażi ta' l-Artikoli 12 u 34 tat-Trattat UE.

3. Is-Segretarju-Ġenerali, id-Deputat Segretarju-Ġenerali jew Direttur-Ġenerali li jaġixxi f'isimhom għandhom jibagħtu lill-Gvernijiet ta' l-Istati Membri u lill-Kummissjoni kopji awtentiċi ta' direttivi tal-Kunsill minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 254(1) u (2) tat-Trattat tal-KE u deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill.

*Artikolu 19* ([1])

**Coreper, kumitati u gruppi ta' ħidma**

1. Il-Coreper għandu jkun responsabbli għat-tħejjija tal-ħidma tal-Kunsill u biex iwettaq il-kompiti mogħtija lilu mill-Kunsill. Huwa għandu fi kwalunkwe każ ([2]) jiżgura l-konsistenza tal-politika u l-azzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea u jara li l-prinċipji u r-regoli li ġejjin ikunu osservati:

(a) il-prinċipji ta' legalità, sussidjarjetà, proporzjonalità u l-għoti ta' raġunijiet għal atti;

(b) regoli li jistabbilixxu s-setgħat ta' istituzzjonijiet u korpi ta' l-Unjoni;

(ċ) dispożizzjonijiet baġitarji;

(d) regoli dwar proċedura, trasparenza u l-kwalità ta' l-abbozzar.

---

([1]) Dawn id-dispożizzjonijiet huma mingħajr preġudizzju għar-rwol tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju kif imniżżel fl-Artikolu 114 tat-Trattat KE u għal Deċiżjonijiet tal-Kunsill eżistenti dwaru (ĠU L 358, 31.12.1998, p. 109, u ĠU L 5, 1.1.1999, p. 71).

([2]) Ara d-dikjarazzjoni (g) li tidher hawn taħt:
(g) Rigward l-Artikolu 19(1)
'Il-Coreper għandu jiżgura l-konsistenza u l-osservanza tal-prinċipji mniżżla fil-paragrafu 1, b'mod partikolari firrigward ta' kwistjonijiet fejn tħejjija sostantiva tkun imwettqa f'*fora* oħra.'

2. Il-punti kollha fuq l-aġenda għal laqgħat tal-Kunsill għandhom jiġu eżaminati minn qabel mill-Coreper ħlief jekk dan ta' l-aħħar ma jiddeċidix mod ieħor. Il-Coreper għandu jagħmel ħiltu sabiex jilħaq ftehim fil-livell tiegħu li għandu jiġi preżentat lill-Kunsill għal adozzjoni. Huwa għandu jiżgura preżentazzjoni adegwata tad-dossjers lill-Kunsill u, fejn ikun il-każ, għandu jippreżenta linji gwida, possibbiltajiet jew soluzzjonijiet suġġeriti. Fil-każ ta' emerġenza, il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu, jista' jiddeċiedi li jsolvi l-kwistjoni mingħajr eżaminazzjoni preċedenti.

3. Jistgħu jiġu stabbiliti kumitati jew gruppi ta' ħidma mill-Coreper, jew bl-approvazzjoni tiegħu, bilgħan li titwettaq ċerta ħidma ta' tħejjija jew studji definiti minn qabel.

Is-Segretarjat Ġenerali għandu jaġġorna l-lista ta' korpi ta' tħejjija u jagħmilha pubblika. Il-kumitati u l-gruppi ta' ħidma biss fuq din il-lista jistgħu jiltaqgħu bħala gruppi ta' tħejjija tal-Kunsill.

4. Il-Coreper għandu jkun presjedut, skond il-punti fuq l-aġenda, mir-Rappreżentant Permanenti jew id-Deputat Rappreżentant Permanenti ta' l-Istat Membru li jkollu l-Presidenza tal-Kunsill. Dment li l-Kunsill ma jiddeċidix mod ieħor, id-diversi kumitati previsti mit-Trattati għandhom ikunu wkoll presjeduti minn delegat ta' dak l-Istat Membru. L-istess għandu japplika għall-kumitati u l-gruppi ta' ħidma msemmija fil-paragrafu 3, dment li l-Coreper ma jiddeċidix mod ieħor.

5. Għat-tħejjija ta' laqgħat ta' konfigurazzjonijiet tal-Kunsill li jiltaqgħu darba kull sitt xhur, meta jsiru fl-ewwel nofs ta' dan il-perjodu, il-laqgħat tal-kumitati minbarra tal-Coreper u dawk ta' gruppi ta' ħidma li jsiru matul is-sitt xhur ta' qabel għandhom ikunu presjeduti minn delegat ta' l-Istat Membru li jkun imissu jippresjedi l-laqgħat imsemmija tal-Kunsill.

6. Meta fajl ikun se jiġi essenzjalment ittrattat matul perjodu ta' sitt xhur, delegat ta' l-Istat Membru li jkollu l-Presidenza matul dak il-perjodu ta' sitt xhur jista', matul il-perjodu ta' sitt xhur preċedenti, jippresjedi laqgħat ta' kumitati, minbarra Coreper, u gruppi ta' ħidma meta jiddiskutu dak il-fajl. L-implimentazzjoni prattika ta' dan il-paragrafu għandha tkun is-suġġett ta' ftehim bejn iż-żewġ Presidenzi kkonċernati.

Fil-każ speċifiku ta' l-eżaminazzjoni tal-baġit tal-Komunitajiet Ewropej għal sena finanzjajra partikolari, laqgħat tal-korpi ta' tħejjija tal-Kunsill, minbarra l-Coreper, li jieħdu ħsieb it-tħejjija tal-punti fuq l-aġenda tal-Kunsill dwar l-eżaminazzjoni tal-baġit għandhom ikunu presjeduti minn delegat ta' l-Istat Membru li jkun se jkollu l-Presidenza tal-Kunsill matul it-tieni perjodu ta' sitt xhur tas-sena qabel is-sena finanzjarja in kwistjoni. L-istess għandu japplika, bil-qbil tal-Presidenza l-oħra, għall-presidenza ta' laqgħat tal-Kunsill meta l-punti baġitarji msemmija jkunu diskussi. Il-Presidenzi kkonċernati se jikkonsultaw dwar l-arranġamenti prattiċi.

7. Skond id-dispożizzjonijiet rilevanti msemmija hawn taħt, il-Coreper jista' jadotta d-deċiżjonijiet ta' proċedura li ġejjin, dment li l-punti relatati magħhom ikunu ġew inklużi fuq l-aġenda provviżorja tiegħu ta' l-inqas tliet ijiem ta' ħidma qabel il-laqgħa. Għandha tkun meħtieġa unanimità min-naħa ta' Coreper għal kwalunkwe deroga minn dak il-perjodu ([1]):

(a) deċiżjoni li ssir laqgħa tal-Kunsill f'post li mhux Brussel jew il-Lussemburgu (Artikolu 1(3));

(b) awtorizzazzjoni li tiġi prodotta kopja ta' jew estratt minn dokument tal-Kunsill għall-użu fi proċedimenti legali (Artikolu 6(2));

(ċ) deċiżjoni li jitwettaq dibattitu pubbliku fil-Kunsill jew li deliberazzjoni partikolari tal-Kunsill ma ssirx fil-pubbliku (Artikolu 8(1)(ċ), (2) u (3));

(d) deċiżjoni li r-riżultati ta' votazzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet mdaħħla fil-minuti tal-Kunsill isiru pubbliċi fil-każijiet imniżżla fl-Artikolu 9(2);

(e) deċiżjoni dwar l-użu tal-proċedura bil-miktub (Artikolu 12(1));

(f) approvazzjoni jew emenda tal-minuti tal-Kunsill (Artikolu 13(2) u (3));

([1]) Ara d-dikjarazzjoni (h) li tidher hawn taħt:
(h) Rigward l-Artikolu 19(7)
'Jekk membru tal-Kunsill jikkunsidra li abbozz ta' deċiżjoni ta' proċedura sottomess lill-Coreper għal adozzjoni skond l-Artikolu 19(7) iqajjem kwistjoni ta' sustanza, l-abbozz ta' deċiżjoni jiġi sottomess lill-Kunsill.'

(g) deċiżjoni dwar il-pubblikazzjoni jew le ta' test jew ta' att fil-Ġurnal Uffiċjali (Artikolu 17(2), (3) u (4));

(h) deċiżjoni dwar il-konsultazzjoni ta' istituzzjoni jew korp kull fejn tali konsultazzjoni ma tkunx meħtieġa mit-Trattati;

(i) deċiżjoni li tistabbilixxi jew testendi l-limitu ta' żmien għall-konsultazzjoni ta' istituzzjoni jew korp;

(j) deċiżjoni dwar l-estensjoni tal-perjodi mniżżla fl-Artikolu 251(7) tat-Trattat tal-KE;

(k) approvazzjoni tal-formulazzjoni ta' l-ittra li għandha tiġi mibgħuta lil istituzzjoni jew korp.

*Artikolu 20*

**Il-Presidenza u t-twettiq korrett tad-diskussjonijiet**

1. Il-Presidenza għandha tkun responsabbli mill-applikazzjoni ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura u sabiex tiżgura li d-diskussjonijiet jitwettqu korrettament. B'mod partikolari, il-Presidenza għandha tiżgura li jkun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Anness V dwar il-metodi ta' ħidma għal Kunsill imkabbar.

Sabiex jiżgura li d-diskussjonijiet jitwettqu sew tista' wkoll, sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix mod ieħor, tieħu kwalunkwe miżura adatta meħtieġa għall-kisba ta' l-aħjar użu possibbli tal-ħin disponibbli matul il-laqgħat u b'mod partikolari:

(a) tirrestrinġi n-numru għal kull delegazzjoni preżenti fil-kamra tal-laqgħat għad-diskussjoni ta' punt partikolari u tiddeċiedi jekk tawtorizzax il-ftuħ ta' kamra tas-smigħ;

(b) tistabbilixxi l-ordni li fiha jinbdew il-punti u tiddetermina t-tul ta' żmien għad-diskussjoni tagħhom;

(ċ) torganizza l-ħin allokat għad-diskussjoni ta' punt partikolari, b'mod partikolari billi tillimita l-ħin li matulu l-parteċipanti jistgħu jitkellmu u tiddetermina l-ordni li fiha jistgħu jitkellmu;

(d) tistaqsi lid-delegazzjonijiet jippreżentaw bil-miktub il-proposti tagħhom għal emenda ta' test li jkun qed jiġi diskuss qabel data partikolari, flimkien ma' spjegazzjoni qasira jekk ikun il-każ;

(e) tistaqsi lid-delegazzjoni li jkollhom pożizzjonijiet identiċi jew simili dwar punt jew test partikolari, jew parti minnhom, jagħżlu wieħed minnhom sabiex jesprimu l-pożizzjoni kondiviża tagħhom fil-laqgħa jew bil-miktub qabel il-laqgħa.

2. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 19(4) sa (6) u għas-setgħat tagħha u għar-responsabbiltà politika ġenerali tagħha, il-Presidenza għandha tkun assistita mir-rappreżentant ta' l-Istat Membru li jkun imissu jkollu l-Presidenza. Fuq it-talba tal-Presidenza u filwaqt li jaġixxi fuq l-istruzzjonijiet tagħha, dan ta' l-aħħar għandu jissostitwiha kif u meta meħtieġ, għandu jieħu min idejha, fejn meħtieġ, ċerti kompiti u għandu jiżgura l-kontinwità tal-proċedimenti tal-Kunsill.

*Artikolu 21* (1) (2)

**Rapporti minn kumitati u gruppi ta' ħidma**

Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura, il-Presidenza għandha torganizza l-laqgħat tad-diversi kumitati u gruppi ta' ħidma sabiex hekk ir-rapporti tagħhom ikunu disponibbli qabel il-laqgħat tal-Coreper li fihom ikunu eżaminati.

(1) Dawn id-dispożizzjonijiet huma mingħajr preġudizzju għar-rwol tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju kif imniżżel fl-Artikolu 114 tat-Trattat KE u għal Deċiżjonijiet tal-Kunsill eżistenti dwaru (ĠU L 358, 31.12.1998, p. 109, u ĠU L 5, 1.1.1999, p. 71).

(2) Ara d-dikjarazzjoni (i) li tidher hawn taħt:
(i) Rigward l-Artikolu 21
'Rapporti mill-gruppi ta' ħidma u kwalunkwe dokument ieħor użat bħala l-bażi għad-diskussjonijiet tal-Coreper għandhom jiġu mibgħuta lid-delegazzjonijiet minn qabel sabiex ikollhom ħin biżżejjed għall-eżaminazzjoni tagħhom.'

Ħlief jekk konsiderazzjonijiet ta' urġenza ma jitolbux mod ieħor, il-Presidenza għandha tipposponi għal laqgħa sussegwenti tal-Coreper kwalunkwe punt leġiżlattiv fis-sens ta' l-Artikolu 7 dwar liema l-kumitat jew il-grupp ta' ħidma ma jkunx temm id-diskussjonijiet tiegħu ta' l-inqas ħamest ijiem qabel il-laqgħat tal-Coreper.

*Artikolu 22*

**Kwalità ta' l-abbozzar** ([1])

Sabiex jgħin lill-Kunsill fil-kompitu tiegħu fl-iżgurar tal-kwalità ta' l-abbozzar ta' l-atti leġiżlattivi li jadotta, is-Servizz Legali għandu jkun responsabbli għall-kontroll tal-kwalità ta' l-abbozzar ta' proposti u abbozzi ta' atti fl-istadju adegwat, kif ukoll li jressaq suġġerimenti ta' abbozzar għall-attenzjoni tal-Kunsill u l-korpi tiegħu skond il-Ftehim Interisituzzjonali tat-22 ta' Diċembru 1998 dwar linji gwida komuni għall-kwalita' ta' l-abbozzar tal-leġiżlazzjoni Komunitarja ([2]).

Matul il-proċess leġiżlattiv kollu, dawk li jippreżentaw testi b'konnessjoni mal-proċedimenti tal-Kunsill għandhom jagħtu attenzjoni speċjali lill-kwalità ta' l-abbozzar.

*Artikolu 23*

**Is-Segretarju-Ġenerali u s-Segretarjat Ġenerali**

1. Il-Kunsill għandu jkun assistit minn Segretarjat Ġenerali, taħt ir-responsabbiltà ta' Segretarju-Ġenerali, li għandu jkun assistit minn Deputat Segretarju-Ġenerali responsabbli mit-tmexxija tas-Segretarjat Ġenerali. Is-Segretarju-Ġenerali u d-Deputat Segretarju-Ġenerali għandhom jinħatru mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

2. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar l-organizzazzjoni tas-Segretarjat Ġenerali. ([3])

Taħt l-awtorità tiegħu, is-Segretarju-Ġenerali u d-Deputat Segretarju-Ġenerali għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw il-ħidma tajba tas-Segretarjat Ġenerali.

3. Is-Segretarjat Ġenerali għandu jkun involut mill-qrib u kontinwament fl-organizzazzjoni, il-koordinazzjoni u l-iżgurar tal-koerenza tal-ħidma tal-Kunsill u l-implimentazzjoni tal-programm ta' 18-il xahar tiegħu. Taħt ir-responsabbiltà u l-gwida tal-Presidenza, huwa għandu jgħin lil din ta' l-aħħar fis-sejba ta' soluzzjonijiet.

Skond id-dispożizzjonijiet tat-Trattat UE, is-Segretarju-Ġenerali għandu jgħin lill-Kunsill u lill-Presidenza fi kwistjonijiet dwar il-politika estera u ta' sigurtà komuni, inkluża l-koordinazzjoni tal-ħidma tar-Rappreżentanti Speċjali.

Jekk ikun xieraq, is-Segretarju-Ġenerali jista' jitlob lill-Presidenza tlaqqa' kumitat jew grupp ta' ħidma, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwisjonijiet relatati mal-politika estera u ta' sigurtà komuni, jew tqiegħed punt fuq l-aġenda għal kumitat jew grupp ta' ħidma.

4. Is-Segretarju-Ġenerali jew id-Deputat Segretarju-Ġenerali għandhom jissottomettu lill-Kunsill abbozz ta' l-estimi tan-nefqa tal-Kunsill minn qabel biżżejjed sabiex jiżguraw li l-limiti ta' żmien stabbiliti mid-dispożizzjonijiet finanzjarji jkunu rispettati.

---

([1]) Ara d-dikjarazzjoni (j) li tidher hawn taħt:
(j) Rigward l-Artikolu 22
'Is-Servizz Legali tal-Kunsill ġie mogħti wkoll istruzzjonijiet sabiex jipprovdi assistenza lil Stat Membru responabbli għal inizjattiva fis-sens ta' l-Artikolu 67(1) tat-Trattat KE jew l-Artikolu 34(2) tat-Trattat UE bil-għan inter alia tal-kontroll tal-kwalità ta' l-abbozzar ta' tali inizjattivi jekk dik l-assistenza tkun mitluba mill-Istat Membru kkonċernat.'
Ara d-dikjarazzjoni (k) li tidher hawn taħt:
(k) Rigward l-Artikolu 22
'Membri tal-Kunsill għandhom jikkumentaw dwar proposti għal kodifikazzjoni uffiċjali ta' testi leġiżlattivi fi żmien tletin jum miċ-ċirkolazzjoni ta' tali proposti mis-Segretarjat Ġenerali.
Il-membri tal-Kunsill għandhom jiżguraw li dawk id-dispożizzjonijiet ta' proposta għall-formulazzjoni mill-ġdid ta' testi leġiżlattivi li jkunu ttieħdu mill-att preċedenti mingħajr emenda sostantiva jkunu eżaminati skond il-prinċipji stabbiliti għall-eżaminazzjoni ta' proposti ta' kodifikazzjoni.'
([2]) ĠU C 73, 17.3.1999, p. 1.
([3]) Paragrafi 1 u 2, l-ewwel subparagrafu, riproduzzjoni ta' l-Artikolu 207(2) tat-Trattat KE.

5. Is-Segretarju-Ġenerali, assistit mid-Deputat Segretarju-Ġenerali, għandu responsabbiltà sħiħa għall-amministrazzjoni ta' l-approprjazzjonijiet imdaħħla fit-Taqsima II – Kunsill – tal-baġit u għandu jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżgura li jkunu amministrati tajjeb. Huwa għandu jimplimenta l-approprjazzjonijiet in kwistjoni skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit tal-Komunitajiet Ewropej.

*Artikolu 24*

**Sigurtà**

Ir-regoli dwar is-sigurtà għandhom ikunu adottati mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

*Artikolu 25*

**Doveri bħala depożitarju ta' ftehim u konvenzjonijiet**

Fil-każ li s-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill ikun magħżul bħala d-depożitarju ta' ftehim konkluż skond l-Artikolu 24 tat-Trattat UE jew konkluż mill-Komunità u Stat wieħed jew aktar jew organizzazzjonijiet internazzjonali, ta' konvenzjoni konkluża bejn l-Istati Membri jew ta' konvenzjoni stabbilita skond l-Artikolu 34 tat-Trattat UE, l-atti ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni jew ta' approvazzjoni ta' dawk il-ftehim jew konvenzjonijiet għandhom ikunu ddepożitati fl-indirizz tal-Kunsill.

F'każijiet bħal dawn, is-Segretarju-Ġenerali għandu jwettaq id-doveri ta' depożitarju u għandu jiżgura wkoll li d-dati tad-dħul fis-seħħ ta' tali ftehim jew konvenzjonijiet ikunu pubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali.

*Artikolu 26*

**Rappreżentanza quddiem il-Parlament Ewropew**

Il-Kunsill jista' jkun rappreżentat quddiem il-Parlament Ewropew jew il-kumitati tiegħu mill-Presidenza jew bil-qbil ta' din ta' l-aħħar, mill-Presidenza li jkun imiss jew mis-Segretarju-Ġenerali. Il-Kunsill jista' jkun rappreżentat ukoll quddiem dawk il-kumitati mid-Deputat Segretarju-Ġenerali tiegħu jew minn uffiċjali anzjani tas-Segretarjat Ġenerali, li jaġixxu fuq istruzzjonijiet mill-Presidenza.

Il-Kunsill jista' jippreżenta wkoll l-opinjonijiet tiegħu lill-Parlament Ewropew permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub.

*Artikolu 27*

**Dispożizzjonijiet dwar il-forma ta' l-atti**

Id-dispożizzjonijiet dwar il-forma ta' l-atti huma mniżżla fl-Anness VI.

*Artikolu 28*

**Korrispondenza inidrizzata lill-Kunsill**

Korrispondenza lill-Kunsill għandha tiġi mibgħuta lill-President fl-indirizz li ġej tal-Kunsill:

Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea
rue de la Loi/Wetstraat 175
B-1048 Brussels

*ANNESS I*

**LISTA TA' KONFIGURAZZJONIJIET TAL-KUNSILL**

1. Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni ([1]);
2. Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji ([2]);
3. Ġustizzja u Affarijiet Interni ([3]);
4. Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur;
5. Kompetittività (Suq Intern, Industrija u Riċerka) ([4]);
6. Trasport, Telekomunikazzjonijiet u Enerġija;
7. Agrikoltura u Sajd;
8. Ambjent;
9. Edukazzjoni, Żgħażagħ u Kultura ([5]).

Kull Stat Membru għandu jiddetermina l-mod li bih ikun rappreżentat fil-Kunsill, skond l-Artikolu 203 tat-Trattat tal-KE.

Bosta Ministri jistgħu jipparteċipaw bħala membri sħaħ ta' l-istess konfigurazzjoni tal-Kunsill, bl-aġenda u l-organizzazzjoni ta' proċedimenti tiġi aġġustata kif meħtieġ. ([6])

Fil-każ tal-Kunsill dwar l-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni, kull gvern għandu jkun rappreżentat fil-laqgħat differenti tal-Kunsill ta' din il-konfigurazzjoni mill-Ministru jew is-Segretarju ta' l-Istat ta' l-għażla tiegħu.

---

([1]) Inklużi s-sigurtà u l-politika ta' difiża Ewropea u l-kooperazzjoni dwar l-iżvilupp.
([2]) Inkluż il-baġit.
([3]) Inkluża l-protezzjoni ċivili.
([4]) Inkluż it-turiżmu.
([5]) Inklużi affarijiet awdjoviżivi.
([6]) Ara d-dikjarazzjoni (1) imniżżla hawn taħt:
(l) Rigward l-Anness I, it-tieni sottoparagrafu
'Il-Presidenza se torganizza l-aġendi tal-Kunsill billi tiġbor flimkien punti ta' aġenda relatati, sabiex tiffaċilita l-attendenza mir-rappreżentanti nazzjonali rilevanti, b'mod partikolari fejn konfigurazzjoni partikolari tal-Kunsill tkun se tittratta ma' settijiet ta' suġġetti li jiddistingwu ruħhom b'mod ċar.'

*ANNESS II*

## DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI RIGWARD L-AĊĊESS PUBBLIKU GĦAL DOKUMENTI TAL-KUNSILL

*Artikolu 1*

### Kamp ta' Applikazzjoni

Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika għandu jkollha aċċess għal dokumenti tal-Kunsill soġġett għall-prinċipji, il-kondizzjonijiet u l-limiti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u d-dispożizzjonijiet speċifiċi stabbiliti f'dan l-Anness.

*Artikolu 2*

### Konsultazzjoni rigward dokumenti ta' partijiet terzi

1. Għall-fini li jiġu applikati l-Artikolu 4(5) u l-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u sakemm ma jkunx ċar, wara l-eżami tad-dokument fid-dawl ta' l-Artikolu 4(1), (2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, li m'għandux jiġi żvelat, il-parti terza kkonċernata għandha tiġi kkonsultata jekk:

(a) id-dokument huwa dokument sensittiv kif definit fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001;

(b) id-dokument joriġina minn Stat Membru u

ġie preżentat lill-Kunsill qabel it-3 ta' Diċembru 2001; jew

l-Istat Membru kkonċernat talab li ma jkunx żvelat mingħajr il-qbil tiegħu minn qabel.

2. Fil-każijiet l-oħra kollha, fejn il-Kunsill jirċievi applikazzjoni għal dokument ta' parti terza fil-pussess tiegħu, is-Segretarjat Ġenerali, għall-fini li japplika l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, għandu jikkonsulta lill-parti terza kkonċernata sakemm ma jkunx ċar, wara l-eżami tad-dokument fid-dawl ta' l-Artikolu 4(1), (2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, li hu għandu jew m'għandux jiġi żvelat.

3. Il-parti terza għandha tiġi kkonsultata bil-miktub (inkluż bl-email) u tingħata limitu ta' żmien raġonevoli biex twieġeb, b'kont meħud tal-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-parti terza għandha tintalab tagħti l-opinjoni tagħha bil-miktub.

4. Fejn id-dokument ma jaqax taħt il-paragrafu 1(a) jew (b) u s-Segretarjat Ġenerali, fid-dawl ta' l-opinjoni negattiva tal-parti terza, ma jkunx sodisfatt li l-Artikolu 4(1) jew (2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 huwa applikabbli, il-Kunsill għandu jieħu l-kwistjoni f'idejh.

Jekk il-Kunsill jaħseb li jirrilaxxa d-dokument, il-parti terza għandha tiġi infurmata immedjatament bil-miktub bil-ħsieb tal-Kunsill li jirrilaxxa d-dokument wara perjodu ta' żmien ta' mhux anqas minn għaxart ijiem ta' ħidma. Fl-istess waqt, għandha tinġibed l-attenzjoni tal-parti terza għall-Artikolu 243 tat-Trattat KE.

*Artikolu 3*

### Talbiet għal konsultazzjoni li jaslu minn istituzzjonijiet oħra jew minn Stati Membri

Talbiet għal konsultazzjonijiet mal-Kunsill magħmula minn istituzzjoni jew Stat Membru ieħor li jikkonċernaw applikazzjoni għal dokument tal-Kunsill għandhom jintbagħtu permezz ta' e-mail lil access@consilium.europa.eu jew bil-fax fuq + 32(0)2 281 63 61.

Is-Segretarjat Ġenerali għandu jagħti l-opinjoni tiegħu f'isem il-Kunsill mill-ewwel, waqt li jieħu kont ta' kwalunkwe limitu ta' żmien meħtieġ biex tittieħed deċiżjoni mill-istituzzjoni jew l-Istat Membru konċernat, u mhux aktar tard minn ħamest ijiem ta' ħidma.

*Artikolu 4*

### Dokumenti li joriġinaw mill-Istati Membri

Kwalunkwe talba minn Stat Membru taħt l-Artikolu 4(5) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 għandha ssir bil-miktub lis-Segretarju Ġenerali.

*Artikolu 5*

### Referenza għal talbiet mill-Istati Membri

Meta Stat Membru jirreferi għal talba lill-Kunsill, din għandha tiġi ttrattata skond l-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan l-Anness. Fil-każ ta' rifjut sħiħ jew parzjali ta' l-aċċess, l-applikant għandu jkun infurmat li kwalunkwe applikazzjoni konfermatorja għandha tiġi indirizzata direttament lill-Kunsill.

*Artikolu 6*

**Indirizz għal applikazzjonijiet**

L-applikazzjonijiet għal aċċess għal dokument għandhom jiġu indirizzati bil-miktub lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill/Rappreżentant Għoli, rue de la Loi/Wetstraat 175, B-1048 Brussel, b'e-mail lil access@consilium.europa.eu jew bil-fax lil + 32(0)2 281 63 61.

*Artikolu 7*

**Ipproċessar ta' applikazzjonijiet inizjali**

Soġġett għall-Artikolu 9(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, kwalunkwe applikazzjoni għal aċċess għal dokument tal-Kunsill għandha tiġi ttrattata mis-Segretarjat Ġenerali.

*Artikolu 8*

**Ipproċessar ta' applikazzjonijiet konfermatorji**

Soġġett għall-Artikolu 9(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, kwalunkwe applikazzjoni konfermatorja għandha tiġi deċiża mill-Kunsill.

*Artikolu 9*

**Ħlasijiet**

Il-ħlasijiet biex jiġu prodotti u biex jintbagħtu kopji ta' dokumenti tal-Kunsill għandhom jiġu stabbiliti mis-Segretarju Ġenerali.

*Artikolu 10*

**Reġistru pubbliku ta' dokumenti tal-Kunsill**

1. Is-Segretarjat Ġenerali għandu jkun responsabbli biex jipprovdi aċċess pubbliku għar-reġistru ta' dokumenti tal-Kunsill.

2. B'żieda mar-referenzi għad-dokumenti, għandu jkun indikat fir-reġistru liema dokumenti mfassla wara l-1 ta' Lulju 2000 diġà ġew rilaxxati lill-pubbliku. Soġġett għar-Regolament (KE) 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* ([1]) u l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, il-kontenut tagħhom għandu jkun disponibbli fuq l-Internet.

*Artikolu 11*

**Dokumenti direttament aċċessibbli għall-pubbliku**

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għad-dokumenti kollha tal-Kunsill, sakemm huma ma jkunux klassifikati u mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li ssir applikazzjoni bil-miktub skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

2. Għall-fini ta' dan l-Artikolu:

— 'ċirkolazzjoni' għandha tfisser distribuzzjoni tal-verżjoni finali ta' dokument lill-membri tal-Kunsill, ir-rappreżentanti jew id-delegati tagħhom;

— 'dokument leġiżlattiv' għandha tfisser kwalunkwe dokument li jikkonċerna l-eżami u l-adozzjoni ta' att leġiżlattiv fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 7 tar-Regoli preżenti.

3. Is-Segretarjat Ġenerali għandu jagħmel id-dokumenti li ġejjin disponibbli għall-pubbliku hekk kif huma jiġu ċċirkolati:

(a) dokumenti li l-awtur tagħhom la huwa l-Kunsill u lanqas Stat Membru, li saru pubbliċi mill-awtur tagħhom jew bl-approvazzjoni tiegħu;

(b) aġenda provviżorja għal laqgħat tal-Kunsill fil-bosta konfigurazzjonijiet tiegħu;

(ċ) kwalunkwe test adotta tal-Komunitajiet Ewropej.

---

([1]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

4. Sakemm ikun ċar li huma mhumiex koperti minn xi waħda mill-eċċezzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, is-Segretarjat Ġenerali jista' wkoll jagħmel id-dokumenti li ġejjin disponibbli lill-pubbliku hekk kif huma jkunu ġew iċċirkolati.

(a) aġenda provviżorja ta' kumitati u gruppi ta' ħidma;

(b) dokumenti oħra, bħal noti ta' informazzjoni, rapporti, rapporti ta' progress u rapporti dwar l-istat ta' diskussjonijiet fil-Kunsill jew wieħed mill-korpi preparatorji tiegħu li ma jirriflettux pożizzjonijiet individwali ta' delegazzjonijiet, eskluż opinjonijiet u kontribuzzjonijiet tas-Servizz Legali.

5. Is-Segretarjat Ġenerali għandu jagħmel id-dokumenti leġiżlattivi li ġejjin disponibbli għall-pubbliku, flimkien mad-dokumenti msemmija fil-paragrafi 3 u 4, hekk kif huma jiġu ċċirkolati.

(a) noti ta' tifsir u kopji ta' ittri li jikkonċernaw atti leġiżlattivi indirizzati lill-Kunsill minn istituzzjonijiet jew korpi oħra ta' l-Unjoni Ewropea jew, soġġett għall-Artikolu 4(5) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, minn Stat Membru;

(b) dokumenti preżentati lill-Kunsill li huma elenkati taħt punt fuq l-aġenda tiegħu mmarkati bil-kliem 'deliberazzjoni pubblika' jew 'dibattitu pubbliku' skond l-Artikolu 8 tar-Regolamenti ta' Proċedura;

(ċ) noti preżentati lill-Coreper u/jew lill-Kunsill għal approvazzjoni (noti ta' punt 'I/A' u 'A'), kif ukoll l-abbozz ta' atti leġiżlattivi li għalihom jirreferu;

(d) deċiżjonijiet adottati mill-Kunsill waqt il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat tal-KE u testi konġunti approvati mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni.

6. Wara l-adozzjoni ta' waħda mid-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 5(d) jew l-adozzjoni finali ta' l-att konċernat, is-Segretarjat Ġenerali għandu jagħmel disponibbli lill-pubbilku kwalunkwe dokumenti leġiżlattivi li jirrelataw ma' dan l-att li tfasslu qabel waħda minn tali deċiżjonijiet u li m'huma koperti bl-ebda eċċezzjoni stabbilita fl-Artikolu 4(1), (2) u (3), it-tieni sottoparagrafu, tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, bħal noti ta' informazzjoni, rapporti, rapporti ta' progress u rapporti dwar l-istat ta' diskussjonijiet fil-Kunsill jew f'wieħed mill-korpi preparatorji tiegħu ('riżultati ta' proċedimenti'), esklużi l-opinjonijiet u l-kontributi tas-Servizz Legali.

Fuq talba ta' Stat Membru, dokumenti li huma koperti bl-ewwel sottoparagrafu u li jirriflettu l-pożizzjoni individwali tad-delegazzjoni ta' dak l-Istat Membru fil-Kunsill m'għandhomx isiru disponibbli lill-pubbliku taħt dawn id-dispożizzjonijiet.

*ANNESS III*

**REGOLI DETTALJATI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DISPOŻIZZJONIJIET LI JIKKONĊERNAW IL-PEŻATURA TAL-VOTI FIL-KUNSILL**

*Artikolu 1*

Għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 205(4) tat-Trattat KE, l-Artikolu 118(4) tat-Trattat Euratom, u t-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 23(2) u l-Artikolu 34(3) tat-Trattat UE, il-popolazzjoni totali ta' kull Stat Membru għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2006 għandha tkun kif ġej:

| Stat Membru | Popolazzjoni (× 1 000) |
|---|---|
| Ġermanja | 82 500,8 |
| Franza | 62 370,8 |
| Renju Unit | 60 063,2 |
| Italja | 58 462,4 |
| Spanja | 43 038,0 |
| Polonja | 38 173,8 |
| Olanda | 16 305,5 |
| Greċja | 11 073,0 |
| Portugall | 10 529,3 |
| Belġju | 10 445,9 |
| Repubblika Ċeka | 10 220,6 |
| Ungerija | 10 097,5 |
| Svezja | 9 011,4 |
| Awstrija | 8 206,5 |
| Danimarka | 5 411,4 |
| Slovakkja | 5 384,8 |
| Finlandja | 5 236,6 |
| Irlanda | 4 109,2 |
| Litwanja | 3 425,3 |
| Latvja | 2 306,4 |
| Slovenja | 1 997,6 |
| Estonja | 1 347,0 |
| Ċipru | 749,2 |
| Lussemburgu | 455,0 |
| Malta | 402,7 |
| Total | 461 324,0 |
| Livell minimu (62 %) | 286 020,9 |

*Artikolu 2*

1. Qabel l-1 ta' Settembru ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej id-*data* dwar il-popolazzjoni totali tagħhom kif kienet fl-1 ta' Jannar tas-sena attwali.

2. B'effett mill-1 ta' Jannar ta' kull sena, il-Kunsill għandu, skond id-*data* disponibbli lill-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej fit-30 ta' Settembru tas-sena ta' qabel, jemenda ċ-ċifri stabbiliti fl-Artikolu 1. Din id-Deċizjoni għandha tiġi pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

*ANNESS IV*

1. Fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li ġejjin tar-Regoli ta' Proċedura u għal deċiżjonijiet li fir-rigward tagħhom, taħt it-Trattati, membri tal-Kunsill jew tal-Coreper ma jistgħux jipparteċipaw fil-vot, m'għandux jittieħed kont ta' voti minn tali membri:

   (a) L-Artikolu 1(3), it-tieni subparagrafu (iż-żamma ta' laqgħa tal-Kunsill f'post li mhux Brussel jew il-Lussemburgu;

   (b) L-Artikolu 3(7) (li jiġi inkluż fl-aġenda punt apparti dawk li jidhru fuq l-aġenda provviżorja);

   (ċ) L-Artikolu 3(8) (li jinżamm bħala punt 'B' fuq l-aġenda punt 'A' li kieku kellu jitneħħa mill-aġenda);

   (d) L-Artikolu 5(2), għal dak li jirrigwarda l-preżenza tal-Bank Ċentrali Ewropew biss (deliberazzjoni mingħajr il-preżenza tal-Bank Ċentrali Ewropew);

   (e) L-Artikolu 9(2), l-ewwel subparagrafu, punti (b) u (ċ), it-tieni u t-tielet subparagrafi (li r-riżultati tal-voti jsiru pubbliċi, spjegazzjonijiet tal-voti, dikjarazzjonijiet fil-minuti tal-Kunsill u punti fuq dawk il-minuti marbutin ma' l-adozzjoni ta' pożizzjoni komuni taħt it-Titolu VI tat-Trattat UE; li r-riżultati tal-voti jsiru pubbliċi, spjegazzjonijiet tal-voti, dikjarazzjonijiet fil-minuti tal-Kunsill u punti fuq dawk il-minuti li għandhom x'jaqsmu ma' każijiet oħra apparti dawk imsemmija fil-paragrafu 2);

   (f) L-Artikolu 11(1), it-tieni subparagrafu (li tinfetaħ proċedura ta' votazzjoni);

   (g) L-Artikolu 12(1) (użu tal-proċedura bil-miktub);

   (h) L-Artikolu 14(1) (deċiżjoni biex issir deliberazzjoni u jittieħdu deċiżjonijiet eċċezzjonalment abbażi ta' dokumenti u abbozzi li ma tfasslux fil-lingwi kollha) ([1]);

   (i) L-Artikolu 17(2)(a) u (b) (non-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' inizjattiva ppreżentata minn Stat Membru skond l-Artikolu 67(1) tat-Trattat tal-KE dwar l-Artikolu 34(2) tat-Trattat UE);

   (j) l-Artikolu 17(2)(ċ) u (d) (non-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' pożizzjoni komuni adottata abbażi ta' l-Artikolu 34 tat-Trattat UE jew ċerti direttivi, deċiżjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet);

   (k) L-Artikolu 17(4)(ċ) (pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' kwalunkwe miżuri li jimplimentaw deċiżjonijiet jew konvenzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 34(2) tat-Trattat UE);

   (l) L-Artikolu 17(5) (jekk deċiżjonijiet meħuda minn korp stabbilit taħt ftehim internazzjonali għandhomx jiġu pubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali).

2. Membru tal-Kunsill jew tal-Coreper jistgħu ma jagħmlux użu mid-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura b'konnessjoni ma' deċiżjonijiet li permezz tagħhom, taħt it-Trattati, dak il-membru jista' ma jipparteċipax fil-votazzjoni:

   (a) L-Artikolu 3(8) (possibbiltà ta' membru tal-Kunsill li jitlob l-irtirar ta' punt 'A' mill-aġenda);

   (b) L-Artikolu 11(1), it-tieni subparagrafu (possibbiltà ta' membru tal-Kunsill li jitlob il-ftuħ ta' proċedura ta' votazzjoni);

   (ċ) L-Artikolu 11(3) (possibbiltà ta' membru tal-Kunsill li jaġixxi f'isem ieħor waqt il-votazzjoni);

   (d) L-Artikolu 14(2) (possibbiltà għal kwalunkwe membru tal-Kunsill li jopponi diskussjoni jekk it-testi ta' kwalunkwe emendi ma jkunux tfasslu fil-lingwa li hu jew hi jkun speċifika).

---

([1]) Ara d-dikjarazzjoni (m) imniżżla hawn taħt:

(m) Rigward l-Anness IV, il-paragrafu 1(h)

'Il-Kunsill jikkonferma li l-prattika preżenti li permezz tagħha t-testi li jservu bħala bażi għad-deliberazzjonijiet tagħha huma mfassla fil-lingwi kollha ser tkompli tapplika.'

*ANNESS V*

## METODI TA' ĦIDMA GĦAL KUNSILL IMKABBAR

### Tħejjija għal laqgħat

1. Il-Presidenza għandha tiżgura li fajl jiġi preżentat biss lill-Coreper minn grupp ta' ħidma jew minn kumitat meta jkun hemm prospett raġonevoli ta' progress jew kjarifika ta' pożizzjonijiet li jkunu qed jintlaħqu f'dak il-livell. Bil-kuntrarju, fajls jistgħu jerġgħu jiġu riferuti biss lil grupp ta' ħidma jew lil kumitat meta meħtieġ, u fi kwalunkwe każ bil-ħsieb li jiġu indirizzati problemi preċiżi u definiti sew.

2. Il-Presidenza għandha tieħu l-passi meħtieġa biex tavvanza l-ħidma bejn il-laqgħat. Hi tista', per eżempju, bil-qbil tal-grupp ta' ħidma jew kumitat, twettaq bl-iżjed mod effiċjenti l-konsultazzjonijiet meħtieġa dwar problemi speċifiċi bil-ħsieb li tirrapporta lura lill-grupp ta' ħidma jew kumitat konċernat is-soluzzjonijiet possibbli. Hi tista' wkoll twettaq konsultazzjonijiet bil-miktub billi titlob lid-delegazzjonijiet jirreaġixxu b'forma miktuba għal proposta qabel il-laqgħa li jkun imiss tal-grupp ta' ħidma jew kumitat.

3. Kull fejn ikun xieraq, id-delegazzjonijiet għandhom jistabbilixxu l-pożizzjonijiet li wisq probabbli jkunu se jieħdu fil-laqgħa li jkun imiss f'forma miktuba qabel dik il-laqgħa. Meta dan jinkludi proposti biex jiġi emendat test, id-delegazzjonijiet għandhom jissuġġerixxu l-formulazzjoni speċifika. Kull fejn possibbli, il-kontribut bil-miktub għandu jiġi preżentat b'mod konġunt minn delegazzjonijiet li jħaddnu pożizzjonijiet identiċi.

4. Il-Coreper għandu jevita milli jerġa' jagħmel xogħol li jkun ġa sar fit-tħejjija tal-proċedimenti tiegħu. Dan għandu japplika b'mod partikolari għal punti 'I', għal informazzjoni dwar l-organizzazzjoni u l-ordni tal-ħidma tiegħu u għal informazzjoni fuq l-aġenda u l-organizzazzjoni ta' laqgħat futuri tal-Kunsill. Kull fejn ikun possibbli, id-delegazzjonijiet għandhom iqajmu punti dwar Affarijiet Oħra meta l-proċedimenti tal-Coreper ikunu qed jitħejjew iżjed milli waqt fil-Coreper innifsu.

5. Il-Presidenza għandha tinforma lid-delegazzjonijiet malajr kemm jista' jkun meta l-proċedimenti tal-Coreper ikunu qed jitħejjew dwar l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tippermetti tħejjija ddettaljata tal-proċedimenti tal-Coreper, inkluż informazzjoni dwar dak li l-Presidenza tistenna li tilħaq mid-diskussjoni dwar kull punt ta' l-aġenda. Bil-kuntrarju, il-Presidenza għandha, kif xieraq, tinkoraġġixxi lid-delegazzjonijiet jikkomunikaw lil delegazzjonijiet oħra, meta l-proċedimenti tal-Coreper ikun qed jitħejjew, informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet li jkunu se jieħdu fil-Coreper. F'dan il-kuntest il-Presidenza għandha tiffinalizza l-aġenda tal-Coreper. Il-Presidenza tista' tlaqqa' b'mod iżjed frekwenti l-gruppi li jħejju l-proċedimenti tal-Coreper, meta ċ-ċirkostanzi jitolbu hekk.

### Kondotta tal-laqgħat

6. L-ebda punt mhu se jitpoġġa fuq l-aġenda tal-Kunsill sempliċiment għal preżentazzjoni mill-Kummissjoni jew minn membru tal-Kunsill, ħlief fejn hu ppjanat dibattitu dwar inizjattivi maġġuri ġodda.

7. Il-Presidenza għandha toqgħod lura milli tpoġġi fuq l-aġenda tal-Coreper punti għal informazzjoni biss. Tali informazzjoni, per eżempju dwar ir-riżultat ta' laqgħat f'forum ieħor jew ma' Stat Terz jew istituzzjoni oħra, kwistjonijiet ta' proċedura u organizzazzjoni, eċċ, għandhom minflok jiġu trasmessi lil delegazzjonijiet meta l-proċedimenti tal-Coreper ikunu qed jitħejjew, kull meta jkun possibbli f'forma miktuba, u m'għandhomx jiġu ripetuti fil-Coreper.

8. Fil-bidu ta' laqgħa, il-Presidenza għandha tagħti kwalunkwe informazzjoni meħtieġa fir-rigward ta' kif għandha tiġi ttrattata l-laqgħa u b'mod partikolari tindika t-tul ta' ħin li għandha f'moħħha tiddedika għal kull punt. Għandha toqgħod lura milli tagħmel introduzzjonijiet twal u tevita r-ripetizzjoni ta' informazzjoni li hi diġà magħrufa mid-delegazzjonijiet.

9. Fil-bidu ta' diskussjoni dwar punt sostantiv, il-Presidenza għandha, skond it-tip ta' diskussjoni li jkun hemm bżonn, tindika lid-delegazzjonijiet it-tul massimu ta' l-interventi tagħhom dwar dak il-punt. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet l-interventi m'għandhomx jaqbżu ż-żewġ minuti.

10. Sessjonijiet ta' laqgħat kompleti għandhom, fil-prinċipju, jiġu pprojbiti; jistgħu jintużaw biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali fuq kwistjonijiet speċifiċi, b'limitu ta' żmien għall-interventi stabbilit mill-Presidenza.

11. Il-Presidenza għandha tagħti kemm tista' attenzjoni lid-diskussjonijiet, b'mod partikolari billi titlob lid-delegazzjonijiet jirreaġixxu għal testi ta' kompromess jew proposti speċifiċi.

12. Matul u fi tmiem il-laqgħat il-Presidenza għandha żżomm lura milli tagħmel sommarji twal tad-diskussjonijiet u għandha tirrestrinġi ruħha billi tislet konklużjoni qasira tar-riżultati (sustanza u/jew proċedura) milħuqa.

13. Id-delegazzjonijiet għandhom jevitaw li jirrepetu punti magħmula minn kelliema preċendenti. L-interventi tagħhom ikunu qosra, sostantivi u dritt għall-punt.

14. Delegazzjonijiet li jaħsbuha l-istess huma mħeġġa jikkonsultaw bil-ħsieb li kelliem wieħed jagħmel preżentazzjoni ta' pożizzjoni komuni dwar punt speċifiku.

15. Meta jkunu qed jiddiskutu testi, id-delegazzjonijiet għandhom jagħmlu proposti konkreti ta' abbozzar, bil-miktub, iżjed milli sempliċiment jesprimu n-nuqqas ta' qbil tagħhom ma' proposta partikolari.

16. Sakemm indikat mod ieħor mill-Presidenza, id-delegazzjonijiet għandhom joqogħdu lura milli jindirizzaw il-laqgħa meta jkunu jaqblu ma' proposta partikolari; f'dan il-każ is-silenzju jiġi kkunsidrat bħala qbil fil-prinċipju.

*ANNESS VI*

# DISPOŻIZZJONIJIET LI JIKKONĊERNAW IL-FOROM TA' L-ATTI

A. **Forom ta' Regolamenti:**

1. Regolamenti adottati b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill u Regolamenti tal-Kunsill għandhom jinkludu:

(a) fit-titolu tagħhom il-kelma 'Regolament', segwita min-numru tas-serje, id-data ta' l-adozzjoni tagħhom u indikazzjoni tas-suġġett-materja;

(b) il-kliem 'Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea' jew 'Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea', kif xieraq;

(ċ) referenza għad-dispożizzjonijiet li taħthom huwa adottat ir-Regolament, ippreċeduta bil-kliem 'Wara li kkunsidra';

(d) kwotazzjoni li tinkludi referenza għal proposti preżentati u għal opinjonijiet miksuba u konsultazzjonijiet miżmuma;

(e) dikjarazzjoni tar-raġunijiet li fuqhom huwa bbażat ir-Regolament, ippreċeduta mill-kelma 'Billi:', il-premessi jkunu nnumerati;

(f) il-kliem 'adottaw dan ir-Regolament' jew 'adotta dan ir-Regolament', kif xieraq, segwit mit-termini normattivi tar-Regolament.

2. Ir-Regolamenti għandhom jinqasmu f'Artikoli, u jekk xieraq miġbura f'kapitoli u taqsimiet.

3. L-Artikolu finali ta' Regolament għandu jiffissa d-data tad-dħul fis-seħħ, fejn dik id-data hi qabel jew wara l-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni.

4. L-Artikolu finali ta' Regolament għandu jkun segwit bi:

(a) (i) il-kliem 'Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha'

jew

(ii) il-kliem 'Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea', fil-każijiet kollha fejn att mhuwiex applikabbli għal, jew fi, l-Istati Membri kollha ([1]);

(b) il-kliem 'Magħmul fi…', segwit mid-data li fiha r-Regolament ġie adottat,

u

(ċ) fil-każ ta':

(i) Regolament adottat b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, il-formola:

| | |
|---|---|
| 'Għall-Parlament Ewropew | 'Għall-Kunsill |
| Il-President' | Il-President' |

segwit bl-isem tal-President tal-Parlament Ewropew u tal-President-fil-Kariga tal-Kunsill fiż-żmien meta r-Regolament jiġi adottat;

(ii) Regolament tal-Kunsill, il-formola:

'Għall-Kunsill

Il-President'

segwit bl-isem tal-President-fil-Kariga tal-Kunsill fiż-żmien meta r-Regolament jiġi adottat.

B. **Forom ta' Direttivi, Deċiżjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet (Trattat tal-KE)**

1. Direttivi u Deċiżjonijiet adottati b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, u Direttivi u Deċiżjonijiet tal-Kunsill, għandhom jinkludu fit-titoli tagħhom il-kelma 'Direttiva' jew 'Deċiżjoni'.

2. Rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet maħruġa mill-Kunsill għandhom jinkludu fit-titoli tagħhom il-kelma 'Rakkomandazzjoni' jew 'Opinjoni'.

3. Id-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' Regolamenti mniżżla f'A hawn fuq għandhom japplikaw *mutatis mutandis*, soġġett għad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat tal-KE, għal Direttivi u Deċiżjonijiet.

---

([1]) Ara d-dikjarazzjoni (n) imniżżla hawn taħt:
(n) Rigward l-Anness VI, il-paragrafu A.4 (a) (ii)
'Il-Kunsill jixtieq jimmarka li, fil-każijiet previsti fit-Trattati fejn att mhuwiex applikabbli għal jew fl-Istati Membri kollha, huwa meħtieġ li tiġi ċċarata l-applikazzjoni territorjali tiegħu fir-raġunijiet mogħtija għal u fil-kontenut ta' l-att konċernat.'

Ċ. **Forom ta' strateġiji komuni tal-Kunsill Ewropew, azzjonijiet konġunti u pożizzjonijiet komuni msemmija fl-Artikolu 12 tat-Trattat UE,**

strateġiji komuni, azzjonijiet konġunti u pożizzjonijiet komuni fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 12 tat-Trattat UE għandu jkollhom wieħed minn dawn l-intestaturi, kif xieraq:

(a) 'Strateġija Komuni tal-Kunsill Ewropew', numru tas-serje (sena/numru/PESK), id-data ta' l-adozzjoni u s-suġġett;

(b) 'Azzjoni Konġunta tal-Kunsill', numru tas-serje (sena/numru/PESK), id-data ta' l-adozzjoni u s-suġġett;

(ċ) 'Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill', numru tas-serje (sena/numru/PESK), id-data ta' l-adozzjoni u s-suġġett;

D. **Forom ta' pożizzjonijiet komuni, deċiżjonijiet kwadru, deċiżjonijiet u konvenzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 34(2) tat-Trattat UE,**

Pożizzjonijiet Komuni, Deċiżjonijiet kwadru, Deċiżjonijiet u konvenzjonijiet fit-tifsira ta' l-Artikolu 34(2) tat-Trattat UE għandu jkollhom waħda mill-intestaturi li ġejjin, kif xieraq:

(a) 'Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill', numru tas-serje (sena/numru/PESK), id-data ta' l-adozzjoni u s-suġġett;

(b) 'Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill', numru tas-serje (sena/numru/PESK), id-data ta' l-adozzjoni u s-suġġett;

(ċ) 'Deċiżjoni tal-Kunsill', numru tas-serje (sena/numru/ĠAI), id-data ta' l-adozzjoni u s-suġġett;

(d) 'Konvenzjoni stabbilita mill-Kunsill skond l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea' u s-suġġett."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha. Għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

L-ewwel programm ta' 18-il xahar tal-Kunsill għandu jiġi stabbilit għall-perjodu li jibda f'Jannar 2007.

Magħmul fi Brussell, nhar il-15 ta' Settembru 2006.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. TUOMIOJA